APRIL 2024

ĦARĠA NRU. 077

# il-pont



RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


5 Editorjal

7 Aħbarijiet

12 Reazzjonijiet, Ittri, Ideat

14 L-Intervista | Ġużè Cutayar

18 L-Intervista | Manuel Schembri

20 L-intervista | Lou Drofenik

23 L-Intervista | Marino Spini

26 L-Intervista | Godwin Ellul

30 Reċensjoni - *Forgione ta' Foggia*

31 Novella ta' Paul V. Azzopardi

34 Il-*Macbeth* ta' Dr Ġużè Bartolo

36 Ġrajja ta' Carmen Refalo

40 *Min Jogħdos Bla Maskra* ta' C. Scicluna

43 *Vojta l-Bajja/Barren is the Bay*

46 Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin

53 Versi lil Hinn minn Xtutna

56 Minn Fuq l-Ixkaffa



# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Ikun hemm żmien meta l-jiem jaħarbu wieħed wara l-ieħor bla ebda kontroll. Ir-rutina tax-xogħol bħal iġġorrna magħha. Matul ix-xhur xitwin hemm min joħroġ u jidħol lura d-dar fid-dlam, jasal mejjet bil-għeja u ftit jifdallu ħin biex jistrieħ fiżikament u psikoloġikament. Hemm min imbagħad - forsi ftit ħafna?- bħal ibierek il-jiem meta d-dlam jaqa' kmieni għaliex joffri okkażjoni biex jinġabar id-dar u jsib ħin biex jaqra l-kotba favoriti tiegħu fuq pultruna komda u għall-kwiet.

Min għandu għal qalbu l-ktieb jista' jgawdi minn inizjattivi oħra matul is-sena kollha, inkluża x-xitwa. U hawn qed nirreferi għall-bosta lejliet letterarji ta' natura differenti li jittellgħu minn entitajiet differenti, fosthom l-Akkademja tal-Malti, id-Dipartiment tal-Malti fl-Università, imma anki Dipartimenti oħra, l-Għaqda tal-Malti Università, EspRimi, djar tal-pubblikazzjoni, klabbs tal-qari, u anki kittieba u awturi individwali. Dawn kollha huma okkażjonijiet fejn persuni li jħobbu l-ktieb, il-poeżija u l-letteratura inġenerali jiltaqgħu, jisimgħu moqrijin xogħlijiet ta' natura differenti, jisimgħu diskorsi akkademiċi jew riċerkati minn esperti, u jaqsmu l-ideat tagħhom ma' ta' madwarhom.

Ma ninsewx l-edituri - li għalkemm naqsu drastikament għadhom jeżistu - tal-paġni letterarji f'ġurnali partikolari li ġimgħa wara oħra jagħtuna tagħrif dwar kotba u jlaqqgħuna ma' kittieba varji. Hemm imbagħad ix-xogħol li qed isir mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jew l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fuq fronti differenti.

Hemm imbagħad min jagħmel mill-aħjar biex jippromwovi l-ktieb inġenerali, inkluża l-letteratura Maltija, permezz tal-midja soċjali moderni bħalma huma YouTube, Instagram u TikTok. Dawn kollha huma ideat ta' min jinkuraġġihom ladarba l-ktieb hu mauufatt jew prodott li żgur mhux se jagħmel ħsara imma ġid. U dan il-ġid għandu jibda jitgawda minna lkoll sa minn meta nkunu għadna tfal.

Ma' dan kollu jintrabat ħsieb miktub minn Joel Miller li bagħatli qarrej regolari ta' IL-PONT minn Brisbane fl-Awstralja, Nazzareno Zerafa:

"Our investment in reading changes the book because the book has changed us... If books are merely a means of transferring information, then perhaps, yes, a book is a waste of time. If a summary of its thesis and key points could be presented in a brief article or Substack post, why not just save the hours and read the Substack post? All the more if the information is outdated or questionable for one reason or another. But that mistakes what a book is for. A book is a tool. It's a machine for thinking. And 'all machines', as Thoreau once said, 'have their friction.' The time it takes to engage with ideas - whether factual or fictional, emotional or intellectual, accurate or inaccurate, efficient or inefficient— might strike some as a drag. But the time given to working through those ideas, adopting and adapting, developing or discarding, changes our minds, changes us. It's not about the wisdom we glean. It's about what wisdom we grow."

Huwa dan li għandna nifhmu: il-ktieb qiegħed hemm biex nikbru minn ġewwa, psikoloġikament, emottivament u intellettwalment, mhux mill-perspettiva ta' but u flus. Il-ktieb jgħinna biex nagħrfu sew x'inhu jseħħ madwarna, jekk aħniex niġi użati, sfruttati, immanipulati jew le, u biex ma nibżgħux ngħidu le fejn hemm bżonn. Imma dan kollu mhux ħabib ta' politikanti li qegħdin hemm biex iħaxxnu buthom u xejn iktar. Għadna 'l bogħod ħafna mill-ideal. "U min mhux?", jgħidlek min hu komdu f'dan l-*istatus quo*.



# Aħbarijiet

MID-DINJA LETTERARJA

**IS-SONDAĠĠ TAL-ENTITAJIET TAL-PUBBLIKAZZJONI 2022**

Iċ-ċifri ppubblikati mis-Sondaġġ tal-Entitajiet tal-Pubblikazzjoni 2022 jixħtu dawl fuq kundizzjoni tat-tħassib li qed tħabbat wiċċha magħha l-industrija tal-pubblikazzjoni. Bejn l-2021 u l-2022 il-biċċa l-kbira tal-entitajiet tal-pubblikazzjoni – tlieta minn kull erbgħa (75%) – esperjenzaw żieda sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-ktieb. Ta' min jinnota li 16.4% minnhom attribwew sa 100% minn dawn iż-żidiet fl-ispejjeż għal żieda fil-prezz tal-karta. Mill-entitajiet li wieġbu s-sondaġġ, 58% qalu li raw żieda ta' 20% jew inqas fl-ispejjeż meta mqabblin mas-sena ta' qabel. Din kienet it-tielet sena konsekuttiva li sar is-Sondaġġ tal-Entitajiet tal-Pubblikazzjoni mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK), li qed ikun għajn importanti ta' informazzjoni, bi statistika preċiża dwar l-industrija tal-kotba. Wara konsultazzjoni mal-pubblikaturi ewlenin u l-Bord tal-KNK, kien sar kwestjonarju ġdid b'mistoqsijiet aktar speċifiċi li indirizzaw imkejjen ġodda mix-xefaq Malti tal-pubblikazzjoni. Is-sejbiet varji ta' das-sondaġġ fanndu aktar fl-ispejjeż tal-produzzjoni, u kixef bidliet fit-tfassil tal-pubblikazzjoni, l-allokazzjonijiet baġitarji, u t-tkabbir tal-komunità ta' kittieba awtoppubblikati.

It-tagħrif miġbur jindika tnaqqis sostanzjali fil-pubblikazzjonijiet diġitali, li ammontaw għal 0.5% biss mill-kotba ppubblikati kollha. Aspett interessanti huwa li l-pubblikazzjonijiet kummerċjali jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-pubblikazzjonijiet u jikkontribwixxu għal 65% tad-dħul kollu, anki minkejja l-fatt li l-produzzjoni tal-kotba edukattivi żdiedet ukoll.

Fejn għandu x'jaqsam ma' kotba ġodda, is-sondaġġ wera li kien hemm żieda ħafifa fin-numru ta' pubblikazzjonijiet b'sottoliċenzja mis-sena ta' qabel. Peress li l-biċċa l-kbira tal-kotba ppubblikati kienu titli oriġinali, dan ifisser li hemm ċerta reżistenza għall-bejgħ u x-xiri tad-drittijiet barranin. Is-sondaġġ jikxef ukoll li 47% u 40% tal-entitajiet tal-pubblikazzjoni allokaw 0% u inqas minn 20% mill-baġit tagħhom għall-promozzjoni u l-marketing tal-prodott tagħhom, rispettivament. Punt ieħor li joħroġ huwa li 60% tal-pubblikaturi li wieġbu s-sondaġġ kellhom biss sa 3 awturi b'kuntratt magħhom fl-2022.

Meta tqabbel in-numru ta' kemm ġew ippubblikati kotba mal-ISBNs maħruġa, wieħed jinnota li l-komunità ta' awtopubblikaturi f'Malta kompliet tikber. Importanti li nissottolineaw li t-tagħrif dwar l-ISBNs, skont kif jidher fis-sondaġġ tal-NSO, mhux bilfors ikun jaqbel ma' tagħrif nazzjonali jew uffiċjali ieħor tal-ISBNs, fosthom dak tal-KNK. Dan għax jaf ikun hemm diskrepanzi minħabba li l-KNK jinkludi anki ISBNs farradin għal kull għamla ta' ktieb, bħal pereżembju skont il-lingwa, jew skont jekk hux b'qoxra iebsa jew ratba.

Is-Sondaġġ tal-Entitajiet tal-Pubblikazzjoni 2022 jikxef għadd ta' sfidi għall-pubblikaturi Maltin. Permezz tat-tagħrif miġbur il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ifassal politiki, jattwa bidliet integrali, u jwieżen lill-imsieħba fl-industrija li qed juru reżiljenza u ħeġġa li jaddattaw liema bħalha meta kkonfrontati b'dawn l-isfidi. Id-dixxerniment minn das-sondaġġ se jkollu rwol ewlieni għall-KNK fil-laqgħat u l-gruppi ta' ħidma li se jkun qed ikollu fl-2024, bi preparazzjoni għall-istrateġija tiegħu għal bejn l-2025 u l-2030.

[Minn ktieb.org.mt]

### SEMINAR GĦALL-ISTUDENTI POSTGRADWATORJI



[Mill-Paġna Facebook Il-Malti fl-UM]

Nhar is-Sibt 27 ta' Jannar, uħud mill-istudenti li qed jagħmlu Masters jew Dottorat fil-lingwa u l-letteratura Maltija ltaqgħu fiċ-Ċentru tal-Konferenzi ta' Dar il-Ħanin Samaritan għal seminar informattiv li kien maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti Charles Mercieca, analista tad-data, spjega kif nistgħu nużaw xi programmi tal-istatistika u l-analiżi komputazzjonali biex jgħinuna fl-interpretazzjoni u l-viżwalizzazzjoni tad-data. It-tieni parti tmexxiet minn Dr Slavomír Čéplö, lingwista mis-Slovakkja li fl-aħħar snin ippubblika studji fuq il-Malti u ħadem mill-qrib mad-Dipartiment tal-Malti. Čéplö ddiskuta wħud mill-proġetti marbutin mal-Malti li diġà beda jaħdem fuqhom. Tkellem fuq ix-xogħol li għad irid isir u fuq kif ir-riċerkaturi jistgħu jagħtu sehemhom. Waqt iż-żjara tiegħu bħala mistieden tad-Dipartiment, Čéplö ta wkoll taħdita pubblika dwar l-isfidi tal-lingwistika moderna u xi soluzzjonijiet possibbli għalihom. Dan is-seminar serva ta' opportunità għar-riċerkaturi postgradwatorji tad-Dipartiment tal-Malti biex jiddiskutu u jagħtu s-suġġerimenti tagħhom għall-modi differenti li bihom tista' ssir ir-riċerka fl-oqsma tal-Malti.

### TAĦDITA DWAR IT-TRADIZZJONI TAL-QARĊILLA

Nhar it-8 ta' Frar 2024 Dr Olvin Vella ta taħdita pubblika dwar il-Qarċilla fis-sena li fiha tagħlaq 10 snin mill-qawmien mill-ġdid ta' din it-tradizzjoni. Il-Qarċilla hi teatru tat-triq li jittella' fil-Karnival. Il-format huwa dejjem l-istess - żwieġ komiku li jagħti spazju għal satira soċjali. Il-Karnival huwa marbut sew mal-binja tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u kien proprju biswit il-Kulleġġ li fl-1639 inqala' l-inkwiet fil-festi tal-Karnival wara d-digrieti stretti tal-Gran Mastru Lascaris. Apparti minn hekk l-ewwel Qarċilla li nafu biha hi dik ta' Dun Feliċ Demarco tal-1760. Din it-taħdita tat ħarsa lejn il-Qarċilla fl-isfond soċjali u reliġjuż tal-gżejjer Maltin. It-taħdita saret fil-Knisja tal-Ġiżwiti, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta, u ppermettiet lill-udjenza jlaħħqu l-ewwel rappreżentazzjoni tal-Qarċilla ġewwa Spazju Kreattiv.

### TNEDIJA TA' ŻEWĠ KOTBA TA' ĠORĠ PISANI F'GĦAWDEX

Nhar is-Sibt 10 ta' Frar 2024, f'Il-Ħaġar ġew mnedija ż-żewġ volumi *Tiġi Għawdex?* miktubin mill-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani u ppubblikati minn Delicon Books. Iż-żewġ volumi jiġbru fihom għażla ta' 130 artiklu li oriġinarjament kienu nkitbu, flimkien ma' tant oħrajn, sabiex l-awtur stess jaqrahom fil-programm dwar Għawdex li għal għexieren ta' snin kien jixxandar kull ġimgħa fuq Radju Malta. Bosta minn dawn l-artikli jagħtu ħjiel tal-ħajja imgħoddija li għexu l-Għawdxin ta' qabilna, permezz ta' tagħrif dwar drawwiet, xogħolijiet u tradizzjonijiet fost l-oħrajn. Artikli oħra jagħtu tagħrif dwar personaġġi ftit li xejn magħrufa, lokalitajiet u mkejjen storiċi. Għal din l-okkażjoni tkellem in-Nutar Paul George Pisani, iben il-poeta, u nqraw artikli minn din il-pubblikazzjoni ġdida. Permezz ta' rekordings antiki, min attenda seta' wkoll jisma' lil Ġorġ Pisani nnifsu jaqra siltiet minn dawn l-artikli.

### TIFTIX U TAQTIGĦAT - SEMINAR DWAR IL-VERSI TA' MARIO AZZOPARDI



Nhar is-Sibt, 24 ta' Frar 2024. fl-Aula Prima, fil-bini tal-Università fil-Belt, id-Dipartiment tal-Malti, l-Istitut Karmelitan u l-Akkademja tal-Malti organizzaw seminar ta' ġurnata dwar il-ġabra *Epistoli mid-Deżert* ta' Mario Azzopardi. F'dan is-seminar, intitolat "Tiftix u Taqtigħat - L-ispiritwalità ta' Mario Azzopardi", diversi kelliema analizzaw sezzjoni partikolari kull wieħed minn din il-ġabra, maħruġa minn Horizons proprju għaxar snin ilu. Il-kelliema waqt dan is-seminar kienu Glen Attard, Charles Briffa, Keith Borg, Charlo Camilleri, Pat Gatt, Adrian Grima u Immanuel Mifsud. Is-seminar kien miftuħ għall-pubblku ġenerali.

### TAĦDITA DWAR L-IKEL U *ULIED IN-NANNA VENUT FL-AMERKA* TA' ĠWANN MANO

Nhar is-26 ta' Frar 2024, l-Akkademja tal-Malti organizzat taħdita bl-isem ta' "L-Ikel u Lil Hinn Minnu f'*Ulied in-Nanna Venuut fl-Amerka*". Is-sit magħżul kien Dar Ħanin Samaritan, f'Santa Venera. Ir-rumanz ta' Juann Mamo hu mnaqqax permezz ta' bosta episodji marbutin mal-ikel. Kważi f'kull faċċata l-ikel jiġi ċċelebrat fil-kuntest tal-individwu, tal-familja, tal-ġirien u saħansitra tal-komunità. Minbarra tifsiriet temporali, l-awtur jistieden lill-qarrej jaħseb fuq l-ikel bħala mezz biex jifhem aħjar lill-kultura Maltija, bid-dikotomiji kollha tagħha. Bħal ktieb tar-riċetti, ir-rumanz jgħid żewġ stejjer, dik tal-awtur, u dik tal-qarrej. Jekk nieħdu vantaġġ minn din l-istedina, nindunaw, li l-ikel jiġi servut lill-qarrej f'erba' forom differenti. L-esplorazzjoni ta' dawn it-temi tfassal il-qofol ta' din it-taħdita, fejn l-ikel huwa wkoll sitwazzjoni li jiftaħ tieqa fuq aspetti ta' kontinwità u bidla. Il-kelliem kien Dr Noel Buttigieg.

### TAĦDITA DWAR DUN ĠORĠ PRECA F'SANTA VENERA




Nhar is-7 ta' Marzu 2024 Dr David Aloisio ta taħdita intitolata "u jdejk jgħallmuni kollox: Dun Ġorġ fi kliem Oliver Friggieri". Is-sit magħżul kien fis-Sala tal-Konferenzi ta' Dar il-Ħanin Samaritan, f'Santa Venera. Din l-attività kienet organizzata miċ-Ċentru Studju Dun Ġorġ, u waqtha tnediet il-ħamsin ħarġa ta' *Dun Ġorġ*, b'materjal dwar San Ġorġ Preca miktub mill-Prof. Oliver Friggieri.

### IL-FESTIVAL TAL-KTIEB FUQ IL-KAMPUS



Ritratt: mill-Paġna Facebook tal-KNK

Bejn l-20 u t-22 ta' Marzu 2024 fil-Kwadranglu tal-Università ta' Malta, ittellgħet il-11-il edizzjoni tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus, li fih ġiet offruta għażla wiesgħa ta' kotba ġodda, uħud minnhom bi skontijiet speċjali għall-istudenti u l-pubbliku. Il-pubblikaturi li pparteċipaw din is-sena kienu l-Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Horizons, Ede Books, Faraxa Publishing, Kite Group, Kotba Calleja, SKS Publishers, Malta University Press u Malta University Distributors, kif ukoll esebituri oħra bħall-Għaqda tal-Malti – Università, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Ambaxxata Irlandiża f'Malta. Disponibbli kien hemm kotba li jvarjaw kemm fl-udjenza li jimmiraw lejha, fil-ġeneri letterarji jew akkademiċi li jittrattaw, u anki fil-produzzjoni nnifisha tal-ktieb bħala prodott kummerċjali. Kull pubblikatur offra perspettiva partikulari mis-suq lokali, u l-inħawi universitarji seddqu l-iskambju tal-ideat.

### ĦATRA TA' MEMBRI ĠODDA FIL-BORD TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB



Il-bord il-ġdid tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, entità pubblika ddedikata li tħares il-ħtiġijiet tal-industrija tal-ktieb Malti, bi pjaċir ħabbar il-ħatra ta' 5 membri ġodda fil-Bord tiegħu. Dal-membri ġodda se jikkontribwixxu bis-saħħa tal-għarfien speċjalizzat tagħhom, tal-perspettivi differenti, u tal-passjoni komuni li għandhom għad-dinja tal-kotba. Il-Kunsill huwa mmexxi minn Bord mhux eżekuttiv ta' disa' membri nnominati mill-Ministru għall-Edukazzjoni u maħtura mill-Prim Ministru għal perjodu ta' tliet snin. Il-membri tal-Bord jistgħu jinħatru mill-ġdid wara li jiskadi t-terminu. Il-membri l-ġodda huma l-awtriċi Dr Sandra Hili Vassallo, il-pubblikatur ta' Faraxa Publications, is-Sa Joanne Micallef, il-Maniġer ta' Heritage Malta Publications, is-Sur Godwin Vella, il-poeta u edukatur Dr Omar Seguna, u l-awtur u lettur Dr David Aloisio, dan tal-aħħar appuntat bħala Deputat Chairperson. Il-Bord reġa' beda l-laqgħat regolari tiegħu nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu biex jiddiskuti l-ħidma tal-Kunsill għal din is-sena u l-istrateġija għall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iħares bil-ħerqa lejn il-frott tal-isforzi kollaborattivi tal-membri l-ġodda ma' dawk eżistenti, sabiex ikun żgurat li s-suq tal-pubblikazzjonijiet Maltin jibqa' forma vibranti tal-espressjoni kulturali u edukattiva. Il-Membri tal-Bord tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb huma: Kap Eżekuttiv - Mr Mark Camilleri; Segretarju tal-Bord - Mr Matthew Borg; Deputat Chairperson - Dr David Aloisio; Membri oħra: Sa Daniela Attard Bezzina; Dr Maria Brown; Dr Sandra Hili Vassallo; Sa Joanne Micallef; Dr Omar Seguna; u Mr Godwin Vella.

### L-AKKADEMJA TIPPARTEĊIPA F'JUM L-AWTURI EWROPEJ




L-Akkademja tal-Malti ħadet sehem f'Jum l-Awturi Ewropej li ġie ċċelebrat fl-20 ta' Marzu 2024. Għażla sabiħa ta' kotba mis-27 Stat Membru tal-UE żdiedu mal-Librerija Pubblika, kollezzjoni li tinkludi fiha kotba li rebħu jew kienu fil-lista ta' kotba għall-Premju tal-UE għal-Letteratura, il-Premju Nobel għal-Letteratura, il-Booker Prize u l-International Booker Prize. 120 awtur minn madwar l-Ewropa qraw siltiet mill-

pubblikazzjonijiet tagħhom ma' udjenzi żgħażagħ, inkluż tlieta fil-gżejjer Maltin: Joe Camilleri, Michael Cini, u Leanne Ellul. Dawn is-sessjonijiet ta' qari ġew koordinati mill-European Writers Council u l-membri lokali tagħhom, fil-każ ta' Malta, l-Akkademja tal-Malti. Jum l-Awturi Ewropej ġie mfakkar għall-ewwel darba s-sena l-oħra, u huwa maħsub biex jgħin lin-nies, b'mod partikolari t-tfal u ż-żgħażagħ, jiskopru (mill-ġdid) is-sbuħija tal-qari u d-diversità rikka tal-letteratura Ewropea b'mod partikolari. Jum l-Awturi Ewropej huwa inizjattiva tal-linja kulturali tal-Programm Ewropa Kreattiva tal-UE, li tappoġġja l-letteratura u l-pubblikazzjoni. Il-linja tal-kultura ta' Ewropa Kreattiva diġà tospita l-Premju tal-UE għal-Letteratura, tikkofinanzja xogħol ta' traduzzjoni biex il-letteratura Ewropea ssir aktar aċċessibbli, u tgħaqqad l-udjenzi mal-letteratura Ewropea, għanijiet li huma kondiviżi minn Jum l-Awturi Ewropej ukoll. Il-kotba huma disponibbli għall-membri kollha ta' Malta Libraries. Biex tissieħeb, żur librerija pubblika jew applika online fuq maltalibraries.gov.mt.



**Is-7 ta' April jaħbat is-37 anniversarju mill-mewt tal-poeta Karmenu Vassallo. IL-PONT ifakkar dan il-poeta permezz ta' dawn il-poeżiji.**

## UNKNOWN ISLAND

Dħalt nara film. Fit-talkies
fejn taqa' labra m'hemmx.
Kulħadd idoqq. Stħajjiltni
ser nara ddub ix-xemx!

Tfal xejn; u lanqas żgħażagħ
taħt wieħed u għoxrin.
Dan huwa film li jgħaġġeb
u jkexkex 'il-bnedmin!

Intfew id-dwal, u f'daqqa
liżar xegħ'l bil-kulur:
Virginia Grey l-attriċi;
u Philip Reed l-attur.

Hemm gżira f'wiċċ id-dinja
li biha ma jaf ħadd,
mgħammra b'bhejjem li bħalhom
għadhom ma dehru qatt.

Sinjur għani u ta' ħila,
m'ieħor qalbieni, lvent,
isib Kaptan li jwasslu
tal-qlugħ fuq bastiment.

Jitwerwru malli jirfsu
fuq dil-gżira u jaraw
bhejjem ma tafx x'fatta huma...
U fuqhom jisparaw.

Għalxejn! Daw'd-dbejjeb ħorox
il-balal ma jħossux.
Qishom bla ġilda! Ħluqhom
miftuħa u ma jigdmux!

Għidt, 'Dawn, nemla tisboqhom
f'qawwitha!' U nidħak bdejt.
L-għeġubijiet għal Alla!
Għalina l-hobż biż-żejt!

**(Minn: *Bejn Qċaċet u Qighan*, Melitensia Publications, 1974)**

## MA NAFX GĦALIEX

Ma nafx għaliex id-daqq tal-qniepen hieni
u tal-banda ġo qalbi jqanqlu d-diq...
Ma nafx għaliex is-sliem u l-hena f'għajri
għalija kienu u baqgħu biss tixniq.

## THEWDIN

Xi drabi nħoss li lħaqt bi vrusi s-Sema.
Kull darba nsib riġlejja ibsin mal-art.

**(Minn: *Tnemnim*, Union Press, 1981)**

# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

Keep in touch.

With friendship,
Dan Doman

**Email mingħand Paul V. Azzopardi, it-3 ta' Frar 2024**

Għażiż Patrick,

Għadni kif rajt l-aħħar kontribut ta' IL-PONT - eċċellenti bħas-soltu, u ħadt pjaċir ħafna nsir naf li qed tibgħat edizzjonijiet passati ta' IL-PONT lill-Università, l-Akkademja, u l-Biblijoteka. Għoġbitni ħafna l-intervista ma' Vincent Vella u issa naqra l-ktieb.

Bħalissa qed naqra *Kissing the Gallows* ta' William Zammit (BDL), xogħol uniku (sa fejn naf jien).

Grazzi tax-xogħol tiegħek u saħħa.

Insellimlek,
Paul

**Email mingħand Joe Axiaq, it-3 ta' Frar 2024**

Grazzi u prosit tal-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Tassew attraenti u stampata pulit b'materjal u aħbarijiet li japprezzaw dawk kollha li jħobbu l-letteratura Maltija.

Tislijiet mill-Awstralja,
Joe

**Email mingħand Ġużè Cutayar (Franza), is-7 ta' Frar 2024**

Grazzi ħafna Patrick.

Nifraħlek qatigħ għal IL-PONT, fih x'taqra u nieħu dejjem pjaċir nintebaħ bl-għana tal-kitba Maltija la jien maqtugħ mill-ħajja Maltija ta' kuljum. Kemm nista' nagħmillek il-qalb biex tissokta toħroġ IL-PONT, rivista li m'hemmx oħra bħalha!

Ħajr ta' kollox.

Saħħa u Sliem,
Ġużè



**Email mingħand Mario Griscti, il-31 ta' Jannar 2024**

Għażiż Patrick,

Irċevejt IL-PONT ta' Frar 2024. Jiena kont ċensier biss meta kont abbati imma ma nistax illum, ħafna qmura wara li kont inservi ta' abbati, ma nfaħħarx ukoll din l-aħħar ħarġa ta' IL-PONT li ċertament ma tagħmilx għajb lil ta' qabilha. Insib it-tagħrif interessanti u naturalment minħabba li ma nkunx naf kollox, ċerti notizzji jkunu ġodda għalija. Prosit Patrick, tal-poeżija tiegħek GAZA li turi kuxjenza soċjali tremenda favur il-maltrattati.

L-PONT eċċezzjonali. Patrick, wellidt magażin/ġurnal elettroniku li qed jedifika bis-serjetà l-letteratura tagħna u jibqa' opra letterarja immortali. Grazzi mill-qalb Patrick, u j'Alla IL-PONT ikompli jservi ta' għaqda bejn ħassieba, poeti, kittieba minn artna u l-bqija tad-dinja. Awguri dejjem.

B'Imħabba,
Mario

**Email mingħand Paul P. Borg, l-1 ta' Frar 2024**

X'hemm Patrick, bonġu.

Ħsieb għaqli li tgħaddi kopja lill-Melitensia tal-Università. Spejjeż sewwa nimmaġina. Jgħinu b'xi mod bħala xiri ta' kotba? Kieku anki kopji lill-Biblijoteka tal-Belt u libreriji oħrajn madwar Malta u Għawdex...

Sliem u proset dejjem,
Paul P. Borg

**Email mingħand Dan Doman, fotografu u ħajkista Rumen, it-2 ta' Frar 2024**

Dear Poet Patrick J Sammut,

How are you? Thank you very much for publishing Olga Neagu's photo-rengay poem and mine; also for the publication of my photo-haiku poem in the elegant IL-PONT online magazine. If Olga Neagu had lived, it would have been a small present for her birthday (on January 16 she would have turned 70). So I also thank you in her name.



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## ĠUŻÈ CUTAYAR JITKELLEM MA' IL-PONT DWAR L-AWTOBIJOGRAFIJA TIEGĦU *STĦAJJILTNI MALTI TA' ĠEWWA*, Malta University Press, 2009

**X'inhi r-relazzjoni tiegħek mal-ilsien Malti u ma' dak Franċiż?**

Qabel xejn nistqarr li hi relazzjoni ta' mħabba, ta' seħer u ta' għaxqa. Il-Malti hu l-"Imkien" li nħossni fih "jien innifsi"; fih tinġabar u tingħaqad il-ħajja familjari, il-ħajja soċjali. Twelidt minn ġenituri Maltin (mis-Siġġiewi) u l-Malti kien l-ilsien mitkellem id-dar. Kbirt b'dan l-ilsien sa ma ta' ħames snin u nofs, mort l-iskola għall-ewwel darba u hawn fost ħafna biki smajt il-Franċiż. Jien stess nistagħġeb kif il-Malti daħal fija mindu żgħir: il-kelma Maltija kienet tqanqal fija ferħ: inħobb nisma' l-kbar jitkellmu u meta missieri kien jidħol mix-xogħol kont inkun ħdejh għal xi ħrafa. Kien iħobb ittarrafli minn xiex għadda tul il-jum. Konna mmorru nagħmlu dawra u niltaqgħu ma' Maltin oħra ħbieb ta' missieri u għalija kienet xalata, nismagħhom u nlablab magħhom. Il-Malti kien l-għarbiel li minnu kont qiegħed nara, nisma', nilqa' l-ħwejjeġ tal-ħajja u l-kelma kienet ħelwa. Għadni niftakar minkejja l-għomor, l-għaxqa tiegħi meta mal-familja konna mmorru għall-priedki tar-randan bil-Malti. Kont noqgħod imsammar inħares lejn il-qassis Malti jkellimna u l-kliem dieħel fija. Il-Franċiż smajtu u bdejt nitkellmu l-iskola għax kien l-ilsien uffiċjali tat-Tuneżija; id-dar il-Malti kien ilsienna. Bil-Franċiż aħna tal-familja konna ninqdew u bl-Isqalli u bil-Għarbi Tuneżin mal-ġirien... Il-Franċiż kien l-ilsien tal-iskola. U għall-familja tagħna, il-Franċiż daħal bħala lsien ta' tagħlim obbligatorju. Sitwazzjoni komuni fost it-Taljani u l-Għarab u f'għadd kbir ta' familji Maltin. Il-Malti għamel minna Maltin, komunità Maltija, bi kburija li "aħna maltin" fost l-oħrajn li huma Taljani, Franċiżi, Tuneżini.

Jonqos l-għajta tiegħi dwar il-Malti: il-fatt li qegħdin noqtlu l-Kelma Maltija f'fomm it-tfal jew aħjar ma nagħtux ħajja ġdida, imġedda lill-Kelma Maltija f'fomm it-tfal. Qegħdin noħonqu r-Ruħ Maltija li tagħtina eżistenza bħala poplu, ġens Malti. Dal-ħsieb jiġri tul il-kitba tiegħi bil-Malti għax hu l-għan, il-qofol ta' kitbieti, hu għal qalbi.

**"Ħajja kosmopolita. Taħlita ta' nies, mentalitajiet u ilsna differenti... Jogħġobni dan it-taħlit ta' nies l-iżjed meta jwassal il-komunitajiet biex jinfetħu u jilqgħu 'l xulxin." (p. 14) Dan inti ktibtu f'rabta mat-Tuneżija li kont tgħix fiha bosta snin ilu. Illum hija s-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha aħna l-Maltin hawn Malta fl-2023. Taħseb li hija l-istess sitwazzjoni?**

Ma jidhirlix. L-emigranti Ewropej, fosthom il-Maltin, għandhom storja twila fit-Tuneżija li tmur qabel il-wasla tal-ħakma Franċiża; u l-Maltin kienu ġa hemm. Kien hemm il-ġej u sejjer ta' emigranti u fl-istess ħin dawk li baqgħu jgħixu fil-pajjiż. Il-ħajja soċjali kienet imqassma f'komunitajiet stabiliti Franċiżi, Taljani, Maltin u t-Tuneżini, komunità maħkuma mill-poter Franċiż. Malta għandha l-fatt ta' emigranti li daħlu Malta bl-addoċċ mill-Italja... u dawn tħalltu mal-miġemgħa Maltija. Illum il-Gvern mar ifittex ħaddiema mill-Ewropa u bnadi oħra biex jaħdmu Malta, biex jaqdu l-bżonnijiet tal-ekonomija Maltija u magħhom ġerrew il-familji. Eluf ta' emigranti maħruba minn pajjiżhom mingħajr aktar rabtiet. Ilqajniehom dawn in-nies? Ma naħsibx! Hemm ħaddiema li jiġu jaħdmu u jerġgħu jintbagħtu lura. Iżda dawk li jibqgħu x'inhu l-futur tagħhom? Il-fatt li aħna għadna b'mentalità ta' nies li kienu maħkuma minn



Ġużè Cutayar

potenza kolonjali, illum fil-fatt qegħdin niġu maħkuma mill-barranin; għax ma kellniex ir-rifless u l-kuraġġ nilqgħuhom u nimponu l-ilsien Malti bħala obbligu biex taħdem u tgħix f'Malta (hi ħaġa komuni f'pajjiżi li jilqgħu ħaddiema emigranti), u fosthom dawk li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa (sptarijiet, ċentri tal-anzjani). Dan hu rispett li juri li rridu li min jiġi Malta għax-xogħol nilqgħuh billi hu ukoll isir midħla tal-komunità Maltija, ikollu d-drittijiet u l-istima ta' ħaddiem u mhux ilsir tajjeb biss għax-xogħol. Li l-emigranti barranin jingħaqdu f'komunitajiet mhux biżżejjed biex iħossuhom milqugħin. B'hekk tinbena nazzjon bil-ġej u sejjer tal-emigrazzjoni; il-Malti għandu l-qawwa jsawwar in-nazzjon Maltija tal-bieraħ u ta' għada f'poplu wieħed.

**Interessanti l-aspett lingwistiku, il-Malti mitkellem fost il-komunità Maltija f'Tuneż fl-ewwel nofs tas-seklu 20. Xi tgħid dwar dan?**

Nista' ngħid li l-Malti kien il-lingwaġġ li kien jagħtina identità fit-Tuneżija, u dan minkejja l-qrubija mal-Għarbi Tuneżin, imma aħna konna nitkellmu bil-Malti u mhux bl-Għarbi. Fil-Malti daħal ftit kliem Għarbi bħal "il-beqi" flok il-bqija, xi uħud kienu jgħidu "jien niskenn" flok jien noqgħod... Maltin li kienu jgħixu fis-sud kienu jlissnu 'għ' u oħrajn jinqdew bil-'k' flok il-'q'. Imqabbel mal-Malti ta' Malta, x'aktarx tagħna kien aktar semitiku bħal "fieragħ" li kien ifisser ukoll "vojt". Fostna kien hemm bosta familji Maltin li kienu jkellmu lil uliedhom bil-Franċiż u bil-Malti bejniethom! Kellna biex niftaħru għax kellna parroċċa Maltija, qassisin Maltin, prietki bil-Malti u l-Ġimgħa l-Kbira, is-sala Maltija, għaqdiet sportivi u kulturali (teatrin).

**F'paġna 5 laqatni dan il-ħsieb profond tiegħek: dak li jkollok l-"imkien" tiegħek u "li tkun mistenni". Qatt ħassejtek nieqes minn dawn?**

Taf fejn tinġabar, taf li tista' tinġabar. Il-kelma "tinġabar" għandha tifsira qawwija f'ħajti. Kelma li ma stajtx infissirha bil-Franċiż għax fiha kontenut familjari, l-ilqugħ ta' ommi u missieri, il-ferħ li ninsabu flimkien u minn dan qatt ma kont nieqes. Ħassejt id-diqa meta kont ma' nies li ħadd mhu fi ħsiebhom, li għal ħadd m'inti mistenni meta kont fost żgħażagħ u familji mħollijin fis-solitudni. Bosta drabi ħassejt in-nuqqas tiegħu meta l-ħajra għaż-żwieġ kienet tiflini! Imma kelli lin-niesi, il-familja fejn stajt ninġabar.

**Kif jiltaqgħu flimkien il-kunċett tal-WIRT u l-kitba tal-awtobijografija?**

Kien il-Prof. Oliver Friġġieri li ħajjarni nikteb l-awtobijografija għax kont bejn żewġ kulturi. Kelli legat qawwi li xettel fija missieri meta kien ittarrafli dwar ħajtu, l-imħabba li kellu għal Malta u x-xewqa li kellu li jerġa' lura Malta; miegħu tgħallimt il-valuri tal-ħajja, il-fidi Nisranija (għożża tal-Maltin), il-familja magħquda, ir-rispett tal-bniedem. Dawn l-ideat tħalltu mal-kutura Franċiża li tisħaq fuq il-fatt li aħna indaqs, il-ġustizzja, il-libertà. Kont kbirt f'dan l-ambjent imma jien u nikteb stajt nara kemm aħna 'l bogħod minn dan il-wirt kulturali għalkemm ridt nikteb l-elementi li jgħinuna nimxu 'l quddiem, inqumu fuq tagħna, dak li jaħjina u nibqgħu nibnu ħajja soċjali li ma taħqarx iż-żgħir.

**Il-vantaġġ ta' min jaf iktar minn żewġ lingwi u l-fatt li llum f'Malta qed nitilfu t-tielet ilsien li huwa t-Taljan. Paradossalment fi żmien meta Malta fl-Ewropa teħtieġ li l-Maltin ikunu jafu iktar minn żewġ ilsna. X'taħseb dwar dan?**

L-itwal żmien li għaddejt Malta kien ta' xahrejn! M'għandix esperjenza biex nista' nitkellem dwar il-ħtieġa ta' tlitt ilsna mgħallmin f'Malta. Jekk nara d-diffikultà tat-tagħlim tal-ilsna li għandna Franza? It-tagħlim isir iżda x'jibqa' lil hinn mill-iskola? Ikun opportunità ikbar għal Malta billi l-Italja hi qrib il-Gżejjer Maltin għall-kummerċ, għat-turiżmu, għall-kuntatti kulturali (il-mezzi tax-xandir), iżda wkoll la aħna fi ħdan l-Ewropa t-tagħlim tal-Franċiż kieku nisħaq fuqu qatigħ u anki tal-Ġermaniż.

**Aspett rikorrenti hu r-rabta kbira li l-emigrant Malti – fil-każ tiegħek Malti li twelidt lil hinn minn Malta - jibqa' jkollu ma' art twelidu, ikun liema żmien ikun, ikun fejn ikun. Kemm hu veru dan?**

Dan hu veru għall-ġenerazzjoni tiegħi : ix-xewqa li nerġgħu lura Malta. U dan seħħ. Bosta familji Maltin u fosthom għadd ta' anzjani għażlu u setgħu jerġgħu jmorru lura Malta (wara l-indipendenza tat-Tuneżija). Ir-rabta ma' Malta, iva, tibqa' qawwija, iżda tibqa' bħala xewqa, ħajra li tmur iżżurha, tgħix waqtiet sbieħ: li l-ġenituri kienu rawmu f'uliedhom, żmien li ġġedded memorji, storja u rabtiet ma' Malta. Malta baqgħet issaħħar ulied l-emigranti, u dan inissel okkażjonijiet ta' bdil u skambju, possibiltà ta' xogħol u kreattivitajiet kummerċjali u kulturali.

**F'dan il-ktieb tħallat it-tifkiriet mill-imgħoddi mar-riflessjonijiet dwar is-soċjetà kontemporanja. Din tiegħek hija ħarsa doppja lejn il-ħajja fl-imgħoddi u dik tal-preżent. Dan jagħmel dal-ktieb iktar minn awtobijografija. X'taħseb?**

Meta kont qed nikteb, kelli quddiemi s-soċjetà Maltija li fiha kont għext żminjiet ta' btajjel l-itwal xahrejn. Missieri rawwem fija l-aspett raħli ta' Malta fi żmien ta' faqar u ta' għaks, u ukoll Malta ta' wara l-Ewwel Gwerra Dinjija. U jien kont żort Malta ta' żmieni, għext mal-qraba u ma' għadd ta' żgħażagħ tampari. Jien u nikteb kont mingħalija niddjaloga

magħhom, ma' Malta tal-lum u nfisser ħsibijieti, fehmieti, x'dehra kelli għal Malta biex tibqa' tisħaq fuq il-modernizzar tal-pajjiż u b'hekk nagħti sehmi kif xtaq minni l-Pa. «Agħti sehmek » kien qalli.

**F'paġna 24 tikteb, imma anki f'paġni oħra: "Malta la hi blata-fortizza, tajba għall-gwerer u lanqas lukanda 'moderna' għat-turiżmu modern sfrenat u bla rażan (ibni u ħalli min jibni djar u lukandi u ħalli 'l-oħrajn jaħsbu għall-ħarsien tal-ambjent)." Għalkemm imbiegħed fiżikament minn Malta tidher li inti infurmat sewwa dwar x'qed iseħħ. Xi tgħid dwar dan? Kemm hu importanti li fuq dil-gżira ċkejkna nibżgħu għall-wirt naturali tagħna?**

Nifraħ nara li Malta ma għażlitx li tibni l-ekonomija tagħha biss fuq i-turiżmu, dan kien ikun l-qerda tal-ambjent u ta' sens nazzjonali oriġinali: kollox għat-turist, bħallikieku m'aħniex poplu, nazzjon bid-drawwiet u l-oriġinalità tiegħu, ngħixu biss għat-turisti. Gżira ċkejna, izda għandha x'offri jekk nirrispettaw il-ħajja tal-poplu Malti u l-ħtiġijiet tagħha u l-mezzi meħtieġa biex Malta tkun art kapaċi tilqa' t-turisti mingħajr ma tinsa li hi qabel kollox l-art tal-għixien tal-poplu Malti u Għawdxi.

**Tinħass ukoll l-idea li l-ilsien u l-kultura Maltija huma iktar apprezzati minn min jinsab 'il bogħod minn art twelidu. Taqbel? Għaliex dan?**

Konna maħkumin u għadna taħt l-influwenza li tal-ieħor hu aħjar; għandna nkunu aħjar minnhom, aktar u aktar jekk dan fih il-qligħ! Kemm-il darba smajt «U aħna x'għandna, x'kultura, x'pittura, ilsien li ma jaqdikx... iżda bit-turiżmu daħal il-kummerċ, il-qligħ, id-diskors tbiddel, kemm għandna x'inbigħu! Inħoss li hemm nuqqas kbir bħallikieku għandna diffikutà nintebħu b'dak li hu tagħna, bir-rikkezzi, bil-ġenju kbir, bil-kapaċità intelletwali u tekniku; il-Malti bieżel, poplu ħaj b'enerġija kbira li ħa postu fost il-ġnus u qiegħed jagħti sehmu. Il-Malti ġie mwarrab, imċaħħad minn nies li kellhom kultura imma li kienu maħkuma mill-preġudizzji; m'hemmx għalfejn tarmi dak li hu tiegħek biex tapprezza dak li hu tiegħek. Intebaħ bis-sabiħ li għandek, u t-tieqa tal-kultura tinfetaħlek.

**F'paġna 28 tikteb hekk: "Nistqarr li l-Malti li kont nitkellem u li kont naqra ma kienx ta' xkiel għalija fl-istudju tal-Franċiż iżda ta' għajnuna, għax sawwar fija 'stil' fil-lingwaġġ Franċiż miktub u mitkellem." Kif seħħ eżattament dan?**

Ta' tnax -il sena dħalt is-Seminarju Minuri. Dan ifisser li tlaqt mill-familja, mill-imkien fejn kont nitkellem bil-Malti lura mill-iskola primarja. Hawn kollox kien bil-Franċiż. Kont nitkellem bil-Malti meta ommi kienet tiġi żżurni nhar ta' Ħadd. Fost sħabi wieħed kien Malti u kien jaf bil-Malti... Maqtugħ minn għeruqi kont nistenna ħerqan il-wasla tal-btajjel sajfin, kont inkun miġbur mal-familja, ma' missieri, il-Malti kien jerġa' jieħu r-ruħ. Biex inwieġeb għall-mistoqsija tiegħek, naħseb li dak li għeni kien il-fatt li spiss kont nerġa' naħseb bil-Malti, nitkellem bejni u bejn ruħi f'xorta ta' traduzzjoni, dik il-xi ħaġa li għamilt erbgħin sena wara meta bdejt insarbat għadd ta' kliem bil-ħsieb li ngħaqqadhom f'dizzunarju... U bqajt ġej u sejjer Malti-Franċiż fil-ħsieb tiegħi, djalogu li rabatni mal-imgħoddi, izda meta kont nitkellem bil-Franċiż, Franċiż kien u mhux




taħlita, taħwida u għall-Malti l-istess. Li daħal fit-taħdit u fil-kitba huma t-tixbihat, il-mod kif tmexxi d-diskors, l-istil tal-lingwaġġ ħaj, kollu xemx... Bħala eżempju t-taħdit tal-Franċiżi tas-Sud (il-kitbiet ta' Marcel Pagnol).

***Stħajjiltni...* hu ktieb li għenek ukoll tiskopri iktar min inti u fl-istess ħin jgħinna niskopru x'jagħmilna verament Maltin. Kemm hu veru dan?**

Dażgur meta tikteb dwar ġrajjietek tintebaħ bir-rabtiet li kellek u li tlift minħabba l-istorja tiegħek ; tlift l-għadqa tal-komunità Maltija f'Tuneż li kont ngħix fiha, ġejt imwarrab, imma għallanqas kelli x-xorti li fis-Seminarju Minuri kien hemm komunità ta' sorijiet Maltin... u billi kont naf bil-Malti kont nieħu ħsieb inwassal il-ħwejjeġ maħmuġin għall-ħasil u hawn kont ngħaddi mument mill-isbaħ inparla ma' soru żagħżugħa tampari... konna Malta wlied Malta li konna nħobbu bil-wirt tagħha. L-istess meta l-arċisqof Gonzi żar il-Maltin ta' Tuneż u ġie s-Seminarju: kont jien li tajtu l-merħba (u tgħidx kemm kont kburi u ferħan naqra l-kitba li ħejjejt). Għadd kbir ta' Franċiżi minn nisel Malti ħassew fihom il-ħtieġa li jiskopru l-antenati tagħhom billi żaru lil Malta u wara talbu ċ-ċittadinanza Maltija meta kellhom il-possibibità ; li tkun taf minn fejn inti ġej, għeruqek, l-art fejn għexu missirijietek, bżonn ta' rabta u ta' għarfien.

**F'paġna 52 naqraw il-frażi magħrufa "Malta ħanina". Kumbinazzjoni ftit xhur ilu kont Sqallija n-naħa t'isfel fl-Ilvant, f'Marzamemi (villaġġ tas-sajjieda), u ltqajt ma' raġel ta' ġilda sewda li kif sar jaf li jiena minn Malta uża l-istess frażi. Għaliex taħseb gżiritna tissejjaħ hekk?**

Ma nafx, imma nieħu pjaċir nismagħha għax anki l-ambaxxatur Franċiż Daniel Rondeau meta kien Malta

ppubblika ktieb *Malta Ħanina* (‘admis dans la confidence d'une vieille civilisation’ (milqugħ fi ħdan il-kunfidenza ta’ ċivilizzazzjoni antika)). Kienet tingħad Tuneż “Malta ħanina, biċċa ħobż u biċċa sardina”. Forsi bħalha tifħir għax kien komuni ngħidu li l-poplu Malti hu ħanin, jaf jilqa’, bieżel fix-xogħol u dejjem minn ta’ quddiem biex jgħin, jaf iħenn; imma nħoss li hemm ukoll tfakkira, allużjoni ta’ kemm il-poplu Malti għex fil-faqar, hemm għarfien ta’ kemm il-Malti jaf ifaddal, u jgħix bil-ftit. Fit-Tuneżija kellna familji Maltin għonja u bosta kienu f’qagħda soċjal tajba wisq.

***Stħajjiltni...* hu wkoll ktieb li għandu jgħinna nifhmu iktar is-sitwazzjoni li fiha jinsabu mijiet ta’ immigranti mxerrda fil-gżejjer Maltin, ladarba aħna stess xi darba jew oħra għexna sitwazzjoni simili. X’taħseb?**

Malta hi art ta’ emigrazzjoni. Daħħalna fit-taħdit tagħna l-verb «siefer» b’tifsira oriġinali, titlaq minn art twelidek (bil-ħsieb li terġa’ lura), u dan jurina kemm il-Maltin kienu mdorrijin jitkellmu u jgħixu s-safar b’diqa kbira. Għandna fina l-ġerħa tal-tbegħid minn artek, il-biża’ tal-ġejjieni fuq art li għalik hi barranija mingħajr ebda tħejjija biex tiffaċċja din il-ħajja ġdida, b’lingwa oħra, waħdek, mingħajr sigurezza u f’idejn min jaħkmek... Iva, nistgħu nifhmu t-tbatija tal-emigranti għax għandna esperjenza qarsa ta’ xi tfisser l-emigrazzjoni, għexnieha, izda ninsew u noħolqu sitwazzjonijiet iebsa ta’ xogħol u ta’ għajxien lil dawk li ħajjarna jiġu jaħdmu fuq artna.

**Dan tiegħek hu wkoll ktieb b’element spiritwali-reliġjuż-soċjali fis-sens wiesa’ qawwi. Xi tgħid dwar dan, u għaliex?**

Minkejja li meta ktibt *Stħajjiltni...* kont miżżewweġ, jien kont l-istess bniedem saċerdot u miżżewweġ b’mara u b’żewġt itfal; xejn ma kont ċħadt, u l-fidi żur li le. Id-diskors tiegħi baqa’ li kien, il-ħsus tiegħi ma tbiddlux; inħossni biss iżjed fil-ħajja soċjali, naqsam ma’ ħuti s-sabiħ u l-ikrah. Dejjem b’dik il-ħarsa ta’ mħabba għall-ħwejjeġ Maltin li jolqtu l-mixja tas-soċjetà, il-ħarsa li kelli lejn il-batuti, il-minsijin, id-dgħajfa; u l-ħarsa tiegħi tingħaqad ma’ twemmini għax hi l-mixja tas-saltna ta’ Kristu, il-ħarsa tal-Evanġelju fil-ħajja ta’ kuljum. B’hekk insaħħaħ fija u f’ħuti bnedmin it-tama f’ġejjieni aktar ġust, aktar rispettuż tal-bniedem.

**Bħala għalliem fil-kulleġġ ta’ De La Salle ma nistax ma nistaqsikx dwar x’tiftakar mill-freres u Br Henry.**

Ma niftakarx kif sirt naf lil Br Henry. Naf li sirna ħbieb u li kont niltaqa’ miegħu kull darba li kont niġi Malta. Kien is-Siġġiewi meta qaddist l-ewwel quddiesa u kien hemm ukoll Ivo Muscat Azzopardi li kien iħobb ħafna l-Maltin ta’ Barra. Kien dħuli Br Henry, konna niltaqgħu l-Kottonera u kien jurini x-xogħlijiet li kien iħejji għall-istudenti, grammatika, poeżiji... u tarrafli bosta rqaqat grammatikali. Kien iħobb il-Malti u spiss b’sogħba kbira kien jistqarrli l-qagħda ħażina tal-Malti, u n-nuqqas ta’ għarfien tal-Malti fl-istudji...

**Interessanti wkoll il-biċċa tal-għaqdiet Maltin fi Franza. Kemm għadhom realtà dawn illum? U min huma l-membri tagħhom?**

Kellna għadd ta’għaqdiet «Les amis de Malte» jew sociétés *franco-maltaises* f’ħafna bliet Franċizi: Pariġi, Lyon, Toulouse, Nice, Marseille... L-imseħbin ta’ dawn l-għaqdiet kienu Franċiżi ta’ nisel Malti li kienu għexu fl-Afriku ta’ Fuq (Alġerija, Tuneżija). Wara l-indipendenza, Franza laqgħathom (!) u dawn tferrxu ma’ Franza kollha. Għadd kbir xtaqu jinġabru f’għaqdiet biex iżommu ħajjin it-tradizzjonijiet, il-memorja u t-tifkiriet li kienu jgħaqqduhom. Fosthom, l-aktar dawk li kienu ġew mit-Tuneżija, setgħu jgħożżu bejniethom l-ilsien Malti. Illum l-għaqdiet bdew jiddgħajfu, dik ta’ Lyon għabet għax in-nies bdiet tixjieħ, timrad u tmut minkejja li sħaqna qatigħ biex l-ulied jieħdu interess, imma fallielna!

**F’paġna 129 tikteb: “U jien ngħajjat lili nnifsi li rridha dil-ħajja ta’ miżżewweġ, b’familja u xogħol, bl-inkwiet u sarar... Ma nistax għaliha din iċ-ċanfira, mhix ċajta; hi daqqa ta’ ħarta għax irrid inkun bħalhom u magħhom, mhux fosthom biss u naħsel idejja. U nistħajjel il-ħajja tal-ġabra d-dar mal-familja, raġel ma’ marti u missier ma’ wliedi.” Xi tgħid dwar din ix-xewqa bikrija tiegħek li aktar tard saret ukoll realtà? Xi prezz kellek tħallas?**

Il-prezz li kelli nħallas kien it-telf tal-ministeru; b’ħasra u diqa kbira kelli nitlaq dak li għalih kont tajt ħajti u din hi l-weġgħa li stajt nibqa’ ngħixu l-ministeru fil-parroċċa u fost nies ħandikappati bil-wisq aħjar b’ħajja li hi komuni (għal kulħadd). Ma nistax ngħid li kienu bosta dawk li ċaħduna... bil-kuntrarju xtaqu li nibqgħu nieħdu ħsieb il-pastorali fost il-persuni li jbatu b’inkapaċità; il-mentalità ta’ ċaħda mill-lajċi tbiddlet, iżda l-istituzzjoni baqgħet li kienet.

**Jinħass li fil-kitba u fil-ħsieb tiegħek hemm taħlita bbilanċjata bejn il-Malti Mediterranju u l-Franċiż razzjonali, hemm is-saċerdot u l-lajk, meta tikteb dwar l-imħabba, is-sesswalità, il-familja, id-divorzju, l-abort, is-solitudni u oħrajn. Fik dawn huma żewġ kurrenti li jiġru flimkien mhux kontra xulxin. Kemm hu veru dan? Dan tagħmlu konxjament jew inkonxjament?**

X’aktarx li t-tnejn huma tajbin. Il-Franċiż hu razzjonali fil-ħsieb tiegħu, «cartesien» logika, imma jien qatt ma stajt nidħol f’din il-loġika, infisser dak li nara u ngħidu kif inħossu. Tagħlim tal-Franċiż u għajxien fi ħdan il-kultura Franċiża daħħluni f’dehra ta’ soċjetà li ma tħallatx ir-reliġjuż u l-profan, spirtu ta’ lajċità, fil-ħajja ċivili, fil-ħajja pubblika m’hemmx twemmin. Qatt ma ħassejtni mfixkel, konfuż; bil-kuntrarju fija nibet aktar rispett fid-djalogu jien u nilqa’ dak li ieħor qed jiddiskuti miegħi. U żgur li issa dan nagħmlu inkonxjament, Franċiż mal-Franċiżi, iżda Malti fl-espressjoni tiegħi.

***Stħajjiltni...* għandu mill-manwal ta’ tiġrib il-ħajja, tan-natura umana, li drabi joqrob lejn l-omelija. Hu frott ta’ min għamilha għal tant snin ma bosta nies ta’ kull stat, ċirkustanza u klassi. Reazzjonijiet tiegħek?**

Jien u nikteb *Stħajjiltni...* kelli quddiem għajnejja nies li magħhom kelli xi ħaġa x’naqsam magħhom, xtaqt inkellimhom, ngħidilhom il-fehma tiegħi mill-esperjenza li kont għext; inħares magħhom lejn il-ġejjieni; inwasslilhom aħbar ta’ mħabba u ta’ tama. Kont milqut fil-ġewwieni tiegħi u x’aktarx li l-kitba kienet tieħu sura ta’ omelija, twiddiba magħġuna fil-fidi tiegħi. Xtaqt nibqa’ marbut mal-ħajja li kienu qegħdin jgħixu ħuti Maltin f’Malta.

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT JINTERVISTA LIL MANUEL SCHEMBRI

*Manuel Schembri twieled f'Bormla fl-1964. Għamel xogħlijiet differenti u vvjaġġa ħafna. Kellu wkoll ristorant tiegħu f'Malta, u wara, madwar 20 sena ilu, isettilja fil-gżira ta' Għawdex. Minn dakinhar ħadem għal rasu fil-qasam tal-manutenzjoni tad-djar. Imma l-passjoni tiegħu dejjem kienet il-kitba u r-repertorju tiegħu huwa vast u passjonalment romantiku. Poeżiji tiegħu dehru f'IL-PONT ta' Awwissu 2023.*

**Meta u minn fejn bdiet il-ġibda tiegħek lejn il-kitba tal-poeżija?**

Snin ilu, kelli xi erbatax-il sena. Kont dejjem inħobb il-poeżija bil-lingwa Maltija. Dejjem interessajt ruħi, u kien jogħġobni ħafna dak iż-żmien Anton Buttigieg. Kont nipprova u narmi l-karti, sakemm fl-aħħar irnexxieli nqabbel il-kliem. Naħseb li kienet il-ġibda tiegħi lejn il-Malti li tatni l-ħajra biex nikteb.

**Liema kienu l-kittieba jew/u poeti Maltin jew barranin li qrajt jew qed taqra u li ħallew xi tip ta' influwenza fuqek? Kif?**

Naħseb l-aktar kittieb li dejjem ħadt gost naqrah kien Alfred Sant. Oħrajn, bħal Frans Sammut u Karmenu Micallef kienu wkoll kittieba li dejjem għoġbuni. *Fula Maqsuma* kien ir-rumanz li tani spinta kbira fil-kitba. Jien nidħol fil-profond tal-qari u npoġġi lili nnifsi bħala parti mill-ktieb. Bħala kittieba barranin jogħġobni ħafna Clive Cussler.



**Manuel Schembri**
[Ritratt Miriam Sorrell]

**Liema huma l-postijiet li fihom tikteb? Hemm xi ħinijiet speċifiċi meta tagħmel dan?**

Postijiet specifici m'hemnx partikularment. Kultant inkun qed insuq u nibda noħloq il-poezija jew xi kitba oħra. Ġieli jkolli nieqaf biex niktibha għax mhux dejjem tiftakar dak li tkun ħloqt. Però, is-silenzju ta' filgħaxija naħseb hu l-aktar li fih inħossni rilassat kemm mentalment u kemm fiżikament. Jien ma nisfurzax biex nikteb, iżda nħalli lil moħħi u lil qalbi jiltaqgħu.

**X'inhu dak li jispirak? Għaliex tħoss il-ħtieġa li tikteb f'għamla ta' versi?**

Il-versi forsi huma l-aktar forma ta' poeżija magħrufa, però ma niktibx hekk biss, jiddependi dak li nkun qed nikteb. L-ispirazzjoni tiegħi tiġi mill-ħajja. Kull ħaġa li tgħix għalija fiha sinjifikat, allura kull ħaġa tispirani. Forsi xxurtjat li kapaċi nimmaġina u nuża l-fantażija ħafna. Inħobb inqabbel ħaġa m'oħra: għalija werqa niezla minn siġra mhix sempliċiment qed tmut, iżda għaliex qed tmut, x'kienet ħajjitha qabel? Dan huwa dak li jispirani.

**Il-poeżija mhix biss sentiment imma anki ritmu u ħsejjes varji li flimkien joħolqu armonija. Xi tgħid dwar dan?**

Poeżija mirquma sew toħloq waħidha l-ħsejjes, li eventwalment toħloq armonija minnha nnifisha. Kull kelma miktuba tista' toħloq ħoss, jiddependi kif jaqra u kif iħossha qarrej. Ir-ritmu hu importanti fil-kitba għax int trid iżżomm lill-qarrejj jibqa' jaqra f'armonija ma' dak li tkun ktibt.

**Naf li tema għal qalbek hi l-imħabba. Kemm hu veru dan u għaliex?**

L-imħabba hi kollox għalija. Mingħajrha ma nistax nieħu nifs. Naraha f'kollox u kullimkien. In-natura, il-kulturi differenti, is-sema, il-baħar, il-ħolqien kollu. Ngħix bl-imħabba, anke jekk ma ninħabbx lura, nibqa' nħobb, u nesprimiha fil-kitba. Għalija jekk tneħħi l-imħabba mill-bniedem, ma jibqagħlu xejn.

**Il-poeżija tinkiteb biex tistieden lill-qarrej jirrifletti jew biex tmiss direttament lil qalbu? X'taħseb?**

Jiddependi xi tkun qed tikteb. Tista' tkun poeżija fejn fiha tħalli lill-qarrejj jirrifletti fuq dak li tkun ktibt, però jien aktar inħobb nikteb biex immiss lill-qalb u nħalli lill-qarrej juża l-immaġinazzjoni tiegħu fuq dak li nkun ktibt.

**Min huma s-semmiegħa/qarrejja tal-versi tiegħek? Ġieli attendejt xi lejla ta' poeżija?**

Qatt ma ġejt ippubblikat għax qatt ma ppruvajt, allura m'għandix qarrejja u semmiegħa. Kitbieti dejjem ingħalqu fil-kexxun fid-dlam tistenna li xi darba toħroġ u tara d-dawl. Fortunatament, l-awtrici ta' Random House (Canada), Miriam Sorrell, inkoraġġietni bil-bosta.

Grazzi għaliha li kitbieti raw id-dawl.

**Fl-opinjoni tiegħek, x'jagħmel poeta kbir? Min huma l-poeti kbar għalik?**

M'hemmx poeti kbar jew żgħar għalija. Kull poeta hu tajjeb f'għajn dawk li jħobbu l-poeżija. Dak li jogħġob lili mhux bilfors jogħġob lilek, u vice-versa. Ovvja, li hemm poeti li jispikkaw aktar minn oħrajn għax forsi jolqtu aktar il-gosti tal-qarrejja. M'għandix poeta partikulari.

**Proġetti futuri?**

Aktar poeżiji, pubblikazzjoni ta' ktieb ta' poeżiji, ktieb semi-umoristiku bl-isem ta' *L-Imsawwat*, u l-aktar għal qalbi ktieb romantiku msejjes fuq storja vera dwar imħabba bejn żewġ adulti maturi li sofrew waħidhom sakemm sabu lil xulxin. Hemm kitbiet oħra għaddejja, iżda mhux għall-immedjat.

## GĦIR

Għalfejn qed tgħir għax qed tarani ferħan?
Taf kemm sigħat qattajt magħha bilqiegħda madwar il-mejda
inħares lejha b'imħabba kbira,
bla ma nista' ngħidilha li nħobbha?
Taf kemm-il darba xtaqt imqar inħokk magħha
biex inkun nista' nħoss laħmitha jħokk ma' tiegħi!?
Taf kemm-il kelma ktibt ġo moħħi x'ser ngħidilha
sabiex forsi tinduna li nħobbha?
Imbagħad xħin niġi quddiemha lsieni jinxef!
Taf xi tbatija għaddejt minnha, meta kont nitlaq minn darha
U nsuq lura lejn dik li suppost kienet dari?
Taf kemm-il talba għedt, u kemm kellimt lill-Mulej
quddiem is-santwarju Ta' Pinu,
biex inkun naf eżatt x'jien inħoss ġo fija!?
Għalfejn illum tħares lejja w tumbrani?
Għax jien u hi ninħabbu,
Għaliex ma tistaqsix minn xiex għadda dan ir-raġel?
Għaliex ma tippruvax tħares ftit, u tara tilmaħx in-niket li din il-qalb iġġorr!?
Għir jekk tħossok intimidata b'imħabbti lejn din il-mara.
Jien inħobb, u nibqa' ngħożż lil dik il-mara
li magħha qattajt l-isbaħ sigħat ta' ħajti.
Int Għir, u jien Inħobb.

**MANUEL SCHEMBRI**

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' LOU DROFENIK

**X'inhi r-relazzjoni tiegħek ma' Malta, l-Awstralja, is-Slovenja?**

Jiena Maltija kont u Maltija nibqa'. Lil Malta nħobbha kont u nħobbha għadni, u qatt ma ħassejtni maqtugħa minnha. L-ilsien Malti, l-istorja ta' Malta u l-Maltin jaffaxxinawni. Inħobb nisma' l-istejjer tal-Maltin, kemm ta' dawk li emigraw u dawk li baqgħu hemm, speċjalment meta jitkellmu bil-Malti pur. L-Awstralja s'intendi, hija l-pajjiż fejn għext sittin sena, hija minquxa f'qalbi. Ħajti mimlija b'memorji ta' dak kollu li għaddejt minnu bħala xebba meta wasalt, bħala għalliema, bħala mara miżżewġa, omm u nanna. Is-Slovenja, il-pajjiż tar-raġel tiegħi, inħobbha għax dejjem laqgħatni mhux bħal barranija imma bħal waħda ta' ġewwa. Kif qatt nista' ninsa lil Birkirkira fejn kbirt u għext l-ewwel wieħed u għoxrin sena ta' ħajti? Dawk kienu s-snin formattivi tiegħi, fejn tgħallimt dak kollu li ħadt fil-bagalja meta tlaqt.

**Hu korrett jekk ngħid li inti bdejt tikteb relattivament ta' età matura? Għaliex dan?**

Jien minn dejjem kont nikteb, anke meta kont żgħira kont dejjem inħażżeż fuq biċċiet ta' karti, u ommi tgerger kemm naħli lapsijiet u pitazzi, u kif sa nħassar għajnejja u sa jkolli bżonn nilbes in-nuċċali. Dejjem kont noħlom b'karattri li kienu jkellmuni. Ktibt rumanzi li qattajt, għax ma kinux tajbin. Jien rabbejt familja, kont naħdem, u biex tikteb trid ikollok l-ispazju, irid ikollok ħin biex taħseb, biex tagħmel ir-riċerka, biex tirrifletti fuq dak li qed tikteb. Meta mara jkollha t-tfal diffiċli ħafna tgħaddi jiem imsakkra f'kamra, ma trid tara lil ħadd, u tikteb, tikteb, tikteb. Bdejt nikteb bis-serjetà



Lou Drofenik

meta telqu t-tfal, u kelli l-ħin. S'intendi, kont iktar matura u kelli ħafna esperjenzi li għenuni fil-ktib.

**Liema huma l-fażijiet li tgħaddi minnhom meta tiddeċiedi taħdem fuq rumanz ġdid?**

Jien m'għandix riċetta ta' kif nibda u kif inkompli. Jiġi xi karattru f'moħħi u nibda nhewden, u meta ma nkunx nista' neħles minnu jew minnha jkolli bilfors nikkonċentra fuq x'inhu jgħidli, biex nibda. Xi minn daqqiet inkun naf kif sa nispiċċa, ħafna drabi il-karattru joħodni hemm sat-tmiem għax ma nkunx naf x'sa jiġri. Meta nikteb qisu bdejt xi avventura, u nħalliha toħodni fejn trid.

**Kemm hija importanti r-riċerka għalik? Kemm iddum u minn fejn takkwista l-informazzjoni li tkun teħtieġ?**

Ir-riċerka hija importanti ħafna, speċjalment meta jkun rumanz storiku. Kull ktieb jieħu iktar minn sena riċerka, naqra dak kollu li jiġi f'idejja fuq is-suġġett, għax fir-riċerka mhux biss issib il-ġrajjiet kbar imma ssib dawk in-naqriet t'informazzjoni fuq l-epoka li tkun sa tikteb fuqha. X'kienu jieklu? X'kienu jilbsu? Kemm kienu jqumu l-affarijiet? Trid ukoll tkun taf eżatt x'kien qed jiġri, minn ġrajjiet kbar sal-ġrajjiet ċkejknin fl-inħawi li tkun qed tikteb fuqhom. Jien ngħaddi ħafna ħin fl-iState Library f'Melbourne, post meraviljuż mimli b'kull xorta ta' kotba, films u manuskritti. Għamilt ħafna riċerka fl-Arkivji ta' Malta, fil-librerija tal-Belt, u s'intendi fuq l-internet issib ħafna informazzjoni. Nieħu ħafna noti, u nniżżel ir-referenzi hekk kif insibhom, għax jekk ma tagħmilx hekk, taħli ħafna żmien tfittixhom meta tridhom. Meta tiġini l-ewwel sentenza nibda nikteb u ma niqafx. Addio tfarfir, tindif u tisjir.

**Inti timraħ spazjalment fir-rumanzi tiegħek: Malta: l-Awstralja, is-Slovenja. Xi tgħid dwar dan? Nistgħu ngħidu li b'xi mod tiegħek huma rumanzi marbutin mal-ispazji li għext fihom?**

Dawn huma spazji li naf, u li għext fihom. Naf l-ambjent, it-triqat, il-kultura, l-ilsien, kif jaħsbu n-nies, kif jinġiebu ma' xulxin, xi jħobbu jieklu, x'vizzji għandhom, xi stejjer għandhom — it-tajjeb u l-ħażin. Għandi mappa f'moħħi ta' dan kollu, u meta nkun qed nikteb, il-kliem jiġi waħdu. Meta nkun qed nikteb nimxihom dawk it-triqat, nara s-siġar, il-ħitan, il-ward, il-ħofor fit-triqat, is-sema, sħab, id-djar. Nidħol fid-djar u nara ġewwa. Kif kienet il-kċina ta' dak iż-żmien? Il-kamra tas-sodda? Biex kien mimli is-saqqu? U affarijiet hekk.

**Timraħ ukoll temporalment, mela minn seklu għal ieħor. U dan jintrabat ma' tema importanti fin-narrativa tiegħek: l-Istorja u l-memorja. Xi tgħid dwar dan?**

Jien minn dejjem kont inħobbha l-Istorja, u qrajt ħafna kotba kemm rumanzi u kemm kotba ta' riċerka fuq dan is-suġġett. Li jaffaxxinani hu kif l-Istorja ta' pajjiż taffetwa lill-individwu. Kif ħajjitna tinbidel ħin bla waqt b'dak li jkun qed jiġri madwarna, u ħamsin sena oħra dak li qed ngħaddu minnu llum isir parti mill-Istorja tal-pajjiż. Meta jkollok karattru, trid tpoġġieh f'kuntest taż-żmien meta għex, pereżempju Vincenzo Borg Brared għex fi żmien interessanti ħafna — kavallieri, kursari, il-Franċiżi, il-bidu tal-kolonjaliżmu Ingliż — storja sħiħa. Meta tpoġġieh f'dak il-kuntest, tkun taf ħafna fuq ħajtu. Fil-ktieb *Love in the Time of the Inquisition* il-preżent u l-passat huma marbutin ma' xulxin, u meta kont qed nikteb, niftakar li rriflettejt ħafna fuq in-nisa li ġew qabli fil-familja tagħna u hekk stajt ngħaqqadhom ma' ħajja ta' waħda li tgħix illum.

**Temi oħra ewlenin huma l-familja, il-mara fis-soċjetà u l-migrazzjoni. Kemm huma importanti dawn għalina l-Maltin illum?**

Dawn huma temi importanti għalina lkoll, mhux għall-Maltin biss. Jien ma nħobbx nippriedka, imma aħna lkoll nafu l-konsegwenzi ta' tfal li jikbru f'familji mħarbta. Kemm il-mara u kemm ir-raġel, huma x'inhuma u jagħmlu x'jagħmlu




— prim ministru jew kennies — għandhom post importanti fis-soċjetà. Illum il-migrazzjoni, speċjalment fl-Ewropa, hija perikoluża kif tafu intom aħjar minni. Meta emigrajna aħna ma kienx hemm dawn il-problemi li hawn illum. Ħadd ma jrid jeżilja ruħu minn pajjiżu, u jekk qatt ma ħallejt pajjiżek biex tmur tgħix x'imkien ieħor, qatt u qatt ma tista' tifhem l-uġigħ ta' qalb immens li ssofri għal snin twal, għat-telfa t'art twelidek, għat-telfa tal-kultura tiegħek u dak kollu li kont tħobb. Jekk nifhmu dan, tinfetaħ qalbna lejn l-emigranti, hu x'inhu l-kulur ta' ġisimhom. Temi tajbin? Iva, u qatt ma jispiċċaw. Stejjer u stejjer, qodma u ġodda, ta' bnedmin li jridu jtejbu ħajjithom, jew jaħarbu mill-gwerer, mill-persekuzzjoni u jibdew mill-ġdid.

**Il- kitba u r-riċerka żgur għenuk biex issir taf lilek innifsek aħjar bħala bniedma u bħala Maltija. Kemm hu veru dan?**

Meta tqatta' ħafna sigħat twal tikteb, waħdek f'kamra, fil-kwiet u maqtugħa minn kulħadd, ikollok ħafna ħin biex tirrifletti. Issir taf id-dgħjufija tal-ħajja, kemm tgħaddi malajr, kemm m'aħna xejn fl-iskema tal-univers. Bħala Maltija. Mistoqsija diffiċli. L-għeruq tiegħi Maltin, u nħossni Maltija, imma ili żmien twil noqgħod hawn, u iktar u iktar ma jgħaddi ż-żmien iktar inħossni miġbuda lejn dan il-pajjiż. Naħseb ir-riċerka u l-kitba għenuni napprezza kemm jien fortunata li nħobb tliet pajjiżi, u li meta nkun f'wieħed minnhom ma nħossx li jien barranija imma nħossni parti minn dik il-kultura.

**12-il rumanz fi 18 il-sena. X'ifisser dan għalik?**

Iva, ħafna xogħol. Ħafna kliem. Ħafna ħolm. Sigħat f'kamra waħdi — qisu kwarantina. Il-kitba laqqgħatni ma' ħafna nies,




nies ġenerużi li japprezzaw il-letteratura u għamilt ħafna ħbieb. Dan huwa l-ikbar sodisfazzjon.

**Kif inhi Lou Drofenik meta ma tkunx qed tikteb?**

Jien għandi ġnien kbir, inqatta' ħafna ħin fih. Inħobb is-siġar u x-xtieli indiġeni Awstraljani. Żranja mijiet ta' siġar u issa li kibru huma sbieħ wisq. Inkabbru l-frott u l-ħaxix li nieklu. Inħobb ninseġ is-suf tan-nagħaġ tagħna, niżbgħu u naħdmu. Nimxi kuljum. Qatt ma noqgħod qiegħda.

**Xi jmiss issa?**

Ma nafx, qed nistenna l-univers ikellimni.

**It-12 ta' April ifakkar il-113-il anniversarju mit-twelid tal-poeta Vincenzo Maria Pellegrini.**

## XEMX TAL-MEDITERRAN

Mill-eqdem żminijiet kont dejjem mgħakksa
u maħnuqa. Uliedek, dejjem ġwejda,
għal ħaddieħor biżlin, ħabirku;
il-frott ta' artek, l-ibħra u x-xemx ħerqana
gawdew il-barranin u b'danakollu
ktibt storja ta' erojiżmu u ta' ġieħ
li kulħadd jagħraf.

Issa ksibt il-ħelsien, issa int Reġina
ta' artek u ta' wliedek
u s-sebħ imdieheb ġa beda
jħaddnek miegħu,
b'dawl ġdid imżejjen,
biex fuqek iroxx tama
ta' ġejjieni għammiel.

Il-benna ta' kull ġid
fuq min ma kellu xejn
tinżel bħal manna u bukkett ward iroddlok,
bħala għelm ta' ġieħ, il-poplu li issa hu kburi
li sar is-sid ta' dak li sa mill-qedem
kien diġa' tiegħu bi dritt.

Għolli leħnek għalhekk, ja Malta tiegħi,
u semmgħu għalenija kullimkien,
għax inti tabernaklu ta' rieda u sliem
mhux għalik biss, iżda għal kull min
fuq il-Mediterran ħerqan iħares
u lilek jara, kif fis-sew sellmulek
il-ġnus fl-imgħoddi, għax int tassew:
"Xemx tal-Mediterran, omm hienja u twajba".

## WARDA TAL-PASSIFLORA

Mal-kanċell tal-villa ta' biswiti
qalb weraq tari u zkuk imxebilkin
mal-ħadid issa moħbi
rajtek miftuħa għax-xemx tfewwaħ bi ġmielek,
warda tal-Passiflora.

F'weraq tax-xemgħa mgeżwra tħaddan f'nofsok
il-kuruna tax-xewk, mrietel tqal u kiefra
u tliet imsiemer b'ponot ta' wġigħ...
tabilħaqq li inti warda singulari
għax tfaqqar lill-bnedmin
fil-traġedja tal-Golgota
matul iż-żminijiet
ul-fidwa tal-ġnus mid-dlamijiet.

**VINCENZO MARIA PELLEGRINI**
(Minn: *Kwiekeb ta' Sliem*, Edizzjoni Ħeġġa Letterarja, 1982)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' MARINO SPINI

*Marino Spini è nato a Tartano nel 1962. Dal 1974 risiede ad Ardenno. Sposato con Rosa ha due figli, Simone e Silvia. Ha coltivato sin da giovane la passione per la poesia, partecipando con buoni risultati a numerosi concorsi. Suoi testi sono inseriti in alcune raccolte tra le quali si segnalano "Melodia montana", "Le montagne in poesia e narrativa", "Lassù sulle montagne", "Ricordi, tradizioni e valori della gente di montagna della Valtellina e della Valchiavenna", "I silenzi della montagna e le voci del mare". Nel 2011 ha vinto il 1° Concorso provinciale di poesia dialettale a Sondalo (4° nel 2012). Ha fatto parte per alcuni anni del gruppo "Oltre la siepe" coordinato dalla poetessa ardennese Patrizia Migliorini. Nel 2004 ha pubblicato il libretto "Poesie", scritto con l'amico Riccardo Salini. Nel 2010, a cura della casa editrice Albatros di Roma, è uscita la raccolta "Il soffio del silenzio". Autori preferiti, Ungaretti, Saba, Quasimodo, Pavese, Lorca, Hesse, Rilke e Tagore.*



Marino Spini

**Perché la scelta di ambientare il suo romanzo in montagna?**

Sono nato e cresciuto a Tartano, un paesino posto a 1200 metri s.l.m sui contrafforti delle Alpi Orobie Valtellinesi. Va da sè che la montagna è stata, è e sempre sarà per me maestra di vita aspra ma benigna, dura ma leale. È radicata nel mio intimo più vero e profondo.

**L'uso di parole specifiche e dialettali con rispettivi significati che seguono. Perché questo? Quanto è vero e forte il legame tra terra che si abita e lingua che si parla?**

Ai miei tempi, ancor prima di imparare l'italiano era doveroso apprendere il dialetto. Il legame tra la terra natia e l'idioma locale rimane indissolubile nel tempo, inattaccabile da qualsiasi esperienza vissuta in tutt'altri contesti.

**La descrizione del paesaggio alpino resa tramite appelli a diversi sensi, come quello visivo, uditivo e olfattivo. Tutto questo rende il lettore dello spazio descritto. Il suo romanzo è un depliant che invita noi lettori a visitare in prima persona**

**tali spazi?**

A me è servito come fuga efficace dalla claustrofobia urbana.

L'ambiente alpino affina i sensi e li rende pronti, attenti e liberi. Tutto ha quindi un sapore più naturale e genuino.

**Da un lato il bambino Tommasino, e dall'altro una certa idea francescana che vede l'uomo in armonia con tutto il creato. Innocenza, l'idea del fanciullino e purezza dell'animo, in armonia con la Natura. Le sue reazioni?**

L'uomo, in buona parte, ha accantonato e dimenticato l'armonia con il creato. Ha creato altri modelli che fanno a pugni con un simile valore. Spesso agisce da deturpatore, da predatore, scordandosi che la natura è vita e domanda attenzione e rispetto.

**È anche un paesaggio abitato da gnomi, elfi, folletti, spiriti malefici, spiritelli del bosco, e l'orso Baluba. Quanto rimangono vivi e importanti tali credenze e superstizioni oggi?**

Penso, con grande rammarico, che tali credenze vengano viste con distacco e superficialità, in definitiva destituite di qualsiasi credito.

**Quanto c'è di autobiografico in questo romanzo? Ha mai vissuto la transumanza?**

Seppure in modo discontinuo e con toni romanzati, c'è tanto di autobiografico in questo testo. La mia generazione è forse stata l'ultima a vivere in prima persona la realtà contadina, in particolar modo la transumanza, personalmente sperimentata in alcune stagioni estive trascorse sugli alpeggi.

**Le parole di Tedeschini, il sagrestano, ricordano la saggezza semplice ma profonda della gente di montagna: descrive il destino così, "Talvolta madre premurosa, più spesso matrigna indifferente e cattiva." Paesini di montagna che diventano fantasmi perché i giovani scendono in valle per il lavoro. Quanto è rimasto di tale saggezza tra le giovani generazioni oggi? È una saggezza che si vede anche nell'utilizzo di tanti proverbi e modi di dire. Perché sono importanti questi?**

Credo che di quella saggezza contadina siano rimaste ben poche tracce. Certo si fa ancora discreto uso di vecchi proverbi e modi di dire e questo costituisce un indubitabile segno di speranza.

**Il suo è un romanzo che in un certo modo mi rammenta le opere di Mauro Corona, ambientate nel paesaggio alpino nord-orientale, anche perché tutti e due gli scrittori invitano al rispetto dell'alpe. Ne ha mai avuto l'occasione di leggere qualcuna o di incontrarlo?**

Mai incontrato, anche se l'idea mi stuzzica non poco. Solo dopo la pubblicazione del mio libro ho letto qualche suo romanzo e, pur fatte salve le debite proporzioni, ho scoperto un sottile filo che ci unisce. Molto labile...

**Tommasino come protagonista, ma non è il solo bambino nel suo romanzo. Quant'è importante l'infanzia per lei e perché?**




In certo qual modo, quel Tommasino sono io. Abbiamo vissuto alcune esperienze comuni. L'infanzia è fondamentale, il punto cruciale della vita di ogni persona in quanto affina i sentimenti, forgia il carattere, rafforza l'intelletto, e tantissimo altro.

**A p. 91 si legge che Tommasino guardava il suo orologio mentre stava su in montagna. "Seguiva lo scorrere delle lancette eppure gli pareva che il tempo si fosse fermato." Mai vissuta personalmente questa esperienza? Quant'è vera?**

Certo, a quell'età tutto sembra imminente, incombente, come sospeso. Il tempo sembra prendersi gioco di una persona in formazione, a volte pare fermarsi, cristallizzarsi, altre sembra scorrere sin troppo velocemente...

**È interessante il viaggio che fa Tommasino nel suo incontrare tipi diversi che vivono nel suo ambiente, tutti con le proprie caratteristiche, saggezza, emozioni, idiosincrazie, e il resto. Il suo e un romanzo basato sul vissuto, ma è anche un forte invito a risalire e vivere in montagna. Sicuramente è una bella esperienza di lettura. Le sue reazioni?**

Sono convinto che la montagna, come già detto, sia madre generosa e sensibile maestra di vita. È tosta, misteriosa, irta di difficoltà ma regala grandi lezioni. Ti sprona, pungola, istruisce, ti rende più rispettoso, sensibile e, perché no, anche poetico.

**C'è qualcosa che lega il piccolo Tommasino a Ghirlandini. Forse la propensione per la riflessione, la discussione pacifica, la ricerca della parola giusta, soprattutto della**




**Verità. Il primo è un ragazzo già fatto uomo che esclama a Ghirlandini, uomo già maturo, "La verità! Non la tua! La verità è una, una sola, capisci? Senno è altro!" È solo un caso che alla Verità ci si arriva solo nello spazio dell'alpe? È lì dove inizia e finisce il racconto, ma è anche lì dove si chiarisce il mistero dietro la morte della madre di Tommasino e la vita da fuggitivo del Ghirlandini. Cosa ne pensi?**

La verità, o meglio la ricerca della verità è connaturata nell'intimo dell'uomo. La verità può dividere ma, più spesso, riavvicina e unisce. Ma, soprattutto, la verità è una sola altrimenti, come dice Tommasino "Diventa Altro".

**Nel suo romanzo s'incontrano due figure paterne diverse: Anselmo, il padre biologico, vedovo, che spacca il dorso col lavoro quotidiano; e Tedeschini, spirito libero, misterioso. Tommasino si trova proprio nel mezzo. Le due figure paterne fingono come due forze – simili o opposte? – che aiutano Tommasino a crescere e arrivare alla propria maturità. Quant'è vero questo?**

In effetti le due figure paterne in questione, Anselmo e Tedeschini, contribuiscono in misura decisiva, seppur su percorsi diversi e contrastanti, alla maturità di Tommasino. Una maturità purificata nella speranza e rafforzata nel dubbio.

**Fine molto emozionante e con il quale il gesto estremo di uno porta gli altri a ottenere una certa pace nell'animo. È un romanzo bonario ispirato dall'alpe, perciò dalla Natura. E la Natura è buona, armonia e verità. I suoi pensieri riguardo tutto questo?**

Può sembrare assurdo che da un gesto estremo possano derivare sentimenti di pace, serenità e concordia ma spesso, nella vita reale, accade proprio questo. E la natura, la genuinità, l'armonia, la bellezza, l'autenticità della natura, contribuiscono a rinvigorire tali sentimenti.

**Com'è Marino Spini come persona? Quanto è importante la scrittura per lui? Cosa fa quando non scrive?**

La vita è stata dura, segnata già a tre anni dalla prematura scomparsa di mio padre, vittima di un incidente sul lavoro, con una madre ancora giovane che ha tirato su una brigata di nove figli... E quindi sono molto sensibile, riflessivo, ottimista e fiducioso. La scrittura è basilare, un'autentica valvola di sfogo. Stessa cosa posso dire della lettura, soprattutto di testi poetici. Amo passeggiare nella natura, praticare alcuni sport quali tennis, ciclismo, calcio. Inoltre sono molto impegnato nel campo del volontariato religioso e sociale.

## NEL FOLTO DEL BOSCO

Nel folto del bosco
si smorzano inafferrabili
refoli di tramonta
alti sugli abeti
sul sasso ho inciso
il silenzio impassibile
di queste contrade.
Sull'arco teso della luna
ho ascoltato la voce del vento
disperdersi nel pungente
respiro della valle.
Ho aspirato le aspre fragranze
di questa mia terra straniera
e nell'aria vuota,
il cuore estasiato
ancora si è aperto in preghiera.

(Da: https://digilander.libero.it)

## SERA A TARTANO

L'ora tarda della sera
incendia l'erto sentiero
d'effluvii campestri.
Un lontano rintocco
smorza l'arcana trasparenza
di fioche lucerne.
Schianta nel buio
una lucciola smarrita,
rinserra la stalla
un sordo belato.
L'ancora di luna
Affondai i tersi colli
e sulla remota via
un silenzio sgomento
pace e tormento,
brucia piano, piano...

(Da: *Il soffio del silenzio*, Albatros, 2010)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' GODWIN ELLUL DWAR IT-TRADUZZJONI GĦALL-MALTI *STORJA MEDIKA TA' MALTA* TA' PAUL CASSAR, FARAXA, 2023.

**Dan hu volum massiċċ u studju dettaljat li jinseġ flimkien bosta oqsma, fosthom dak mediku, storiku, soċjali u ekonomiku. Kemm hu minnu dan u xi jfisser għall-qarrej, kif ukoll għalik bħala traduttur?**

Dan ix-xogħol, mifrux fuq 692 paġna, huwa għajn ta' tagħlim dwar l-istorja medika ta' Malta, kemm għall-qarrej kif kien ukoll għalija bħala traduttur. Fil-fatt, kif irreferejt int fil-mistoqsija tiegħek, il-ktieb mhux biss għandu n-narrattiva medika, imma wkoll dik soċjali ta' pajjiżna miż-żmien Paleolitiku sa prattikament it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-ktieb imqassam f'għaxar partijiet li flimkien jinsġu 54 kapitlu. Uħud minn dawn il-kapitli jiddiskutu: L-Isptarijiet fi Żmien il-Kavallieri; L-Evoluzzjoni u l-Iżvilupp tas-Saħħa Pubblika; In-Nersing u s-Servizzi tal-Qwiebel; L-Edukazzjoni Medika. Għaldaqstant, jien pjuttost inqisu bħala enċiklopedija ta' tagħrif għal kull min iħobb l-istorja u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' pajjiżna. Għal dan il-għan, kemm għalija kif ukoll għall-qarrej, mhux biss għar-riċerkatur, huwa sors ta' referenza kontinwa f'dawn l-oqsma kollha msemmija aktar 'il fuq. Meta kont qed nibni l-lista ta' referenzi li jinsabu fil-qiegħ ta' kull paġna, sibt li hemm madwar 2,400 referenza ta' kotba u dokumenti kkonsultati mill-awtur. Għalija dan ix-xogħol ifisser xogħol importanti maħdum b'reqqa kbira minn Dr Paul Cassar u huwa wieħed mix-xogħlijiet li jifforma il-ġebla tax-xewka fil-letteratura tagħna.



Godwin Ellul

**Dan hu ktieb li oriġinarjament ħareġ bl-Ingliż fl-1965. Jasal sat-Tieni Gwerra Dinjija jew ftit wara. Hemm min jaħseb li hemm il-ħtieġa li l-kontenut jiġi aġġornat jew jitkompla ladarba minn żmien il-pubblikazzjoni għaddew kważi 60 sena. Xi tgħid dwar dan?**

Iva, jien naħseb li idealment dan ix-xogħol għandu jiġi aġġornat. Fil-fatt l-E.T. George Vella, fid-daħla tiegħu għal dan il-ktieb, jagħlaq il-kitba tiegħu billi jistaqsi 'Min sejjer ikun "it-Tabib Cassar tal-lum" li jiġbor dan il-materjal kollu u jippreżenta lill-poplu Malti u lis-soċjetajiet dwar l-istudju tal-istorja, it-tieni volum tal-Istorja Medika ta' Malta mill-1965 sal-lum?' Filwaqt li, kif qal il-President, 'Nistennew u nittamaw' inżid ngħid li min jidħol għal dan ix-xogħol jeħtieġ li jwettqu bl-istess kalibru, jiġifieri aġġornament maħdum bir-reqqa biex ma nitilfu xejn minn dak li rnexxielu jibni Dr Cassar. Għandu jkun tal-istess livell li kiteb Dr Cassar, inkella ma jkun xejn aktar minn aġġornament ta' kafkaf. Ovvjament ix-xewqa tiegħi hija li dan l-aġġornament isir bil-Malti, għax hija storja Maltija u storja Maltija għandha primarjament tinkiteb bil-Malti, billi dan huwa wirt ta' dawn il-gżejjer.

**Żgur li ktieb bħal dan jista' jingħata rigal lil bosta. Min jistagħu jkunu dawn, u għaliex?**

Dan ix-xogħol mhux biss huwa mmirat għal sezzjoni jew sezzjonijiet partikolari tas-soċjetà Maltija, imma biex ngħid hekk, huwa rigal għall-poplu kollu. Kif jgħid Dr Cassar fid-daħla li huwa kien għamel fl-1965 huwa jgħid: "Wieħed jirrealizza li s-suġġett ta' dan il-ktieb hu qabel xejn ta' interess għall-professjoni medika imma m'hemm l-ebda raġuni għaliex għandu jkun hekk b'mod esklussiv. Meta kont qed niktbu, għalhekk, ippruvajt nuża lingwaġġ sempliċi sakemm hu konsistenti man-natura tal-investigazzjoni tiegħi bit-tama li nilħaq firxa wiesgħa kemm jista' jkun ta' qarrejja mhux esperti."

**Għaliex l-għażla tiegħek li taqleb għall-Malti waqgħet fuq xogħol bħal dan?**

Dan kien xogħol li għal xi raġuni jew oħra minn mindu kont żagħżugħ minn dejjem affaxxinani. Jew minħabba l-istorja tiegħu jew għal xi raġuni oħra, kull meta dan il-ktieb ġie f'idejja, dejjem saħħarni. Ovvjament, meta kont iżgħar fl-età qatt ma kelli l-ħsieb li nittraduċi dan ix-xogħol għall-Malti, imma aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdejt inħoss li hija ħasra u stramba li volum bħal dan li jittratta l-istorja ta' pajjiżna nkiteb bl-Ingliż. Għaldaqstant, l-imħabba tiegħi lejn dan il-ktieb kif ukoll imħabbti għall-ilsien Malti ħeġġewni biex nidħol għat-traduzzjoni ta' dan ix-xogħol. Madanakollu, wieħed irid japprezza li l-awtur dejjem jikteb bl-ilsien li jħossu l-aktar komdu fih u jista' jkun li Dr Cassar kien iħossu aktar kunfidenti f'dan ir-rigward. Wieħed jeħtieġ isemmi wkoll li dan ix-xogħol kien stampat Londra fis-sensiela ta' Historical Monographs tal-Wellcome Historical Medical Library u għalhekk ma setax ma jinkitibx bl-Ingliż. Fuq nota differenti ta' min jgħid li f'Malta tas-sittinijiet, pajjiż li kien għadu kif welled l-Indipendenza, il-lingwa Ingliża kienet lingwa predominanti u ta' importanza bħala mezz ta' komunikazzjoni. Fis-sittinijiet, pereżempju, uliedna kellhom pressjoni kbira biex jgħaddu mil-Livell Ordinarju tal-Ingliż u biex ngħid hekk kien ukoll importanti biex wieħed jimpjega ruħu mal-Gvern. Għalhekk dawn jistgħu jkunu fatturi għala din l-istorja oriġinarjament inkitbet bl-Ingliż.

**Kemm ħaditlek żmien it-traduzzjoni għall-Malti? Liema kienu l-ikbar waqtiet ta' sfida matul dan il-proċess?**

Meta persuna tidħol għal xogħol bħal dan ma jistax ikejjel it-




tul taż-żmien, imma nista' ngħidlek li ħa ftit tas-snin mhux ħażin. Fit-traduzzjoni l-isfida hija waħda kontinwa u biex ngħid hekk wieħed dejjem jitgħallem jagħmel l-affarijiet aħjar billi juża l-aħjar idjoma u struttura Maltija. Li nista' ngħid hu li t-traduttur dejjem ifittex kif jikkomunika l-aħjar mal-qarrej, għalhekk ir-regola prinċipali li jien addottajt kienet li jekk l-aħjar mod kien li tħalli t-terminu Ingliż biex niftiehem aħjar, għamilt propju hekk, iżda fejn il-Malti seta' faċilment jintuża, mela l-kelma Maltija ħadet preċedenza. Illum għandna influss ta' kliem barrani speċjalment mill-Ingliż u tant tlaħħmu magħna li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti stabbilixxa li r-regola hija li "l-importanti hu li qabel ma wieħed juża kelma mill-Ingliż jiżgura ruħu li ma jkunx hemm diġà kelma stabbilita fil-Malti li taqdih tajjeb għall-istess tifsira." (paġna 6). Ħadt ħsibt nimxi ma' din ir-reġola. Din it-traduzzjoni hija kemm jista' jkun tale quale ta' dik ippubblikata fl-1965 għax ridt li l-qarrej kemm hu possibbli ma jitlef xejn minn dik oriġinali. 'L hawn u 'l hemm kien hemm xi aġġornamenti żgħar biex it-test ikun aktar korrett.

**Ċert li wieħed mis-sodisfazzjonijiet min-naħa ta' min jaqra xogħol bħal dan hu dak tal-iskoperta ta' ħwejjeġ ġodda dwar pajjiżna. Xi tgħid dwar dan? Liema kienu xi waqtiet ta' skoperta min-naħa tiegħek int u taqra u tittraduċi dan ix-xogħol ta' Cassar?**

Jien għalija dan ix-xogħol kien wieħed ta' skoperta kontinwa għax f'kull paġna titgħallem xi ħaġa ġdida, pereżempju, il-kapaċità tat-tobba u l-kirurgi Maltin li mhux biss għamlu

isem f'dawn il-gżejjer imma wkoll barra minn xtutna. Il-qasam tas-saħħa f'Malta fi żmien il-Kavallieri kien l-għira ta' pajjiżi ferm akbar minna u biex ngħid hekk kien meqjus bħala lukanda ta' ħames stilel. Ix-xogħol partikolari li wettqu xjenzati fil-qasam tas-saħħa kien għalija wkoll ta' skoperta ta' ħwejjeġ ġodda dwar l-iżvilupp tas-saħħa f'pajjiżna.

**Dan hu volum li jinqasam f'10 taqsimiet fejn kull waħda tittratta aspett partikolari: iż-Żminijiet Bikrin, Sptarijiet, Żmien l-Ordni ta' San Ġwann, l-iżvilupp tal-mard, l-evoluzzjoni tas-saħħa pubblika, kura komunali u assistenza soċjali, in-nersing u s-servizzi tal-qwiebel, minn twemmin primittiv (mela kwistjoni ta' folklor) għal ħsieb xjentifiku (mela edukazzjoni u tagħlim), is-Seklu 19, u l-impatt taż-żewġ gwerer. Huwa ktieb li jrid jinqara kronoloġikament, minn kapitlu 1 sal-aħħar, jew jista' jinqara anki b'mod liberu, b'kull kapitlu donnu xogħol individwali għalih?**

Le, fil-fehma tiegħi l-ktieb jista' jinqara anki b'mod liberu, billi kull kapitlu li wieħed isib fil-ktieb filwaqt li jkompli b'mod kronoloġiku, huwa kapitlu **indipendienti fih innifsu.**

**Fin-Nota tat-Traduttur inti ssemmi l-fatt li meta l-awtur Paul Cassar iddeċieda jikteb dan il-ktieb, uża kemm jista' jkun lingwaġġ sempliċi ħalli jintlaħaq minn numru usa' ta' qarrejja. Tgħid ukoll li dan il-ktieb "xi drabi jmisslek qalbek" filwaqt li jgħallem u jagħti gost. Reazzjonijiet tiegħek dwar dan?**

Indubbjament, fl-aħħar mill-aħħar il-ktieb jirrakkonta t-tbatija li dan il-poplu għadda minnha u l-isforzi tax-xjenza u tat-tobba ta' dawk iż-żminijiet biex itaffu dawk it-tbatijiet. Iva, dawk it-tbatijiet u s-sofferenzi tal-poplu tagħna għandhom imissu qalb il-qarrej. Dawn it-tbatijiet jieħdu dimensjoni akbar meta dak li jkun jiftakar li x-xjenza kienet fi stat primittiv anke jekk hawn Malta, kif diġà għedt, konna l-għira ta' bosta pajjiżi akbar minna għax kellna sptarijiet mill-aqwa u tobba ta' fama mondjali.

**Naħseb li dan il-volum kien l-ikbar sfida li inti affrontajt s'issa matul l-esperjenza tiegħek bħala traduttur. Xi tgħid dwar dan?**

Dan ix-xogħol ma kienx wieħed ħafif. Kif għedtlek, ħa bosta snin biex isir. Bħal kull traduzzjoni oħra laqqagħni ma' bosta nies, fosthom mal-familjari ta' Dr Cassar li nirringrazzja għall-koperazzjoni tagħhom u l-permess tagħhom biex dan ix-xogħol seta' jsir. Kif wieħed jista' japprezza, dan ix-xogħol ma kienx biss wieħed ta' traduzzjoni imma jinkludi fih ir-referenzi f'qiegħ kull paġna u żewġ indiċijiet li kkomponejt mill-ġdid biex ix-xogħol ma jkollu xejn nieqes minn dak oriġinali. Għalija, volumi impenjattivi u massiċċi, sakemm ikunu xogħlijiet ta' sugu, inħoss li m'għandhomx jaqtgħuli qalbi. Ħafna drabi ma tantx se ssib nies li jidħlu għal dawn ix-xorta ta' xogħlijiet massiċċi, imma ma jfissirx li għandhom jitħallew barra, speċjalment jekk huma xogħlijiet importanti għall-poplu tagħna. Kulma wieħed jeħtieġ huma l-kuraġġ u l-konvinzjoni. F'dan l-istadju, nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lis-Sinjura Joanne Micallef ta' Faraxa Publishing, li minkejja l-kumplessità ta' dan ix-xogħol, daħlet għalih u nista' ngħid li l-ktieb finali jħabbatha tajjeb ma' dak oriġinali.

**Xi jmiss issa, jew x'qed jinħema?**

Bħalissa qed naħdem fuq xi xogħlijiet tal-awtriċi Sara Lark. Din l-awtriċi, barra li tippreżenta stejjer interessanti msejsa fuq it-tema ċentrali tal-imħabba u l-emigrazzjoni, tibni l-istejjer tagħha fuq riċerka storika. Dawn l-istejjer iressqu lill-qarrejja lejn kulturi ġodda li l-Maltin ma tantx huma midħla tagħhom.

## FIL-KAXEX TAT-TFULIJA

Waqt li x-xita barra
kienet medhija timla
għadajjar griżi jħarsu
lejn il-bjut tad-djar
ftaħt il-kaxex umdi ta'
snin minsija.
Ktieb ktieb semmgħuli
il-klassi sħiħa tirrepeti
versi mhux miftiehma,
u reġgħu stenbħu għal ftit
ix-xbihat suwed u bojod
ta' stejjer illum minsija
mit-tfal l-oħrajn.

Il-pitazzi, b'paġni maqtugħin
u bit-tiċlis tal-linka sewda
qaluli għal darb'oħra l-istejjer
minsuġa minn moħħ għażżien,
u bkejt il-ħrejjef li tgħallimt
u tant ghożżejt.

Ir-ritratti mgħawġa
u mqabbda ma' xulxin
reġgħu kixfu t-tbissim
ta' ħbiberija mitlufa fiż-żmien,
u neżżgħuli bħal quddiem mera
it-tamiet moħbija
fil-kaxex tat-tfulija.

## FRAMMENT

Illum qalbi xewqana għalik aktar mis-soltu
u mħabbti, ħielsa ġo xewqietha,
riekba l-mewġiet jilagħbu
fil-baħar tal-Qaliet.

U t-tamiet, mistħija,
imrekkna ġewwa fija,
jirfsu bil-mod l-għatba ta' ruħi
ifittxu hemm ġew l-immaġni
tas-sbieħ għajnejk.

**LILLIAN SCIBERRAS**
(Minn: *Klessidra*, Horizons, 2014)

# Reċenzjonijiet




# Rakkonti

# Kitbiet oħra




## *FORGIONE TA' FOGGIA - L-APPOSTLU TAL-KONFESSJONARJU* ta' Geoffrey G. Attard

**Jikteb il-Kav. Joe M. Attard**

Naħseb mill-ewwel indunajtu għal min qed nirreferi: il-Kapuċċin Patri Piju tal-Pjagi!

Dan huwa l-isem tal-ktieb li għadu kemm ippubblika s-saċerdot u għalliem il-Kan Dun Geoffrey George Attard mill-Belt Victoria dwar dan il-Patri qaddis li kien ġej minn familja fqira tant li missieru ħass il-ħtieġa li jemigra lejn l-Istati Uniti tal-Amerika biex seta' jgħajjex lill-familja tiegħu. Kulħadd jaf li dan il-patri marradi kien ta' spiss ikun ittentat mix-xitan u li kien irċieva l-Pjagi mingħand Ġesù bħalma kien ġralu l-istess il-fqajjar ta' Assisi San Franġisk. Il-ktieb jirrakkonta bosta episodji mill-ħajja ta' dan ir-raħeb u kif il-fama qaddisa tiegħu malajr xterdet 'il barra minn Foggia fl-Italja fejn kien jgħix. Il-ktieb huwa ddedikat lis-sinjorina Maria Pia Pace mill-belt Victoria li mietet qasir il-għomor (1967-2022) li kienet ħabiba tal-familja, lil ħu r-Reverendu, Francesco Pio u lil dawk kollha li jġorru isem il-Qaddis ta' Pietralcina.

Meta wieħed iqalleb il-paġni tal-ktieb isib li d-don tal-bilokazzjoni, fwejjaħ, ipotermja (deni għoli ta' 48 grad celsius; 11-il grad Fahrenhiet), profeziji, fejqan, l-abbiltà li jaqra l-qlub, il-ħila li jissaporti sahriet u sawm fit-tul lil hinn minn kull kapaċità umana huma kollha paralleli mal-ħidmiet prodiġjużi li seħħew fil-ħajjiet ta' San Franġisk t'Assisi, Sant'Anton ta' Padova, Santa Tereża ta' Ġesù, u San Ġużepp ta' Kopertino. Għadd kbir ta' fidili li resqu lejn Patri Piju rċevew benefiċċji spiritwali permezz ta' dawn id-doni. Papa Benedittu XV meta sar jaf b'dawn il-kariżmi stqarr: 'Patri Pio huwa wieħed minn dawk il-bnedmin straordinarji li Alla jibgħat minn żmien għall-ieħor fid-dinja sabiex jikkonverti l-qlub.'

Fatt kurjuż huwa dak ta' meta dan il-Patri, kien l-20 ta' Jannar 1936, laqa' għandu fiċ-ċella xi viżitaturi u f'ħin minnhom talabhom jinżlu għarkubbtejhom biex jitolbu 'għal ruħ li dalwaqt kienet se tidher quddiem it-tribunal ta' Alla'. Svelalhom li kienu talbu għar-Re tal-Ingilterra meta fuq il-ġurnali kien hemm biss li dan ir-Re kellu biss xi ftit tal-influwenza. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl il-Patri qaddis kien mar fiċ-ċella ta' sieħbu biex jitolbu għar-Re għax kien qed joqrob il-mument tal-ġudizzju tiegħu. L-għada l-ġurnali Taljani ħabbru l-mewt tar-Re Ġorġ.

Min jixtieq ikun jaf iktar dwar dan il-Patri qaddis jista' jaqbad f'idejh dan il-ktieb u jaqra paġni 77 – 89: 'Patri Piju ta' Pietralcina; xi dettalji importanti.'

## WIED GAŻA

Niexef Wied Gaża
ġo ħoġru biss il-ħaġar amputat
ħadid skartat
biċċiet konkrit
u tifel jgħarrex ma' missieru.
In-nagħaġ ta' Khaled
ħadu l-lewn ta' art in-nixfa
meta mewġa tajn għattiethom
iġġorr magħha dmugħ il-bidwi.

Niexef Wied Gaża,
jimtela biss bit-tajn u l-ilma żejjed
meta l-ġibjuni ġenerużi fuq in-naħa l-oħra
ifuru bla avviż u jgħarrqu raħal
bħal meta għarrquh bil-bombi
u bil-fosfru.

**KARL SCHEMBRI**
(Minn: *Passju Taħt ix-Xita*, Horizons, 2013)



# META MMUT DOQQLI DIN, QALTLU

**Novella ta' Paul V. Azzopardi**

"Meta mmut doqqli din," qaltlu Anna b'serjetà kbira.

"Mela se tmut? Jien immut qablek. Intom in-nisa toqtluna bl-inkwiet!" irrisponda żewġha Leonard bid-daħka – meta tkun hekk serja kienet taqbdu tentazzjoni kbira biex jinbixha.

"Inħoss li se mmut dalwaqt... mhux qed niċċajta."

"Eh? Ħmerijiet."

"Insomma, meta mmut, doqqli l-biċċa solo ta' 'Tunnel of Love' tad-Dire Straits. L-aħħar żewġ minuti. Togħġobni ħafna. 'Tunnel' għax meta mmutu jgħidu li ngħaddu minn mina u 'love' ovvja biex tiftakar fija..."

"Min qallek li nkun irrid niftakar fik? Din preżunzjoni..."

Kienet qabdet imħadda u tathielu fuq rasu.

"Tinsiex, għax jiddispjacik!" wissietu.

------

Leonard kien traskurat u ma jħabbel rasu minn xejn. Minn widna jidħol u minnha stess joħroġ, aħseb u ara kemm il-kliem kien ser idur dawra ma' moħħu. U jekk xi drabi jdur dawra, għax jintilef, l-ebda xejn ma kienx irabbi għeruq. Għal Leonard, sitta u sitta tnax u għada jerga' jisbaħ. U, jekk le, tajjeb ukoll. Imur jitnejjek kollox.

U allura, dak li talbitu Anna dlonk insieh. Parti għax ma kienx jagħti kas u parti għax ovvjament qatt ma basar li Anna veru kienet ser tmut fi żmien qasir.

Kienu ndaqs fl-età, ta' ħamsa u erbgħin. Kellhom darhom, kienu jaħdmu t-tnejn, isiefru darbtejn fis-sena, bla tfal, jieklu barra darba fil-ġimgħa, flat villeġġjatura l-Għadira, sess tajjeb għalkemm beda jmajna, televixin kbir (85 pulzier: kapriċċ), u kellhom qattusa tal-Madonna. Hi tħobb il-mużika, imma l-mużika lilu ddejqu għax kien iħobb is-silenzju. Imma kienu jaqblu fuq ħafna affarijiet.

Għaddew ftit xhur u wasal is-sajf. Ħabib ta' Leonard stedienhom għal BBQ id-dar tiegħu, fuq il-bejt. Il-kumpanija kienet ferrieħa; tgħidx kemm daħku u ħadu gost. Raw ix-xemx nieżla bil-mod tiżvina demmha fuq il-baħar. Damu sa kmieni filgħodu, la l-għada mhux għax-xogħol. Peress li kienu kemxejn storduti, ħallew il-karozza ħdejn id-dar ta' sieħeb Leonard u għajtu karozza bil-app.

L-għada Anna stenbħet b'uġigħ ta' ras jaqsam. Ħadet pinnola ta' kontra l-uġigħ imma għalxejn. Tellgħet l-istonku tagħha imma l-uġigħ ma battiex. Leonard niżel isfel jagħmel żewg maggijiet te u meta tela' lura bil-magg tagħha sab lil Anna mitlufa minn sensieha. Ċempel lill-ambulanza u ħaduha l-isptar. Mietet fi żmien siegħa.

Imbagħad, meta bil-ħasda kien donnu maqtugħ mid-dinja, kellu jieħu ħsieb il-funeral u d-difna. Għalkemm normalment kien jieħu qatgħa malli jarahom, din id-darba mnalla ġew missier u omm Anna u ħuha jgħinuh għax kien qisu ċċassat, ma jafx x'qed jagħmel. Familtha ma kinux ħafna aħjar. Imma mbagħad, kif kienu għadhom l-isptar, mingħajr ħadd ma jaf min avżah (ħlief min qala' xi 10 euro), feġġ tal-funerali... hekk, bejniethom, sabu tarf, għalkemm ħafna drabi billi jaqblu ma' dak li kien qed jgħidilhom tal-funerali, jagħtu b'rashom qishom mogħoż. Alla bagħtu 'l dan.

Lura d-dar: "X'mużika tridu fil-quddiesa?" staqsiehom tal-funerali.
"U għidilhom idoqqu ta' Pachelbel. Dik sabiħa," qalet omm Anna.
"Canon in D Major," qal ħu Anna.
"Le, aħjar ta' Albinoni," qal missierha.
"U mur... Pachelbel isbaħ," ħatfitu ommha, qisha serduk.
"U mela, Ma," qal ħuha. Tifel tal-mummy, dejjem jaqbel magħha. Kien għamel sa Grade 6 tal-piano u kien jaħseb li hu xi Beethoven, forsi wkoll għax xagħru mqanfed u b'toqba fuq geddumu...
"Insomma jien ma naqbilx," qal missierha.
Ommha u ħuha berqulu minn taħt u missierha għalaq ħalqu – mhux ħin li targumenta. Raġel kwiet.
"Imma Anna riedet waħda tad-Dire Straits," gemgem Leonard.
"Xiex?" staqsiet ommha.
"Tad-Dire Straits... hemm din is-song..."
"Mela dan se jkun xi disco, jew?" staqsiet ommha waqt li qamet dritta dritta fuq is-siġġu, iż-żewġ ponot ta' sidirha ppuntati lejn Leonard, qishom ser jisparawlu. X'qiegħda tilbes minn taħt?, ħaseb Leonard.
"X'affarijiet dawn!" qal ħuha.



"Imma..." beda ser jgħid Leonard.
"Imma xejn. Uri ftit rispett," qalet ommha, li qatt ma kellha grazzja ma' Leonard, u dan minn meta ratu l-ewwel darba fuq it-tarġa ta' biebha.
"Liema song?" staqsieh missierha.
"Insejt, ta, imma tad-Dire Straits żgur..." qal Leonard.
"Doqq tal-Pachelbel," qalet ommha. "U naqtugħa."

Leonard la kellu aptit u lanqas saħħa jargumenta. Ma riedx li ommha terga' tibda bis-soltu priedka tagħha "tar-rispett". Skont ommha, Leonard ma kienx jirrispetta lil Anna. Ommha kienet tippretendi li meta kienu jmorru jieklu barra jġorr lilha magħhom imma jekk ommha ma kellhiex grazzja miegħu lanqas hu ma kellu magħha. Ma setax jiftakar liema kanzunetta kienet, dik tad-Dire Straits. Ma kienx ta kas liema riedet Anna. U, fuq kollox, jekk iridu hekk, jieħdu hekk. Jagħmlu xi x-xjafek iridu. Iġri jeħles minnhom.

------

Il-funeral għadda. Għall-ewwel ftit ġimgħat lanqas biss kien fehem x'ġara għax kien bħal maqtugħ minnu nnifsu. Kważi donnu ma ġara xejn.

Imbagħad darba minnhom qam f'nofs ta' lejl għarqan xraba u vojt minn ġewwa u fehem b'qalbu dak li moħħu kien ilu jgħidlu: li Anna mietet. Li Anna mietet u ma kien ser jaraha qatt aktar. Li ġisimha issa kien taħt it-trab, jitmermer u jittiekel. Anna ma kinetx għadha hemm.

Dan il-lejl kellu warajh denb twil ta' jiem fid-dlam, ta' nervi u rabja, ta' toqol fuq sidru, toqol li ma seta' jeħles minnu b'xejn. Kien jaħseb biss f'Anna, ħass in-nuqqas tagħha. Kien jaraha fil-kċina, iħossha ħdejh fis-sodda malli jirnexxilu jagħlaq għajn m'għajn, ifittex ħwejjiġha ħalli jxomm ir-riħa tagħha.

Xi tfisser il-ħajja, allura? Niġu fid-dinja, inbatu, immutu. Ftit mumenti ta' ferħ, ħafna problemi u niket, imbagħad insiru trab. Forsi hemm ruħ, u l-affarijiet imbagħad jagħmlu sens, imma ħadd ma qatt ra ruħ waħda.

Fil-funeral kienu daqqew ta' Pachelbel, kif riedet dik il-kankru ommha. Addio Dire Straits. Kien fl-aħħar ftakar liema kanzunneta riedet Anna, it-"Tunnel of Love", propju waqt il-quddiesa, iħares lejn it-tebut u ma jistax jemmen li fih hemm bniedma, issa kadavru, wisq anqas li kienet Anna, martu. Jisħet lil moħħu li nesa isem il-kanzunetta.

Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar beda jwaħħal fih innifsu, li kienet il-ħtija tiegħu li ma daqqewx is-solo ta' "Tunnel of Love" kif riedet Anna. Kienet b'xi mod ħasset il-mewt ġejja għaliha. Hi, li qatt ma kienet titolbu xejn – forsi għax kienet taf sew bil-karattru mitluq tiegħu – darba talbitu din il-ħaġa. U hu lanqas din ix-xewqa sempliċi ma kien kapaċi jaqtagħhalha. Għaliex kien daqshekk traskurat?

Għaliex kien bla sinsla, ma ġġelidx lil ommha u lil ħu Anna, u hu, bħala żewġha, ma nsistiex sakemm kien ikollhom iċedu, li tindaqq dik il-mużika li riedet Anna? Għaliex ma sabx il-kuraġġ biex jieqaf għal dak li riedet Anna?

Sema' d-diska, li kien sab qalb l-affarijiet tagħha, mitt darba.

Il-qattusa bdiet tħarislu biċ-ċiera.

------

Il-mużika tal-aħħar żewġ minuti tal-kanzunetta tnaqqxet ġo moħħu u beda jismagħha l-ħin kollu. Mill-bogħod, ma jafx eżatt minn fejn hi ġejja. Minn xi daqqiet kważi titlaq imma mbagħad terġa' tiġi, dejjem iddur f'rasu. Bħal żarżira ta' nemusa li titlaq u terġa' tiġi.

Wara xi ġimagħtejn bdiet issir permanenti. Anke meta kien jinzerta ġo folla, taħt il-ħamba, jekk jikkonċentra, kien jismagħha. Meta kien għax-xogħol fil-fabbrika, kienet tkun hemm. Meta jara xi film, ikun qed jiekol, jipprova jorqod. Dejjem hemm, kitarra titkellem. Mużika qisha ġejja mis-sema, qishom qed idoqqu n-noti l-kwiekeb. Kull atomu fl-arja jġorr sehmu minn din il-mużika ma tehda qatt.

Darba fost l-oħrajn, kien mar lura d-dar mix-xogħol, għajjien, u ntefa' kif ġie ġie fuq is-sufan ħalli jistrieħ ftit.

Għajnejh marru bih u mbagħad qam b'salt għax bħal inħasad. Imbotta lilu nnifsu minn fuq is-sufan u mexa lejn gradenza fejn kien iżomm ix-xorb. Ferra' nofs tazza wiski u hekk kif dar biex imur lura lejn is-sufan mir-rokna t'għajnejh ra lil Anna dieħla fil-kamra tal-banju mill-kuritur. Is-soltu! Ovvjament ma kien hemm xejn, immaġini f'moħħu biss, kif kien jiġri ta' spiss. U rega' ntefa' fuq is-sufan.

Imma l-mużika tat-"Tunnel of Love" bdiet ġejja propju mill-kamra tal-banju, mhux aktar minn kullimkien, qisu "surround sound". Donnu xi ħadd kien qed idoqq sterjo fil-kamra tal-banju. Ħoss minn direzzjoni waħda. Mużika ċara u b'saħħitha.

Għall-ewwel tħawwad ftit imma mbagħad ħaseb li widnejh, jew moħħu, ma jafx!, kienu tħawdu. Bħal meta tkun bi kwietek u tisma' tisfira ġo widnejk; xi ħadd qed jgħid fuqek; tal-lemin fit-tajjeb, tax-xellug fil-ħażin.

Imma din id-darba d-direzzjoni tal-mużika tant kienet ċara li ma felaħx jibqa' bilqiegħda qisu ma ġara xejn. Qam minn fuq is-sufan u mar lejn il-kamra tal-banju, inkiss inkiss, anzjuż. Xegħel id-dawl tal-kamra u ħares ġewwa. Madum griż jagħti fl-ikħal, xugaman isfar mal-art fejn tefgħu filgħodu, il-bieb tax-xawer miftuħ għadu mxarrab, vit tas-sink iqattar – ma setax isib tarfu. U l-agħar ħaġa kienet li issa l-mużika donnha bdiet ġejja mis-salott, fejn kien intefa' jistrieħ.

Minn dak inhar, il-mużika dejjem bdiet ġejja minn direzzjoni



speċifika. Meta jkun il-fabbrika daqqa kienet tiġi minn xi uffiċju, daqqa mil-latrina, minn xi daqqiet minn wara xi magna. U sejjer hekk, ikun jaf eżatt minn fejn ġej il-ħoss – imur jara u ma jsib xejn. Ipprova jaħbi kemm seta' minn sħabu imma minn xi daqqiet il-mużika u l-kurżità kienu jegħlbuh u jmur ifittex. Ma jsib xejn. Iħares madwaru ħalli jara jekk qiegħedx jarah xi ħadd.

"Int okej Leonard?" staqsieh darba minnhom wieħed minn sħabu li kien lemħu jdur.

Leonard ma weġibx.

Dakinhar Anna kienet għalqet tliet xhur mejta. Wara li mar id-dar mix-xogħol u kiel *toast* ta' malajr, Leonard iddeċieda li jmur mixja madwar it-toroq tar-raħal. Ix-xemx kienet għoddha niżlet meta telaq mid-dar u mexa mhux ħazin, sa ħarġu l-kwiekeb u qamar kiebi irqaq minn sulfarina. Il-mużika kienet bdiet reġgħet ġejja minn kullimkien – forsi effett tal-mixi, ħaseb. U kompla miexi. Kellu bżonnha dik il-mixja u dik l-arja. Jibda jagħmilha aktar spiss din il-mixja fir-raħal.

Kien ilu li ħareg miċ-ċentru l-antik, u anke mit-toroq li bnew wara l-Gwerra, u dawk li kien jiftakar jinbnew fl-għelieqi fejn kien jiġġerra ma' sħabu. Issa għoddu kien wasal f'tarf ir-raħal fejn sab blokok ta' flats bla gost, kaxxi tal-konkrit. U issa – ara – qed jinbnew tlieta oħra. Ghadhom bla twieqi u mingħajr l-aħħar sulari. Il-mużika reġgħet ġiet b'ħasda. Żgur li ħoss veru dan, mhux ġo moħħu biss. Mużika ċara ħafna, minn ġo wieħed mill-blokki l-ġodda.

Il-bieb kien taparsi magħluq b'folja tat-triplaj. Kif resaq il-mużika tqawwiet. B'daqqa ta' sieq faqa' l-bieb u daħal jigri fid-dlam. Kamra wara oħra. Il-kitarra tat-"Tunnel of Love" tkellmu lura u tifnih ma' kull pass li jagħmel.

Ħadd ma kien ħabbel rasu jgħatti x-xaft u Leonard waqa' żewġ sulari. Ftakar fil-qattusa msakkra d-dar u dlonk kiser għonqu.

## ILSIEN PAJJIZI

Fost l-ilsna kollha, ja lsien pajjiżi,
isbaħ u bħalek jien ma narax;
ruħi mingħajrek bħal fomm imbikkem
li jrid jitkellem u ma jistax.

Għani f'faqartek, kbir fi ċkunitek,
taqbel ma' qalbi, taqbel mal-ħsieb;
bik fuq xufftejja il-mewt għad nara
tad-dinja l-oħra tiftaħli l-bieb,

Int li tfakkarni fi żmien tfuliti
mita ma' sħabi kont jien immur
naqbeż, niġġerra, nilgħab u ninbex,
jew għal xi bejta nitla' ma' sur;

Int li tfakkarni kemm Malta kienet
dari msemmija ma' kullimkien,
sakemm marbuta baqgħet ma' ġmielek,
sakemm ħassruha in-nies ż-żmiem.

Fik jiġri ħsiebi jekk xbejba tagħżaq
b'xi libsa mqattgħa tperper mar-riħ
nara u mid-daqqa li tat l-imgħażqa
nikxef il-qawwa ta' dak id-driegħ.

Fik jiġri ħsiebi jekk f'xatt il-baħar
mixħut fuq blata nilmaħ daqqiet
bħal qrun tal-fidda għaddej il-qamar
jiddi u jitkellem mas-sħab u s-skiet.

Leħnek jien nisma' jekk rasu mmejla
fuq tarf ta' fergħa jgħanni tal-belt,
iktar jekk jidwi, jingħi f'widnejja
il-biki, Malta, li dejjem bkejt.

Fost l-ilsna kollha, ja lsieni pajjiżi,
isbaħ u bħalek jien ma narax;
ruħi mingħajrek bħal fomm imbikkem
li jrid jitkellem u ma jistax.

Għalik jien Malti, u bajda u ħamra
dik il-bandiera u nsellem jien;
int nisel tajtni kbir u qalbieni,
ħsieb u qalb lilek nagħti flimkien.

**ANASTASJU CUSCHIERI**
**(Minn: *Cuschieri: Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*, Lux Press, 1967)**






## IL-*MACBETH* TA' DR ĠUŻÈ BARTOLO

**Jikteb Victor V. Vella**

Kont se nsemmih 'Lost in Translation' li kien it-titlu ta' film u li jispjega u jiġbor fih dak li rrid ngħid. U laqatni għax fi tliet kelmiet jgħid ħafna. Bħall-ieħor, favorit tiegħi ukoll, 'The Singer not the Song', li gej minn Hollywood ukoll imma li wkoll jgħid ħafna fil-qosor. Użajthom bl-Ingliż għax l-ewwel ħaġa meta taqlibhom għal-Malti jkollhom jitwalu biex jagħtu l-istess tifsira u wkoll jitilfu l-ħoss tal-kliem.

Fit-traduzzjoni titlef u tirbaħ jew tiggwadanja. Inħobbu ngħidu li bħall-original ma hawnx, sew jekk hu kwadru ta' Matisse u sew jekk hi xi deskrizzjoni ta' Gorky. Imma t-traduzzjoni almenu tagħtik ħjiel tajjeb tal-original jekk it-traduzzjoni toħroġ tixbah ħafna lill-oriġinal. U tant tkun ġenwina u sinċiera u erudita li toħroġ ukoll il-qawwa u s-sabiħ tal-oriġinal.

Li taqleb minn lingwa għall-oħra mhix facli. Jiddependi jekk tkunx qed taqleb rapport minn gazzetta jew xi rumanz Russu jew xi esej Franċiż jew xi poeżija ta' Iżaija. Bil-lingwa tista' tesprimi l-fatti, tista' tiddeskrivi veduta jew siġra u tista' wkoll tipprova tqanqal u ddaħħal kif tħossok u x'tifhem, u fuq kollox x'irid jgħid l-awtur oriġinali.

Dan l-aħħar ġiet f'idejja t-traduzzjoni tal-*Macbeth* ta' Shakespeare ta' Ġużè Bartolo. It-traduzzjoni laqtitni doppjament, mhux għax spjegat l-istorja u ppreżentat l-istorja bi stil u lingwa iżjed ħafifa għax stajt naqraha u nifhimha b'lingwa li nafha iżjed mill-Ingliż. Ikolli ngħid li l-istorja kont nafha għax studjajtha u għallimtha u qrajt fuqha... Imma t-traduzzjoni letterarja ta' Bartolo laqtitni mod ieħor: urietni u pprovat li l-lingwa Maltija għandha l-forza li tesprimi dawk l-ideat fondi, dawk l-emozzjonijiet, dawk id-deskrizzjonijiet ta' oriġinal sublimi. Fl-introduzzjoni ta' din it-traduzzjoni l-Professur Friggieri, kiteb hekk: "Il-kompetenza ta' Bartolo tingħaraf minnufih mhux biss fil-fedeltà obbligatorja lejn it-test originali... imma wkoll... b'melodjożità li tghaddi minghajr waqfien minn vers għall-ieħor."

Il-fatt li t-traduttur irnexxielu jagħmel dan kollu b'lingwa, se nsejħilha b'lingwa li tidher 'limitata' meta tqabbilha mal-Ingliż turi, iva, il-kapacita tal-awtur u wkoll il-forza li għandha l-lingwa tat-traduzzjoni. Turi l-istudju u l-ħsieb tat-traduttur li ma jsirx 'traditur' tal-original billi juża l-istil tiegħu u jagħġen l-istorja u jagħtiha forma jekk mhux ukoll tifsira oħra... Imma tant jgħarbel fil-fond kemm il-lingwa tal-oriġinal u l-lingwa tiegħu stess. Dan ikompli jsir diffiċli meta bħal fil-każ ta' Bartolo t-traduzzjoni tipprova tixbah u żżomm ir-ritmu tal-lingwa, kif ukoll il-ħoss tagħha fit-traduzzjoni bħalma naraw tant tajjeb f'dan il-vers u nofs fl-ewwel att:

Kieku jintemm mat-tmiem, l-aħjar li ttemmu mill-aktar fis.

Jew dawn is-sett versi qosra ta' Ross fir-raba' xena tat-tieni att:

L-arlogg jurina is-sebħ. Imma d-dlam tal-lejl
qed jifgagħalna l-fanal tal-jum f'mixjietu.
Jaqaw qawwet il-lejl tegħleb il-jum?
Jew dan qed jistħi jidher biex id-dlam
bħalissa jiksi d-dinja, meta d-dawl
Imissu, mimli ħajja, qed ibusha.

Hawn il-qawwa u s-sabiħ tal-istil ta' Bartolo jidhru u jinħassu fis-'sempliċità' jew fl-għażla ta' kliem komuni li juri wkoll it-twessigħ tal-użu tal-lingwa biex tesprimi ideat fondi f'taħlita ta' 'figures of speech' li jaħbtu iħawduk, u jkollok tieqaf taħseb biex tħoll it-taħwida.

Barra l-istil u t-'taħwida ta' metafori' hemm ukoll ir-ritmu u l-melodjożità li Bartolo pprova u rnexxielu jżomm u jipprattika mat-traġedja kollha.

Waħda mill-karattestici ta' ħafna mid-drammi ta' Shakespeare hi t-tqabbil tar-rima tal-aħħar żewġ versi minn xena għall-oħra. Billi dak iż-żmien ma kinux jużaw separju u forsi wkoll minħabba n-nuqqas tax-xeneġġjatura 'a la Hollywood', dan kien juri l-għeluq ta' xena u l-bidu ta' oħra.

Dan ħaseb fih ukoll Barolo fit-traduzzjoni tiegħu, għax insibu diversi eżempji ta' dan. Pereżempju fl-aħħar tal-ħames xena tat-tielet att insibu:

Sejjaħli wieħed mill-ispirti ż-żgħar
Qed jistennieni fi sħaba taċ-ċpar.

Dan l-istess diskors tal-ewwel saħħara hu mimli b'dawk li nsejhulhom *rhyming couplets*, żewġ versi li jispiċċaw bl-istess ħoss, li Bartolo kien ukoll kapaċi jimita bil-Malti minghajr ma fittex kliem barrani u esoteriku bħal ngħidu aħna, 'misturin imkabbrin, jew Sultana / tagħna' li jinħassu iżjed aħjar fil-versi kompluti bħal dawn:

U ħaġa oħra li għamiltuh għamiltuh
ma' wieħed xejn devot; il-ġid tajtuh
Li bniedem kollu korla u nkejjuż
Li jħobbkom, bħall-oħrajn għax malizzjuż.

F'dawn il-versi tidher ukoll il-kapacità tad-traduttur li jżomm kemm jista' jkun mar-ritmu tal-poeżija tal-oriġinal. Dan isir diffiċli minħabba l-qabża minn lingwa għal oħra u wkoll biex timxi fuq il-passi tal-oriġinal ta' Shakespeare li jħobb iħallat il-proża u l-poeżija fid-drammi tiegħu.

Fil-każ tad-drama letterarja bħalma hi ta' Shakespeare dejjem jidħol jew tidħol il-mistoqsija: X'inhu l-aħjar biex toħroġ l-effett drammatiku u l-elokwenza tal-kitba tat-traġedja? Hawn minn hu tal-fehma li t-traġedji bil-ħafna sħaħar u demm li jilagħbu parti ġmielha f'biċċiet minnhom mhux inqas fil-*Macbeth*, li iktar tgawdihom meta taqrahom milli meta tarahom fuq il-palk. Jista' jkun li dan japplika iktar u iktar meta taqra l-verżjoni f'lingwa oħra. Dan żgur ma japplikax għall-*Macbeth* ta' Bartolo għax fil-verżjoni tiegħu rnexxielu mhux biss iżomm mal-istorja oriġinali imma li jżomm mal-lingwa u mal-istil u mal-armonija tal-oriġinal li barra l-istorja u l-immaġinazzjoni tajjeb li jixraqlu l-isem ta' 'ix-Shakespearre tal-lingwa Maltija'.



## SUNETT NRU. 103

Jaħasra, kemm hi fqajra l-Muża tiegħi,
Li għandha suġġett hekk sabiex bih turi
Kburitha, u s-suġġett, waħdu, jisw'aktar
M'li meta żidtlu jien it-tifħir tiegħi!
O, t'tinix tort, jekk mhux se nikteb aktar!
Ħares fil-mera, u int wiċċ tara fiha
Li jagħleb mhux ħażin ħilti spuntata,
Idennes vrusi, jirvinali ġieħi.
Ma jkunx dnub, mela, jekk ħa' nsewwi vrusi,
Ngħarraq suġġett li qabel kien hekk tajjeb?
Għax dwar xejn aktar ma jitkellmu vrusi,
Għajr dwar sbuħitek u t-talenti tiegħek;
U aktar, bil-wisq aktar mill-vrus tiegħi,
Turik il-mera meta tħares lejha.

## SUNETT NRU. 104

Sbejjaħ ħabib, qatt ma tixjieħ għalija,
Għax bħalma kont meta għajnejna ltaqgħu
Għall-ewwel darba, hekk sabiħ bqajt tidher.
Tliet xtiewi kiesħa jheżżu mill-imsaġar
Kburit tliet sjuf, tliet rebbigħat jinbidlu
F'isfar tliet ħarifiet, f'kors l-istaġuni
Jien rajt, tliet fwejjaħ ta' April jinħarqu
Fi ħruq tliet Ġunji, mindu frisk u tħaddar
Kif għadek, rajtek. 'Mma bħal minutiera
Il-ġmiel jitkaxkar bla wieħed jintebaħ;
Hekk ġmielek, qisu waqaf, qed jinbidel,
U jista' jkun għajnejja qed jitqarrqu:
Nibża' minn dan, nies t'għada isimgħuni, -
Qabel twelidtu ġmiel is-sajf kien mejjet.

## SUNETT NRU. 105

Ta' mħabbti ma tissiħx idolatrija,
La l-mahbub tiegħi idolu ma jidher,
Darba għanjieti u tifħiri kollu
Hum' għal persuna waħda, u hekk se jibqgħu.
Twajjeb maħbubi llum, u twajjeb għada,
Lejja dejjem fidil b'mod eċċellenti;
Għall-fedeltà mel' vrusi limitati,
Jesprimu ħaġa waħda, bla jinbidlu.
Sbejjaħ, twajjeb, fidil, inebbaħ vrusi,
Sbejjaħ, twajjeb, fidil, b'modi varjati;
U f'ħidma hekk inqatta' ħini noħloq,
Tliet temi f'waħda, joffru skop tal-għaġeb.
Sbejjaħ, twajjeb, fidil, spiss għexu w'ħidhom,
It-tlieta s'issa qatt f'persuna waħda.

**WILLIAM SHAKESPEARE**
**(Minn: *William Shakespeare. Is-Sunetti*, Traduzzjoni għall-Malti ta' Alfred Palma, Wise Owl Publications, 2010)**



# 1956 - SAX-XGĦIRA TA' BORMLA

**Ġrajja ta' Carmen Refalo**

*Għalkemm il-gost tagħha ddur iż-Żejtun*
*jekk tixxennaq għal Bormla*
*xi ħarġa ssib żgur.*

Qomt kmieni bħas-soltu ladarba kien is-Sibt. Kont ser nibda niekol biċċa ħobż mixwija bil-butir ma' tazza Ovaltine bid-duħħan għadu tiela' minnha meta smajt liz-zija Ċett tgħajjatli.

"Ħalliha tlesti Ċett għax jiksħilha kollox", qabżet nannti minnufih, "daqskemm iddum tilgħab bl-ikel. Nobgħod nara l-ħobż bil-butir jintrema", kompliet titkellem waħedha.

Imma malli bexxaqt il-bieb għall-bitħa sibt lil ziti ma' wiċċi bil-lenbija f'idha, iġġorr xi ħamest ibċieċen b'rashom imdendla laġenba hi u miexja lejn il-kċina; kienet għadha kif ilwitilhom għonqhom. Kull meta l-ħamiem fil-gallinar ta' fuq il-bejt kienu jiżdiedu il-bċieċen kienu jlaqqtuha. Kos, iċ-ċkejknin dejjem ibatu meta l-kbar ma jaqbżux għalihom.

"Jaħassra zi," ħarġitli bla ma ridt minn taħt l-ilsien; kont naf li jekk tismagħni n-nanna kienet issikkitni fil-pront. Imma ziti ħarset lejja u kellmitni b'għajnejha; mill-ewwel fhimtha. U meta konna waħedna fil-kċina fakkritni f'dak li kienet ilha tgħidli:

"Dawn għalhekk maħluqa Carm. Tmajniehom u ħadna ħsiebhom u issa qtilniehom malajr biex ma jbatux. Xi ħaġa rridu nieklu ruħi qalbi; illum mess lilhom."

"Imma għax ilwejtilhom għonqhom; lit-tiġieġ dejjem tħanxarilhom rashom?"

"Għax lill-ħamiem hekk għandek toqtolhom; minn dejjem hekk nafha. Tistaqsinix il-għala. Jekk trid tiġi miegħi għal qadja f'Bormla trid tħaffef; tinsiex li rridu naqbdu żewġ karozzi."

U malli smajtha ssemmi l-ħruġ, tfajt l-aħħar gidma ħobż f'ħalqi u stennejtha tkomplili.

"Mur għid liz-ziju jfittex jinżel minn fuq; fakkru li jrid inittef u jnaddaf dat-tjur biex zitek Marì ssibhom lesti għall-frakassija. Biex kif naslu lura d-dar insibuha msajra u lesta."

Dan l-ispeċi ta' stuffat ħafif u delikat, *fricassée* bil-Franċiż, kien wieħed mill-ikliet spjeċali taz-zija Marì, li tgħallmitu fiż-żmien li kienet taħdem bħala seftura mal-Professur f'Ħal Lija.

Iz-zija Marì kienet għadha ma ġietx mill-Quddies u kif qbadt infittex fil-kexxun biex noħroġ tibdila ta' taħt oħtha reġgħet ġiet fil-kamra ġġorr il-friskatur,

"Hawn ara dal-ilma fietel biex tinħasel u tbiddel. Oħroġ xugaman ħalli ngħinek tlesti għal barra."

"Jien naf ninħasel u nilbes waħdi," u ngħalaqt fil-kamra u nħsilt ta' kuljum. Imma għalkemm kelli xi disa' snin, għal ta' fuq x'aktarx li għajjatt liz-zija Marì, jekk kienet leħqet ġiet.

\- - -

Insomma xi nofs siegħa wara rkibna tallinja tistenna fil-pjazza taż-Żejtun. Malli sibna post u ziti poġġiet il-ġewlaq mimli ħwejjeġ fuq il-bank vojt li sibna quddiemna jien kont pronta dort lejha,

"Issa tista' tgħidli l-għala l-bċieċen m'għandekx taqtagħlhom rashom, imma xorta waħda tista' toqtolhom?"

"Ħsibtu jien Carm; meta narak b'ħarstek mitlufa li bilkemm tkun taf x'qed jiġri madwarek, ninduna li jkollok xi ħsieb idur ġo moħħok."

"Mhux int ħallejtni b'nofs risposta; issa tista' tgħidli. Imma tgħajjatx għax jisimek kulħadd."

Ziti ħarset bl-ikrah lejja u ħadet nifs qawwi; dejjem hekk kienet tagħmel kif ngħidilha tbaxxi leħinha. Kont wasalt biex nagħlaq disa' snin u sirt naf nisthi. Bla ma qaltli xejn, ziti tefgħet is-sorra li kellha fuq ħoġorha għal fuq ħoġri u bdiet tqalleb fil-portmoni; ħarġet borża tal-karti mimlija santi tal-Qaddisin u bdiet tqallibhom sakemm għażlet waħda minnhom.

"Żomm f'idek Carm. Għandek Santa bħal din? Fil-Ġriżma tawk waħda bħalha jkolli ngħid."

"Iva għandi zi u naf ta' xiex inhi."

"U dil-ħamiema x'qed tagħmel hawn fuq?"

"Naf ukoll zi; qed turi l-Ispirtu s-Santu taħt il-forma li biha deher lill-Appostli."

"Tajjeb", qaltli ziti. "Issa fhimt għax lill-ħamiem ma naqtgħulhomx rashom; b'rispett għal dik l-Ixbieha."

"Imma zi", u hemm kellha twaqqafni; is-sewwieq qabbad il-magna tal-karozza u ziti ħatfet il-ġewlaq biex iżżommu sew b'idejha t-tnejn waqt li ħasditni.

"Kun pronta żomm is-sorra Carm għax jekk taqa' kollox joħroġ minn ġo fiha", u malli rat li kif tlaqna kollox baqa' f'postu ħadet ir-ruħ. U jien qbadt dis-sorra u sibtilha post maġenb il-ġewlaq.

"Issa Carm iżjed ma tikber iżjed tibda tifhem dis-Santa, għax mhix xi ħaġa faċli", qaltli waqt li ġabret il-portmoni minn ħoġorha u reġgħet tefgħetha fil-borża mas-santi l-oħra.

Mir-riħa li kienet ħarġet mis-sorra stajt ninduna li kienu xi ħwejjeġ minn ġol-'parcels' li kienet tibgħatilna z-zija Filomen mill-Amerika. Għax iz-zija Ċett kienet tiġbor dawk li ma kinux jgħoddu għalina u tmur tbigħhom bl-irħis għand in-nies. U kien ikollha xi tlaqqat mhux ħażin għax mad-disa' snin l-ilbiesi t'Emily bdew jiġuni issikkati u l-ilbiesi tal-irġiel għaz-ziju Ġuż, kienu jintrefgħu fil-kaxxa fuq il-gwardarobba; jekk niftakar sew iz-ziju waħda biss kellu u kien jilbisha darba f'mitt qamar. Kont sirt naf li ziti kellha xi erba' Bormliżi li kienu jixtru mingħandha.

– – –

U sakemm wasalna sa ħdejn 'IL-Madonna tal-Ħniena' kappella fir-Raħal ta' Fuq, il-kunduttur laħaq ġabar il-flus għall-biljetti. Wara li ksirna għal Bir id-Deheb komplejna sejrin qalb l-għelieqi miżrugħa. Wara li t-triq djaqet u għaddejna minn bejn in-niċċa tan-Nunzjata u xi rziezet li kienu ilhom li nbew min jaf kemm, dorna mal-lemin, wara ftit erġajna lejn ix-xellug u ġejna quddiem Il-Knisja tal-Annunzjata ġol-pjazza mdaqsa mimlija bini. U minn hemm it-triq ewlenija ħaditna sal-pjazza tar-Raħal Ġdid. Kif ziti ġibdet il-ħabel tal-qanpiena s-sewwieq waqaf fl-istejġ ta' wara. Inżilna u ħaffifna lejn l-Għassa tal-Pulizija u stennejna xi mkien 'l hemm sakemm ilmaħna ta' Bormla, kulur aħdar ċar, ġejja mill-Belt.



Aktarx li kif tlajna sibna fejn inpoġġu; dak il-ħin il-ħaddiema kienu jkunu ilhom li waslu fuq il-post tax-xogħol. Min-niżla t'Għajn Dwieli stennejt li ngħaddu minn taħt il-Mina biex id-dawl ġol-karozza jonqos waqt li nibqgħu mexjin; għalija kienet xi ħaġa mhux tas-soltu. Wara li nżilna u dorna mal-Knisja ta' San Pawl żgur li bdejt infittex il-bieb tad-Dockyard; kien ifakkarni f'jum speċjali fi żmien il-Milied, meta z-ziju kellu l-permess li jdaħħalni hemm ġew u joħodni fil-post tax-xogħol tiegħu. Kienet ħaditni darba z-zija Marì u wara li z-ziju għaddiena minn ħdejn il-baċir ħadna f'ħanut kbir mimli bil-magni għax-xogħol; kienu jaqtgħu l-asbestos. Hu kien jaħdem fuqhom.

U x'aktarx li mitlufa fil-ħsieb erġajt ġejt insè kif tallinja waqfet fl-istejġ ta' quddiem ir-Realto u ziti baqgħet bilqiegħda. Hemm indunajt li konna ser inkomplu telgħin sax-Xgħira; fl-aħħar waqfa kellna ninżlu mal-passiġġieri li kien għad fadal.

– – –

Għadni niftakar ċar dik id-dar lejn Santa Margerita bil-bieb miżbugħ aħdar u bil-ħabbata tar-ram tleqq fix-xemx. Ġiet tiftħilna mara żagħżugħa; issa nista' ngħid li kellha fuq it-tletin sena. Malli daħħlitna fl-intrata, laqagħni l-vojt tal-ħitan kollha mbajda ċar; bla inkwatri mdendlin magħhom. Imqar gastra f'xi rokna jew tapit żgħir fuqxiex nimsħu ż-żarbun; xejn ma rajt, imkien. Imma l-vojt malajr imtela b'erbat itfal iżgħar minni, li ħarġu jiġru minn ġewwa jifirħu bina, jduru magħna u jittawlu fil-ġewlaq ta' ziti u lejn is-sorra li kienet għadha f'idi.

Kif imxejt wara ziti għall-kamra tal-ikel, tnejn minnhom bil-gażaża f'ħalqhom ġew iġebbduli d-dublett biex inħares lejhom waqt li beżquha biex jidħkuli. U ħadt ir-ruħ meta rajt mejda kbira fin-nofs; fuqha ziti poġġiet dak kollu li beda jtaqqalna u bdiet mill-ewwel toħroġ il-ħwejjeġ u turihom ħaġa ħaġa lil ommhom. Għadni niftakar f'dik il-mara b'xagħarha kemxejn imħabbel, maqtugħ qasir s'għonqha; qatgħa rari għal dak iż-żmien. U ma ħabbletx moħħha li konna sibnieha bil-libsa tal-irqad. Ta' tifla li kont stħajjiltha kienet għadha kemm tqum. Imma issa naf kemm kellha xeħta ta' waħda għajjiena, dik il-mara dakinhar.

Iż-żewġ subien imfarfrin, ħafjin, bil-ħwejjeġ tas-sodda wkoll, bdew iduru bilwieqfa mal-mejda waqt li ż-żgħar mhux daqstant sodi fuq riġlejhom riduni ngħinhom jitilgħu bilwieqfa fuq is-siġġijiet; x'aktarx li daż-żgħar, tifel u tifla indaqs fit-tul, jiġru wara xulxin kienu tewmin.

Imma kif bdew jidhru l-kuluri tad-drappijiet waqt li jarmu r-riħa tfuħ li kienet toħroġ minnhom, il-qbiż u l-ġarr tas-siġġiet żdied. Bqajt inħares lejhom; bdew jistorduni u m'għidtx kelma waħda. Dawk it-tfal qishom flieles iwarrbu u jimbottaw lil xulxin, għaddejin minn taħt il-mejda jew saħansitra jitilgħu bilqiegħda fuqha kienet dehra mhux tas-soltu għalija. L-akbar fosthom tela' mas-sellum li kien hemm mal-ħajt sakemm seta' jara x'kien qed isir. U meta ħutu bdew iħarsu lejja qisni wiċċ laskri qabdu jgħajbuni.

Imma l-aktar li laqtitni kienet ommhom: kienet donnha maqtugħa minn dak kollu li beda jiġri madwarha. U fl-istess waqt it-tfal b'ħarsithom spiss iddur lejha kienu qishom il-ħin kollu magħqudin qaqoċċa magħha; bħallikieku biex ikunu ċerti li ma kinux qed idejquha.

Ħarist lejn ziti u rajtha mitlufa toħroġ il-bejgħa minn ġos-sorra waqt li l-omm, imqanqla bid-dehra tal-ħwejjeġ, bdiet

tqalleb u tmiss il-materjal ta' kull biċċa; kultant saħansitra titkellem waħedha. U sakemm tistennieha tagħżel, iz-zija Ċett erħilha tiggosta 'l uliedha.

U quddiem għajnejja ġew in-nanna u z-zija Marì; stħajjiltħom kienu ħdejna. Mur ara kemm kienu jġibu kollox bi kbir; erħilhom jistagħġbu li kien se jweġġa' xi ħadd waqt li jsikktu u jniżżlu lit-tfal li tqabdu mal-iskaluni. U tbissimt bħallikieku kont qed narahom ħomor nar b'nifishom maqtugħ!

U dak il-ħin instemgħet għajta stramba li ġabitni lura fir-realtà tal-mument waqt li omm it-tfal telqet il-ġlekk li kellha f'idha u rħietu għal fuq il-mejda,

"Min mar imissu? Għalfejn qajjimtuh", staqsiet waqt li b'għajnejha fittxet lit-tnejn il-kbar.

"Paul qajmu ma. Mar iġibu biex Johnnie jkun magħna u jista' jara kollox", qalilha wieħed minnhom li kellu xi sitt snin. U fil-pront daħal il-kbir b'ħuh f'idu; kif rana beda jifraħ u jferfer idejh bla ma jlissen kelma. Iz-zija Ċett ħasditni; telqet fil-pront tifraħ bih, refgħetu u tagħtu bewsa kif imiss.

"Lilek dejjem jagħarfek Ċett; arah x'ferħ għandu fuqu. Ma jisma' xejn jaħasra u xorta jagħraf lil min iħobbu", qaltilha ommu waqt li t-tifel dawwar idu m'għonq ziti li tgħidtx kemm għafsitu magħha. Wara li newlitlu xi biċċtejn ħwejjeġ ikkuluriti biex jilgħab bihom, poġġietu fuq ħoġorha.

"Bilħaqq Rożina, kienet bagħtitlek xi għajnuna s-Superjura? Kont għidtilha kif għal ġimgħat sħaħ ma jkollok għajnuna ta' ħadd", qaltiltha ziti hekk kif it-tfal ikkwitaw, medhijin b'ħuhom jarawh jilgħab biċ-ċraret.

"Imnalla kont int Ċett għax issa qed jiġu jgħinuni żewġ xebbiet twajba tal-Mużew; joqogħduli d-dar darba fil-ġimgħa ħalli nkun nista' mmur nagħmel xi qadja wara li nwassal lill-kbar l-iskola. Lit-tewmin narmalhom il-ferrovija li ġabilhom missierhom; ma jixbgħu qatt jilagħbu fil-kwiet, fuq kutra mal-art.

Daż-żgħir jaf joqgħod kwiet ħdejhom sakemm ikun irid xi ħaġa u ma jifhmuhx; jaqbad jixher u jgħajjat u ma ssibx irkaptu tiegħu, ruħi qalbi", bdiet tgħidilna ommu u fil-pront ħassejt id-dmugħ jaħrabli minn għajnejja. Staħbejt wara ziti, li sadattant bdiet timsaħ ħaddejha bil-maktur tagħha.

"Meta r-raġel ikun hawn tgħidx kemm jgħinni. Imma kull darba li jkollu jerġa' jimbarka nħossni ser nitlef rasi. Emminni dil-ħarġa ta' darba fil-ġimgħa, waħdi u fil-kwiet inħossha qed tagħtini s-saħħa. Biss biss inkun nista' mmur sal-Imgieret nagħti titwila lil missieri għalkemm m'għadux jagħrafni; mill-mewt t'ommi tgħidx kemm mar lura. U ma jkollix ħsieb Johnnie għax dax-xebbiet tant huma ħelwin miegħu li saħansitra sar jistennihom. U jkun jaf li nkun ser niġi lura b'tużżana pastizzi u b'kaxxa pasti mill-Belt."

Wara li ntgħażlu l-ħwejjeġ iz-zija Ċett talbitha l-prezz u wara ftit tpespis ftehemu malajr. U kif ziti tħallset ħriġna 'l barra u qbadna mexjin. Imma minn fuq l-għatba tal-bieb Rożina waqfitna.

"Ċett, għax ili biex nistaqsik, taf x'sapun jużaw l-Amerka; kemm togħġobni r-riħa li jkollhom dal-ħwejjeġ ." U meta ziti wrietha li ma kellha l-ebda ħjiel", komplietilha:

"Tinsinix Ċett, meta jkollok iżjed ejja bihom", u aħna u neżlin lura, it-tewmin ħarġu maġenbha ixejrulna bil-gażażi għadhom f'ħalqhom.



Naħseb li dik ir-riħa x'aktarx li kienet tkun tal-'fabric softener' li fl-Istati Uniti tal-Amerika kienu diġà jużaw mat-tlaħliħ fil-bidu tas-snin ħamsin.

Għalkemm dik il-mara ma kinetx fqira, ziti, li kellha qalb tad-deheb u moħħha mimli skrupli, żgur li kienet tbigħhomlha bl-irħis. Meta kbirt sirt naf li snin qabel meta kienu għadhom joqogħdu fil-kerrejja f'Bormla, kienet fetħet ħanut tal-bjankerija biex tgħin lill-familja. Ma kienet taqta' qalbha minn xejn u dak li titwebbel bih kienet tagħmlu.

Mela wara li qabdet sew u bdiet tara xi sold deherilha li l-qligħ mil-lożor kien wisq, li ma kellhiex taqla' daqshekk minnhom u bdiet traħħashom. Imma l-bejjiegħa l-oħra ħaduha kontrieha għax bdiet toħdilhom il-bejgħ, u kellha terġa' tgħollilhom il-prezz għal ta' qabel. U wara ppruvat traħħashom baxx baxx, lil dawk li ma setgħux jixtruhom bil-għoli, imma l-kelma ġriet u kellha tagħlaq il-ħanut.

Ziti Ċetta kienet mara tar-ruħ li tħoss u tħenn għal kulħadd.

Għandi amment li kienu jiġu nies fil-meżżanin jistaqsu għaliha; kull meta kont ninzerta fl-intrata kienet tibgħatni 'l ġewwa għax waqt li jkellmuha kienet tkun trid tibqa' waħedha magħhom. Meta kbirt sirt naf li kienu jiġu għal xi pjaċir mingħandha, ħalli tmur magħhom s'għand l-Arċipriet jew s'għand in-Nutar u titkellem hi għalihom. Għalkemm qatt ma kellha x-xorti titgħallem l-iskola kienet tinqala' għal kollox.

Insomma dakinhar mix-Xgħira nżilna lejn il-Knisja ta' Santa Tereża, imxejna fuq il-bankina faċċata tal-ħajt għoli tad-Dockyard, għaddejna minn quddiem ir-Realto u ħaffifna s'għand tas-Sluta; minn hemm konna nixtru l-biċċiet tal-pasta frolla bl-intrita fin-nofs. Lili riditni nieqaf fid-daħla tal-ħanut ħalli kif nara t-tallinja nieżla mix-Xgħira għall-istejġ tal-pjazza, ngħajtilha fil-pront biex hi toħroġ mill-ħanut.

"U jekk tallinja ma tiqafx hemm, inżel fuq il-bankina u ara kif twaqqafha qabel ma taqbiżna u taħarbilna; u toqgħodx tistħi Carm għax nibqgħu l-art."

U lili telgħetli fawra bil-mistħija. Imma b'xorti tajba leħqet lestiet mix-xiri u lħaqna ġrejna sal-istejġ qabel ma waqfet il-karozza. U kif tlajna bil-kaxxi tal-pasti jfuħu f'idejna dort lejha u għidtilha b' nifsi maqtugħ:

"Terġax tgħidli nwaqqaf lil tallinja bejn stejġ u l-ieħor għax iġġegħelni nistħi; jekk nitilfuha mmorru ż-Żejtun bil-mixi", u ma niftakarx x'kienet weġbitni. Insomma jekk niġu f'dan ziti ma kinetx ser taqta' qalbha minn hekk. U aħna u sejrin lura l-kliem waqa' fuq Johnnie; kif ma kienx tgħallem jitkellem għax ma kienx jisma'.



"Zi mela bħat-tifel ta' Sossi, dak mhux ukoll trux? Meta ngħaddi minn ħdejhom, narah fir-remissa ħdejn il-poni jgħin lil missieru. U kif jarani joħroġ ixejjirli u jien nidħaklu lura; dejjem ferħan narah."

"Għax issa Carm dak sar ġuvni u Sossi leħqet għallmitu jagħmel kollox; sar jifhimha miċ-ċaqliq ta' xufftejha hi u tkellmu. Imma ġieli qaltli x'kien jagħmlilha sakemm kiber; jgħajjat il-ħin kollu biex hi tagħti kasu u sa waslet li kellha torbtu mas-siġġu daqskemm kien imqareb."

"Uff xi dwejjaq miskin ma jisma' xejn. Imma zi, lanqas l-iskola tan-nuna qatt ma mar?"

"Ma nafx ngħidlek ruħi; jaħasra dat-tfal", u meta rajt li mill-portmoni reġa' ħareġ il-maktur ta' ziti għalaqt ħalqi; qgħadt inħares 'il barra mit-twieqi tal-ħġieġ kemxejn imdellkin lejn il-beraħ tal-madwar. U xi ħin żgur li xi qatgħa għasafar serqitli ħarsti. L-arja ta' barra kienet tinxtamm friska, l-istaġuni kienu għadhom jagħmlu xogħolhom, sena wara sena bla tfixkil.

Ma stajtx noħlom kemm kont ser nilħaq tibdiliet kbar f'ħajti waqt li nimmolla ma' kull ħofra fuq tallinja sejrin lura mir-Raħal Ġdid, fit-trejqa bis-siġar lebsin skont l-istaġun, isserrep fl-għelieqi ċkejknin miksija pariġġhom bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun. Kien żmien tfuliti u xi drabi għadni nixxennaq għalih.

Imma wara li għadda ż-żmien iz-zija Ċett saret taf li Johnnie kien sab l-iskola speċjali għall-bżonnijiet tiegħu. Hemm tgħallem kif jifhem u jiftiehem bis-sinjali, kiseb ħiliet biex sab ix-xogħol u seta' jaħseb għal rasu. U ma ridtx nemminha meta qaltli li skont ommu, kien saħansitra jsiefer ma' sħabu. U kif fakkritni f'ommu, ġie wiċċha quddiem għajnejja u d-dmugħ ta' ferħ xarrabli wiċċi.

Mur għidli bir-ruxxmata tibdiliet li kelli nara f'ħajti, li bħas-sħab mistoħbi 'l bogħod, kif jasal jaf isaqqi jew jgħarraq fl-istess ħin.

Sadattant issa drajna naraw tfal b'kundizzjonijiet oħra li qabel kienu jinżammu moħbija ġod-djar tul ħajjithom kollha, li bdew jidhru ġot-toroq jinġarru mill-ġenituri bl-akbar għożża u bl-ebda regħxa ta' mistħija. Fl-aħħar indunajna li dil-ħajja hija mimlija b'realtà li tkanġi b'kull kulur waqt li l-perfezzjoni aktarx li ma teżistix għax ma tintlaħaq qatt.

## CINCINNATI

Id-dawl ta' Cincinnati
bħal kwiekeb niżlu fl-art
tarahom bil-lejl...
Fit-triqat wiesa' Amerikani
is-silġ ġo Cincinnati
isaħħnek f'lejlet il-Milied ...
Iteptep id-dawl mit-twieqi
tal-iskajskrejpers fil-Campus
fejn studenti jistudjaw jew jinħabbu ...
Bejn l-Isptar Ġenerali
u l-Campus interraq
ħadd ma jimxi hawn
ħlief xi suwed ...
il-karozzi jispidjaw.
Meta nħares mit-tieqa
tal-kamra fil-ħdax-il sular
nara l-Burnett Woods
iħaddru sajf u xitwa.
Is-Sibt ninżlu nixtru
minn Findlay Market
qrib il-kwartieri tas-suwed.
U mbagħad wara, Downtown,
fil-pjazza tal-funtana
nduru l-ħwienet kbar ta' Shillito
u nitħalltu ma' nies
ta' kull ġens.
U nqattgħu l-ġranet nistudjaw
u nixorbu l-kafè
ma' studenti stranjieri.
Waqt li fil-konservatorju
l-mużika l-ħin kollu ddoqq
u fiċ-ċentru tal-aeronawtika
l-astronawti futuri jittrenjaw.
Fil-vaganzi nduru ż-żu
li jfakkrek fl-Eden.
Jew xi drabi mmorru l-Music Hall
nisimgħu l-Orkestra Sinfonika
li tħollok demmek
tghollik f'Eden ieħor ta' sħarijiet.
U għaddew sentejn
u ħabbejtha 'l dil-Belt f'Ohio.
Imma 'l Malta qatt ma nsejt.
U ppreferejt inġib lura l-memorji amerikani
miegħi f'pajjiżi
milli nieħu l-memorji ta' pajjiżi
u nħawwilhom f'art barranija.

**IMELDA SERRACINO INGLOTT**
(Minn: *Xewqat Sbieħ*)






## *MIN JOGĦDOS BLA MASKRA* ta' Carmel Scicluna, Horizons 2023.

**Jikteb Patrick Sammut**

*Min Jogħdos bla Maskra* hija t-tielet ġabra ta' poeżiji ta' Carmel Scicluna, awtur ukoll ta' bosta rumanzi (5 b'kollox) u għadd ta' ġabriet ta' stejjer (8 b'kollox). Din id-darba qed jgħaddilna mal-61 poeżija li jifirxu fuq 100 paġna u huma mqassmin fuq 5 taqsimiet – Kenura, Sriep tal-Baħar, Riħ Jirjieħ Fuq Mewġ Jimwieġ, Bla Nifs, u Niskandaljaw il-Fond. Fi kliem Carmel Scicluna stess, "Ħames taqsimiet - kollha konnessi mal-baħar - għax ridt li l-baħar (xbieha tal-inkonxju tiegħi) u l-ħwejjeġ marbutin miegħu jkunu spissi. Ridt nirrifletti fuq il-baħar (fil-konxju tiegħi wkoll) bħala għajn u skop tal-ħajja. Il-baħar tal-eżistenza li nħabbtu wiċċna miegħu, simbolu tal-qalb umana, tad-dinamiżmu tal-ħajja, il-ħajja u l-mewt (ara 'Ma nafx meta')."

Fl-aħħar parti tal-ktieb imbagħad, Scicluna inkluda xi kummenti ta' xi reċensjonisti u kritiċi letterarji differenti dwar il-ġabriet poetiċi tiegħu (*Il-Kalċi Qiegħed Ifur*, Horizons, 2017; u *L-Ambjent li Qridna*, Horizons, 2020), u l-ġabra ta' stejjer *Id-Dubbiena u Stejjer Oħra* (Horizons, 2022). Dawn li nsibu f'*Min Jogħdos bla Maskra* huma poeżiji li l-biċċa l-kbira tagħhom inkitbu bejn l-2021 u l-2022.

L-għażla ta' Scicluna hija favur il-poeżija moderna, fejn iħaddem il-metrika (tul ta' strofi) u l-versi ħelsin. Imma waqt il-qari tal-poeżiji mill-ewwel joħroġ evidenti li hemm ukoll xi elementi tal-poeżija tradizzjonali bħall-użu tal-endekasillabu, il-vers tar-riflessjoni. Il-metafori huma friski, bħal fil-poeżija 'Boxing', fejn il-ħajja tal-poeta-bniedem hija mqabbla ma' dan l-isport fejn teħtieġ tiddwella u spiss tispiċċa bla nifs. F''Tieqa' l-poeta jitqabbel ma' ġardinar, filwaqt li dak li jikteb hu "Il-ġnien lussuż" tiegħu. Xogħol il-poeta hu li jnaqqi, jiżbor u jsaqqi. Il-Malti li jħaddem Scicluna hu mirqum, xi drabi jidher sempliċi imma spiss imur lil hinn mis-sempliċi, anki għax warajh jinħbew saffi diversi, wieħed iktar profond mill-ieħor. Dawk tiegħu huma poeżiji li jeħtieġu jinqraw iktar minn darba biex il-qarrej dejjem jiskopri iktar tifsiriet possibbli. Fil-fatt hemm poeżiji li taħseb li fhimthom biex ftit wara tħoss li hemm iċ-ċans li ma fhimthomx u b'hekk terġa' taqrahom u taqrahom mill-ġdid, tqaxxar qoxra wara qoxra biex forsi tasal sal-qalba tagħhom.

Spiss tinħass il-poeżija mhux biss li trid tfisser imma anki tinstema', u dan permezz tal-alliterazzjoni. Hekk naqraw f''Kartesju': "Kartesju…/ imma b'liema vers/ se jsannar sunnartu/ fis-solitudni ta' deżertu…/ u liema laħam ħaj/ bil-verità se jżarrat?", b'insistenza fuq konsonanti bħas-'s', l-'l' u ż-'ż'. Hemm ukoll il-poeżija ritratt li tieħu forma konċiża ta' ftit versi li jgħidu storja sħiħa bħal f''Nofs Tużżana Ritratti minn Festin'.

Element li jispikka hu dak tal-intertestwalità, jew djalogu ma' kittieba, ħassieba u artisti oħrajn, jew relazzjoni bejn test jew ieħor, fejn it-test jista' jkun letterarju, ċinematografiku, mużikali, jew pittura. Eżempju, il-poeżija 'Sakjamuni' hija sottotitolata "Addattament kreattiv b'riħet spunti minn silta f'saġġ filosofiku ta' Albert Camus." Waqt il-poeżiji f'din il-ġabra Scicluna jsemmi wkoll lil Mario Azzopardi, Miroslav Holub (xjenzat u poeta Ċek), Herta Müller, Béla Tarr, Michelangelo Antonioni u Alfred Hitchcock (reġisti ċinematografiċi), Meena Kandasamy (poetessa Indjana), il-kittieba Mary Ann Zammit, Jean Baudrillard (soċjologu Franċiż), id-drammatrurgu Eugène Ionesco, pitturi bħal Picasso, Goya, Bosch, Breughel, u personaġġi oħra bħal Mao, Marx, Lenin, Ovidju, il-filosofa Julia Kristeva, u Thomas Bernhard (rumanzier Awstrijak). Dan kollu hu prova ta' kemm il-poeżiji ta' Scicluna huma stedina mhux biss biex il-qarrejja jaqrawhom u jgawduhom bħala esperjenza intellettwali, udittiva u emottiva, imma anki biex ikomplu jwessgħu l-bagalja kulturali tagħhom.

Hemm drabi meta Scicluna bħal jindirizza lill-"int" li jista' jkun huwa stess li qed jipprova jifhem lilu nnifsu aħjar ('Kenura' u 'Il-Leħen Isieħlek'), mela l-poeżija tinftiehem




Carmel Scicluna

bħala definizzjoni tal-'jien'. Hemm ukoll versi li jilħqu ċerta qawwa spiritwali, bħalma naqraw f''Taqtir minn Ruħna': "Ma tifhimhiex/ ruħna bħall-ilma/ tqattar sal-aħħar/ waqt tal-mewt.../ tqattar sal-aħħar qatra/ li tgħib fix-xejn.../ u tibqa' għal dejjem." Hemm l-eleġiji ddedikati lin-neputi li għex 30 sena, oħrajn versi tqal li jwaqqfulek qalbek milli tħabbat bħal 'Xitla' li b'xi mod tiddeskrivi kif tfajla "Ċaċċaruna... Tiżfen mal-friefet", mal-mixja taż-żmien tinbidel f'xiħa "mitluqa,/ merħija/ fuq is-siġġu mżaqżaq.../ Għal nitfa mħabba titkarrab." 'Il-Lukandieri' hija kompożizzjoni twila, narrattiva u riflessiva, dwar it-twelid u l-mewt ta' relazzjoni ta' mħabba u żwieġ "imċaqqam", li titwassal fost oħrajn permezz tal-metafori tal-jum (bidu u tmiem) jew tal-pjanti (stefanotis, buganvilla, ċikwejra, zkuk xewwekija). 'Orgolju ta' Femmina' mbagħad hija dwar il-vjolenza mhux biss fiżika imma anki verbali tar-raġel kontra l-mara. Il-lingwaġġ metaforiku hawn isir iktar ikkulurit, kumpless, imma jwassal sew dak li għandu f'moħħu l-poeta. Anki hawn id-denunċja kontra "soċjetà patrijarkali/ mgħaddsa fil-borma/ ta' liġijiet finta jrejħu/ bir-rettorika, bil-gideb,/ bil-klixejiet..." ('Min Jogħdos Bla Maskra').

Din l-aħħar poeżija bħal isservi ta' ħolqa bejn it-tielet u r-raba' taqsima, "Bla Nifs", fejn il-kelma "maskra" tintuża l-iktar. Il-maskra hawn tintrabat ma' bosta ħwejjeġ: l-istat tal-iskjavitù, il-pandemija, dik li togħdos biha, dik li bosta jilbsu kuljum, dik li xi wħud b'kuraġġ ma jilbsux biex jidhru kif verament huma u ma jkunux bħall-maġġoranza, dik li jilbes il-buffu, dik li tneżżgħek minn kull sens ta' umanità u tbiegħdek "minn kull ħjiel ta' ruħ", dik li tħallik bla nifs.

Anki hawn jikkummenta direttament il-poeta: "Hemm xi xbihat li ħakmu l-immaġinarju tiegħi sħiħ. Ħa nitkellem fil-qosor. Normalment, wieħed jogħdos bil-maskra biex jara ċar. Imma min jogħdos bla maskra qed jersaq lejn il-qiegħ b'aktar kunflitti u sfidi u mhux ċajta, imma jkun sab il-milja tiegħu meta jasal għax ''id-deheb'' qiegħed hemm isfel nett, fil-qiegħ. It-taqsimiet tal-ktieb huma relatati mal-baħar tal-ħajja. Li nibdew mill-wiċċ (Il-Kenura) u nibqgħu sejrin bla nifs taħt il-mewġ sakemm niskandaljaw u naslu sal-qiegħ. Għandek vjaġġ. Mhux kumbinazzjoni li hu mqassam kif inhu mqassam il-ktieb. Biex ikun hemm unità. Hemm min jgħum fil-wiċċ biss, hemm min jinżel taħt il-wiċċ, min jogħdos bil-maskra u bla maskra, u min jirnexxilu jasal sal-qiegħ, u jitla' lura fil-wiċċ jew ma jitlax. Naturalment, hemm iżjed fejn wieħed jimraħ. Il-metafora min jogħdos bla maskra hi vasta ħafna kif tista' tobsor. Frankament, tiġi f'moħħi l-maskra li nilbsu u ssir parti minn wiċċna."

Ir-raba' taqsima tintrabat ħafna ma' żmien il-pandemija tal-Covid-19. F''Bla Saqajn' Scicluna jistaqsi jekk dan kollu kien ħlejqa "tad-Dittaturi". Il-poeta huwa wieħed mill-ftit li ma emminx dak li "ir-ragħaj iridek temmen"; hu dak li "lebbet bilġri bilġri" mix-"xatba tal-mergħa... mbarrata" wara li fetaħha "beraħ biż-żewġ." ('Trampolin') Il-Covid-19 isejjaħilha "uħux ma jidhrux/ li vvintaw huma stess", filwaqt li l-vaċċin isejjaħlu "ħalib tas-serp" ('Lil Ommi'). F'dinja fejn il-bniedem jaħseb li hu ħieles Scicluna jikteb dwar bniedem "ġurat imlaħlaħ/ fid-dawl ħadrani ma' qatgħa ġurati" ('El Caballo de la Noche'). Kollox jieħu din ix-xeħta grotteska, surreali u onirika.

Il-poeżija 'Ħarifa', fl-aħħar taqsima, hija awtodefinizzjoni: il-poeta jinftiehem bħala dak li jara u jisma' dak li ħaddieħor la jara u lanqas jisma', jew jagħmel tabirruħu hekk; dak li, "tant u tant vuċijiet irqaq jasluli/ f'widnejja bi lsien stramb li nifhem waħdi..." Hawn naqraw poeżiji personali, awtobijografiċi – ma ninsewx però li dak li hu personali hu wkoll universali – bħal 'Mistoqsijiet', 'Għajnejna Jfittxu 'l Xulxin', 'Mixtla tal-Ward', 'Niskandaljaw' u 'Il-Kwiet Tiegħek', fejn il-poeta jikteb anki dwar is-serħan wara perijodu ikrah ta' kriżi.

Hemm ukoll it-tingiża soċjali, fejn il-poeta-profeta jara dak li ħaddieħor jippreferi ma jarax:

Illum fadal id-damiġġjani battala
fil-kantina ta' missirijietna,
u kemm-il kibx b'għajn ta' rettil
iħuf bħal lupu qalb il-poplu. ('Xi Darba dal-Poplu')

Carmel Scicluna jagħlaq din il-ġabra poetika b'poeżija addattata tassew, 'Ma Nafx Meta': hawn naqraw dwar id-dgħajsa u l-vjaġġ tal-ħajja, il-fond tal-baħar u l-ispazju profond tar-ruħ, u anki l-passaġġ mid-dlam għad-dawl, mela l-punt tal-wasla: "'Wasalt, ara,/ sibt posti...'/ u kuntent/ għajnejja nagħlaq/ għal dejjem."




## *VOJTA L-BAJJA/BARREN IS THE BAY*

***Poeżiji–poems* ta' John P. Portelli. Traduzzjoni ta' John Baldacchino, Horizons 2023.**

**Kitba ta' Tarċisju Zarb**

B'xi mod jew ieħor aħna rridu niddefinixxu lilna nfusna. Il-ħajja hija mixja lej' l-awtodefinizzjoni... awtodefinizzjoni li ma tieqaf qatt. Kull mument, ħin u waqt. Kull sekonda li aħna npassu fiha, jew saħansitra nieqfu fiha, trid b'xi mod jew ieħor tgħidilna aħna min aħna.

Jgħinna f'dan l-ippajsaġġjar hemm l-immaġni. Hemm dawk ir-ritratti fiżiċi, daqskemm newrunali li jridu jgħidulna aħna min aħna, u fej' aħna, f'dal-ispazju intimu personali, emozzjonali tal-jienija u l-ieħorija.  U daw' l-immaġnijiet għandhom ħabta kif jinbnew waħda minn oħra hekk kif jintħietu sintattikament ma' xulxin u jiskattaw ġo moħħna, u ġo moħħ min jiltaqa' magħhom, xi tip jew ieħor ta' viżjoni, qagħda ta' ruħ jew stat mentali.

U dan hu li jiġri f'daw' l-iskatti-lampi ta' Portelli. Skatti-sintetiċi, li jitkellmu jgħajtu, jew aħjar ipinġu jgħajtu, permezz ta' immaġnijiet li jiskattaw waħda minn oħra, b'tali mod u manjiera li mhux biss jgħinu lilu bħala l-persona, imma lill-personae kollha li jiġu f'kuntatt jew taħt l-ombra, id-dell, id-dawl ta' daw' l-iskatti.

Għax il-poetiċità ta' Portelli, hija ta' bniedem li għaddej perennement, b'insistenza, saħħa u ħila, jiskatta ritratt-f'ritratt daw' il-qagħdiet mentali tiegħu. Qagħdiet mentali li jiksbu d-dawl sewwa sew mill-immaġnijiet li bihom jibnihom, isawwarhom u jippreżentahom fuq il-karta.

Għax din ta' Portelli, mhijiex id-dehwa ta' darba, jew l-iskatt ta' darba, imma hija endemiċità fil-personalità tiegħu, endemiċità li tagħtih ruħ, spirtu u qawwa, anke meta l-immaġni tinħass u tidher waħda ta' diqa, qtigħ il-qalb, jew nuqqas ta' 'voglia', li forsi wieħed jipproċedi.

Kull linja/i/vers/versi ta' Portelli b'dan il-mod meħudin flimkien jistgħu jintqiesu bħala vjaġġ li qiegħed il-ħin kollu jippreżentalna xi tip ta' sensazzjoni, emozzjoni, qagħda ta' ruħ, li magħha, aħna... aħna min aħna... xi darba, b'xi mod jew ieħor se nsibu ruħna ġo fiha.

U dan jidher sew minn dawn il-versi li jiena ġibt fis-sħuħija tagħhom, kemm fil-forma Maltija, li hija l-oriġinali, kif ukoll fil-forma Ingliża.

Hawnhekk ta' min jgħid li ż-żewġ forom, għalkemm huma 'traduzzjoni' ta' xulxin mhumiex l-istess. Kull kelma għandha l-istorja tagħha, u għaldaqstant, kull kelma, l-istess bħal kull sintagma għandha l-awra tagħha. U għaldaqstant, hawnhekk nistgħu ngħidu li għandna żewġ kotba, fi ktieb wieħed. Wieħed bil-lingwa tal-għerq, u l-oħra bil-lingwa taz-zokk morfemiku. Waħda bil-lingwa ta' gżira insulari, u l-oħra ta' lingwa globalizzata. U għaldaqstant l-effett fuq il-qarrej, għallinqas fuqi huwa differenti.

Hawnhekk jiena tkellimt b'mod speċjali fuq il-poeżiji bil-Malti. Il-forma Ingliża, min-naħa l-oħra fiha l-preġji tagħha, l-idjosinkratiċità tagħha, anke jekk fiha hemm l-istess pajsaġġi intimistiċi ta' dik Maltija. Għaldaqstant, daw' iż-żewġ naħiet tal-esperjenzjalità poetika tal-poeżija ta' Portelli, fl-idea tiegħi, hija waħda unika, u ngħid għalija, inħobb naqra ħafna poeżiji b'żewġ lingwi tradotti, għax jagħtuni saħħa viżwali aktar. John Baldacchino min-naħa tiegħu rħiel din it-tranżitorjetà b'ħila. Il-kompożizzjoni 'Maltija' b'dan il-mod daħlet hija wkoll f'kompożizzjonalità ta' skema-lingwistika oħra. Ta' discourse-poetiku ieħor – discourse madankollu, li jgħin biex jitfa' dawl b'saħħa fuq il-kompożizzjonalità Maltija, sewwa sew minħabba l-istess partikolarijiet lingwistiċi taż-żewġ skemi.

Dawn li ġejjin huma xi eżempji imaġistiċi tal-poeżiji ta' John Peter Portelli, li jibdew sewwa sew, b'vers sulu...vers bil-puntini li jissuġġerixxi tkomplija:

bejn is-sensazzjoni tal-imħabba u...
between a feeling of love and...



John P. Portelli

Jidher li hemm xi ħaġa fl-imħabba ta' din il-vuċi poetika, li mhux lakemm tiġi definita, anke jekk hemm sens ta' inkejja, kif jissuġġerixxi t-tħaxwix tal-baħar, u aktar u aktar dik l-imħabba 'stampata fuq ramel aħmar'. Id-definizzjoni, hawnhekk iddum ma toħroġ. Is-sensazzjoni... il-ħass... madankollu qiegħed hemm, kif jidher mill-istess linji:

vojta l-bajja, anke minn tħaxwix inkejjuż tal-baħar
jistenniekom kif stenna dejjem –
imħabbtu stampata fuq ramel aħmar

barren is the bay, too from the rustle of a teasing sea
awaiting you, as always –
its love etched on flushed sand

U minn bajja deżolata, li bħal qisha trid titkellem għal qagħda ta' ruħ, ngħaddu għal 'esseri' għasfuri jimmolla minn naħa għal oħra, taħt it-toqol ta' destin li jħossu li fnieh. Xi tfisser? X'tista' tkun ix-xibka tal-passjoni li qiegħda tqattar fuq iż-żewġ naħiet tal-passiġġiera? Hemm xi tip ta' ambivalenza, li mhux qiegħda tħalli lill-vuċi għasfurija, metaforikament ittrasformata, tħossha daqshekk inkwieta?

għasfur jimmolla minn lasta għal oħra
mad-destin li fnieh;
ix-xibka tal-passjoni tqattar fuq żewġ naħat

a bird bouncing from perch to perch
with a fate that overcame him;
the passion's net dripping on both sides

U din il-qagħda ambivalenti bħal qisu jittieħed minnha l-'werżieq', maqbud bħal f'morsa bejn ferħ u biki bla rażan u bla wqif. U għal darb'oħra, il-vuċi poetika tistaqsi, għalfej' dil-qagħda ta' ruħ? Għalfej' dil-oxxillazzjoni?

il-werżieq, ċuqlajta ferħ bla waqfien
inti moħbija, titbekka telfet imħabbtek
taħt l-arżnu mwarrba
u għada, forsi ċara bħall-ilma ta' xmara billejl

the cricket, a rattle of joy without end
hidden, you weep for your love's loss
beneath a forlorn love's loss
and tomorrow, perhaps as clear as a rivers water by night

Hemm ċans, għallinqas hekk qiegħda tissuġġerixxi din il-qagħda ta' ruħ ta' bħalissa, li għad jiġi jum li fih għad jisbaħ jum li fih, għandna nifhmu l-poeta, jarak, għandna nifhmu lill-anima tiegħu, jaraha 'tiżżeffen ma' qamar ġdid', għandna nifhmu, twelid ġdid. Hemm iċ-ċans li din hija possibiltà, għax ix-xi darba, tissuġġerixxi minnha nnifisha, jekk xej' xi tip jew ieħor ta' eżistenzjalità.

xi darba hawn jisbaħ
u minn bejn is-sħab nilmaħ lil wiċċek
jiżżeffen mal-qamar ġdid

one day, dawn will come
and among the clouds I'll spot your face
dancing with a new moon

Hemm iċ-ċans li jista' jiġri, li darba waħda aħna nerġgħu mmorru lura fl-imkien li jkun sawwarna, li b'xi mod jew ieħor nagħrfu aħna min aħna, u għaldaqstant ngħaddu xi tip ta' riflessjoni, li fiha, aħna nindunaw wisq aktar x'residwi jkun għad fadal fina, milli qatt inkunu bsarna:

il-gallarija ta' tfuliti, ippużata fir-raħal
li rabbieni u xekkilni
tistenna li hawn u issa jintesa kollox

my childhood's balcony, poised in the village
that nurtured and schackled me
awaiting to forget the here and now

Imbagħad jiġu waqtiet ukoll, li fihom aħna ma nkunux nistgħu nifhmu eżatt x'jiġifieri dan il-fenomenu li ngħidulu ħajja, u għaldaqstant indoqqu xi tip ta' nota eżistenzjali jew eżistenzjalista, li s-sistema tagħna tkun wasslitna għaliha. Il-metafora hemm iċ-ċans li tgħin f'dan ir-rigward.

il-ħajja funtana stunata
tħobbha biss għax m'għandekx għażla
ta' xejn, din l-għanja tal-imwiet

such a jarring fountain is life
with no choice left, love it you ought
useless, is this song of death

U ma jonqosx li l-lirika poetika, twassalna... twassal lill-persona, biex jirrifletti dwar din l-istess ħajtu, b'mod speċjali fid-dawl tal-fatt, li din l-istess persona tgħix ħajjitha aktar tikteb, u għaldaqstant taħseb u tirrifletti milli xi ħaġa oħra. Il-ħajja b'dan il-mod issir riflessjonijiet imħażża... ikklikkjata f'xi tip ta' spazju jew ieħor.

jien ngħix fl-ispazju bejn kliem maħrub
niskarta l-irmixk tal-eżistenza
tiżżeffen bla ħsieb

i live in the gaps of furtive words
skiving off the scraps of exisence
in heedless dance

U l-awtodefinizzjoni tal-persona, tal-poeta nnifsu, bħal qisha tinħass għaddejja tinkiteb u tinbena l-ħin kollu, hekk kif huwa jara lilu nnifsu bħala l-vjaġġatur perenn, li għandu ġo fih ukoll id-diq, li hemm iċ-ċans li nkanalizza ruħu fih f'saħħa. U din hi l-fakra.

għajnejja jiftakru kuljum l-ibħra li qsamt
u s-skiet ta' ġo fija jħażżeż id-diq
fuq ir-ramel b'rixa ta' merill

my eyes always remember the seas i've crossed
and the silence that within me the sadness drew
in the sand with a thrush's feather

U bħal qisu f'dan it-tidwid kollu għaddej ħarkien fil-madwar, hemm biss 'il-krib tas-siġar', b'dak kollu li dan jista' jissuġġerixxi, li bħal qisu jispira lil din il-vuċi ta' dawn il-linji.

bl-arja friska tiġi u tmur
l-għasafar tal-bejt inaqqru dudu mejjet
fuq qabar ta' poeta li qatt ma lissen kelma
jitpaxxa bil-krib tas-siġar;
dan biss jifhem, dan biss jispirah

with a breeze's fresh bustling
the sparrows peck at a dead worm
on the grave of a poet who never spoke
gratified by the tree's creaking;
this he gets, by this he is moved

Minn dan kollu naraw kif il-poeżija ta' Portelli, kemm fil-verżjoni Maltija kif ukoll fil-verżjoni Ingliża jgħinuna naraw kif l-esperjenzjalità umana dejjem tikber, titberraħ u tieħu dimensjonijiet varji, jekk xej' b'dil-multipliċità lingwistika li nissieħbu fiha. Din hija poeżija ta' kwintissenzjalità li tipprova fis-sintitetiċità tagħha tiżbrixxja xi ftit mit-turbulenza, il-ħsus, l-ideat u l-inkonxjożitajiet-konxji tal-esseri-bniedem. Kull linja trid tgħid storja. U kull storja tiskatta dawl fl-immaġni, anke meta l-vjaġġ jew il-waqfa tinħass kiebja. Sewda. Dieqja.

Ħajr John Peter Portelli. Ħajr John Baldacchino.

## ĦAJKU TAL-PUNENT

F'kuritur ta' sptar
jidwi
tnehid il-ħajja.

Il-Ġenna tħossha
meta tgħix
fiha.

Il-kliem
itir mar-riħ
mhux meta jinkiteb.

Għasfur
jgħanni fil-gaġġa
jitlob il-ħniena.

L-istefanotis
qniepen fis-sajf
idoqqu l-fwieħa.

Il-ġnien qed ifassal
il-libsa
għal Mejju.

Abortja! Abortja!
Abortja
l-abort.

**MAURICE MIFSUD BONNICI**
(Minn: *Ħajku tal-Punent/Western Haiku*, 2011)

## I DO NOT LIKE THE STATE OF THINGS

I do not like the state of things
So I dwell in the past.
I relish texts and old buildings
The new has me aghast

In ancient stones I find my truth
In age-old texts I see
The source of what gave me my roots
What truly makes me me

In boulders huge in disrepair
Lies my ancestral hand
In sea-sprays, seashells, heathland bare
Ascendants understand

The age old truth that all men know
Yet work hard to forget
That was passed on from years ago;
Instinctive alphabet

That the first uttered word calls out
To her that gave you life
The land which you can't do without
Which now with greed runs rife

The land that we should all revere
Instead of trampling on -
The land to which we all adhere
Which may soon well be gone

For know she looks too small to us
This land that once was grand,
Her creed is now too blasphemous
Her destruction is planned

How humbly we should kneel before
Maternal sanctity!
Instead of trampling ever more
Her earthly entity.

**LOUISE VELLA**
(Minn: *Lethe. A Rhapsody of Life Remembered*, 2019)




Fliegen im eigenen Körper
Deine Lungen füllen & dehnen
Flügel aus rosa Blut, und deine Knochen
leeren sich und werden hohl.
Wenn du einatmest, hebst du ab wie ein Ballon,
und dein Herz ist auch leicht & groß,
schlägt aus reiner Freude, reinem Helium.
Die weißen Sonnenwinde wehen durch dich hindurch,
nichts ist mehr über dir,
jetzt siehst du die Erde als ein ovales Juwel,
strahlend & meerblau vor Liebe.
Nur in Träumen bringst du so etwas fertig.
Wenn du erwachst, ist dein Herz eine geschüttelte Faust,
feiner Staub beschwert die Luft, die du atmest;
die Sonne ist ein heißes Kupfergewicht, das direkt
niederdrückt auf die dicke rosa Haut deines Schädels.
Es ist immer der Augenblick kurz vor dem Schuß.
Du willst & willst aufstehen, aber du schaffst es nicht.
48
Die Verhaftung des Börsenmaklers
Sie brachen die Hände des Musikers,
und als er trotzdem nicht aufhörte zu singen,
erschossen sie ihn. Das kam nicht unerwartet.
Du hast erwartet, daß sie den Dichter kopfüber mit
einem Fuß an der Wäscheleine aufhängen: in deiner Phantasie
hast du sein Haar grün gefärbt. Kunst braucht Märtyrer.
Und dann der Gewerkschaftsführer, die
blühendsten Körperteile mit Elektroden
besetzt, verdrahtet, wie ein
sonderbares zoologisches Diagramm:
wenn du den Mund nicht hältst,
wählen sie den passenden Schrei
für dich. Das ist ein offenes Geheimnis.
Irgendwie hat er es so gewollt.
Wenn du die Zeitung liest – du hast das alles schon gesehen:
die Maschine, die Fingernägel zieht,
die Motoren, das Zubehör,
was man mit der gewöhnlichen Stecknadel alles anstellen kann.
Ganz abgesehen von den Ehefrauen und Kindern.
Wer braucht diese Geschichten,
die zwischen den
Zeilen stehen,
alltäglich und formlos, wie Schnee?
49

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## WERQA ...

nieżla titbandal
f'riħ majjistru
fuq ħoġor tat-twejqa
kennija f'dal-imkien
maħnuq mill-konkos u l-ħġieġ.
Suritha forma ta' qalb
messitli 'l tiegħi għal waqt;
ħaditni f'ġardina fejn bħalha
waqgħu bil-gzuz fuq l-imballat.
Xi darba kienet biċċa minn ġrajja
ta' ħajja li ferrxet għeruqha ġol-blat,
li għexet xtiewi kesħin
u b'dellha kennet bosta
f'tas-sjuf il-jiem imbasktin.
Issa hawn jien
b'memorji ta' frieghi jitbandlu ...
xhud ta' ħajja qed tnin.

**RITA SALIBA**

## JEKK TĦALLINI

Jekk tħallini llum nitħasseb
f'qiegħ il-baħħ u bejn is-skiet
b'ħarsa fissa, kkonċentrata
b'moħħ għaddej bil-ħsibijiet,

nista' nsib il-għaliex kollu
ta' kull baħar, tal-mewġiet
bil-burdati insuperabbli
f'salt ġejjin bit-tqanqiliet,

x'aktarx nasal nikkonkludi
sa fejn jieqfu d-dellijiet,
forsi nwieġeb mistoqsija
li għal snin qawwija dwiet,

jew insib l-indovinelli
tal-enimmi, kull sigriet,
u nħoss sħiħa l-elokwenza
iġġeddidli t-tifkiriet.

**CHARLES BEZZINA**

## LILL-GĦAZIZ DJARJU ĦABIB TIEGĦI

Grazzi ħbieb.
Grazzi għażiż Djarju Ħabib.
Grazzi għażiż djarju ħabib tiegħi.
Ma tagħmillix pjaċir hux?
Nixtieq nisker għal darba, f'għeluq snini,
imma ma nafx biex.
Nixtieq ngħannaq lil xi ħadd, waħda kbira,
imma ma nafx lil min.
Nixtieq niġri ġirja, waħda twila 'l bogħod wara l-ħin,
imma saħħti ma ttinix.
Nixtieq intir intir 'il fuq,
imma ġwenħajja ma jagħtunix.
Nixtieq naqbeż minn għoli,
imma kuraġġ ma jiġinix.
Nixtieq lil xi ħadd itemmni,
imma nobbligah ma nixtieqx.
Nixtieq li għemil bħal dan
għal min hu marid nofsu mejjet,
ma jċajparlix ħsieb.
Nixtieq u ma nixtieqx,

elezzjoni kuljum bħal jum ta' llum,
ħalli la niġi naqa', u lanqas inqum.
Nixtieq pajjiż imġewwaħ,
għal aktar akkwist.
Nixtieq ninteressa ruħi aktar,
f'dak li tgħożż u ngħożż.
Nixtieq li nkompli nifhem aktar
lil min jipprova jifhimni.
Nixtieq inkun mimli odju, mibegħda u ħdura
imma ma nafx kif.
Nixtieq nixgħel xemgħa
quddiem għadu ineżistenti li ħloqt jien.
Nixtieq li negħreq f'wied ta' dmugħ,
imma dmugħ ma baqagħlix.
Nixtieq li kont ħobża li ma tinħemiex,
ħalli ma nittikilx.
Nitrejjaq biss bil-ħmira tagħha ħa taħjijni.
Nixtieq li kont it-tmiem ta' bidu,
ta' dak li qatt ma xtaqt li kont.
Nixtieq nawgura 'l xi ħadd li dejjaqt
u għoġobha tonorani billi qaltli
"int bħal moqżież imbżaqt 'il barra."
"NATURAL BORN PERVERT!"
U fl-aħħar.
Nixtieq il-Ħajr
lil min għeni nżomm
sħiħ u nikkumbatti
f'wesgħat u djuq it-toroq
li terraqt u salpajt fihom
matul iż-żmien.

**JESMOND ZERAFA**

## ĦAL LELLUX

**01.02.2018**

Ngħix fih ġewwa qalbi kuljum
Ħal Lellux;
Raħal hieni, kwiet, gustuż.
Irqajja' djar ħelwa, fuq ħdura mferrxin,
xmux sofor ifewħu , għalkemm miċ-ċkejknin.
Djar komdi, xejn għolja, hekk biss f'Ħal Lellux,
fejn morda u anzjani żgur dawn ma jbatux;
fejn trabi u tfal torja fid-dlam ma jsofrux;
fejn żgħażagħ u adulti ħlief hawn ma jfittxux.

Imma rajt bis-serqa jirfes,
dell kiebi f'Ħal Lellux;
dell jgħarrex, dell tal-biża',
..... Dell ta' spekulatur,
bil-ħeffa jkejjel u jkompli jħuf.
Rajtu jitbissem lejn sħaba fuq rasu
waqt f'moħħu jfassal bi drittu l-futur.
..... U s-sħaba nfaqgħet,
bkiet fuq Ħal Lellux.
U xħin nerġa' nħares,
..... Ħal Lellux, ..... m'għadux!

**01/02/2024**

U illum,
fuq xi roqgħa li baqa',
idur għalih il-bebbux ta' Ħal Lellux,
il-weraq ġdid iħaddar flok xmux ċkejkna f'Ħal Lellux.
..... U jaqa' f'dehwa ħelwa il-bebbux;
..... jinxtewa bla jintebaħ taħt xemx tisreġ
F'Ħal Lellux!

**JANE MICALLEF**

## "IBNILI ĠNIEN MINISTRU"

Le, mhux kuntent nitpaxxa
bil-ħoss tat-traxxix tax-xita
f'ġurnata xitwija.
Jew biċ-ċaqliq kalm tal-baħar
f'xi għodwa sajfija.

Mhux kuntent nisma' t-tpespis tal-għasafar fiż-żerniq,
it-tħaxwix tal-weraq tas-siġar,
u ż-żanżin taz-żnażan fuq il-ward.

Hieni li ħesrem se jintemmu
mal-ħoss qawwi ta' damdim
u sħab ta' turbien;

dagħbien.

Ibnili ġnien Ministru.
Taħt riġli l-ebusija tal-konkrit
b'xi restorant u latrina
u parkeġġ barra flok bankina.
Grazzi Ministru.

**OMAR SEGUNA**

## JIEN RAJTEK

Jien rajtek ja kaċċatur kiefer
tifrex il-kwiekeb siktin tiegħek
fis-sema xitwi ta' wara l-maltempata.

Jien rajtek tisħet il-widien ħodor
meta jpassu l-qatgħat tal-avvultuni
minn fuq l-għelieqi nġazzati tal-ġebel.

Jien rajtek tiftaħ il-ħofor waħda waħda
tfittex il-frieħ li sabu l-kenn tagħhom fl-art mudlama.
Kemm-il warda nixxift bil-vleġeġ velenużi tiegħek
fil-ġonna fejn jinħbew il-maħbubin mifruda?

Jien rajtek ja kaċċatur kiefer
tibdel il-bnedmin fi blatiet tal-melħ
rajtek taqlagħlhom qalbhom
fid-dagħdigħa tiegħek ta' mewt u qerda
waqt li l-kwiekeb baqgħu iħabbtu siekta
fis-sema xitwi ta' wara l-maltempata.

**STEPHEN CACHIA**

## O LEJL TA' SKIET

O lejl ta' skiet, lejl tant muswied
lejl teħżiż – lejl tqażżiż.
Ħarbtet is-sema il-fehma li ġriet
ħaffret il-qabar għall-ħakem li miet:
gidba hi ħrafa bla qies!
Gidba hi ħrafa bla qies!

O lejl ta' skiet, lejl tant muswied
ġriet l-aħbar li mill-agħar,
twiegħer bil-ħrejjef ir-re tar-rejiet
ġara kif ġensna kien ħolom u ried:
Il-kbir miraklu kien mar!
Il-kbir miraklu kien mar!

**JESMOND SHARPLES**

## WAQT LI QED JINFETĦU

waqt li qed jinfetħu,
l-aħħar rigali tas-sena li għaddiet,
qed jinfetqu iġsma bla ħtija....

il-karti mlewna tat-trembil,
imqattgħin fl-art,
bħal kadavri tat-taqbida....

l-2024 żaqqha tiela' u nieżla,
bid-daħk ta' wara l-festini,
u jingħu is-sireni f'gaza.

m'hemmx iktar rassenjazzjoni għad-destin,
hemm intifada akbar mit-trażżin.

**MARIO GRISCTI**

## IŻ-ŻMIEN

Il-bnedmin lilek isemmu
min fis-serju, min biċ-ċajt;
imma nħares kemm inħares
s'issa lilek qatt ma rajt.

Jgħidu li ilek teżisti,
il-bidu ma jafu ħadd;
u ċert illi t-tmiem tiegħek
m'aħna sejrin narawh qatt.

Hemm xi ħaġa tassew stramba
bejnek u bejn il-bnedmin;
waqt li inti l-istess tibqa'
in-nies iżidu fis-snin.

Għalkemm iżżomm l-istess ritmu
bla ma jkollok qatt waqfien;
għal uħud għandek pass mgħaġġel
għal oħrajn passik għajjien.

Hemm uħud ma jagħtux kasek
għax qegħdin f'tal-ħajja l-fjur;
iżda dawk li tkemmxu sewwa
jafu, miegħek m'hemmx futur.

Int itgerbeb, xejn ma jżommok
ħadd fuqek m'għandu pussess;
ilbieraħ, illum u għada
għalik tulhom hu l-istess.

Għall-bniedem int importanti
mhux għalkemm jakkumpanjak;
iżda l-aktar li jiswielu
hu il-mod ta' kif jużak.

**JOSEPH CINI**

## MIXJA

Imxejt it-triq għat-telgħa
attent fejn nitfa' l-pass,
beżgħan minn kull buffura
li, qrib jew bogħod, xi drabi
fi triqti bdiet tinħass.

U llum il-jien itenni,
"Wasalna!
Qrib ħafna tarf it-triq."

'Mma pront l-ispirtu jmieri,
"Jonqosna!
Fadlilna wisq biex ngħidlek
wasalna fejn nixtieq."

U hekk jiġri kull darba:
it-triq nimxi b'kawtela,
kull pass immidd fis-sod
'mma kif li wasalt naħseb
insib li għadni 'l bogħod.

**CARMEL G. CAUCHI**

## TIFKIRIET

Niftakar tajjeb,
l-ewwel darba li rajtek,
b'dik it-tbissima ħelwa,
li nibbtet l-imħabba tagħna!

Niftakar tajjeb,
il-ġenn tal-ewwel bewsa
li kebbset fina s-sħana;
u dak li konna nħossu,
mħaddnin flimkien,
fejn ħadd ma kien jarana!

Niftakar tajjeb,
l-aħħar darba li rajtek,
waqt li kont qed tixxotta
demgħa minfuq ħaddejk,
u jien mifni bid-diqa,

mibluh inħares lejk!

Niftakar tajjeb,
dik idek kiesħa f'tiegħi,
meta b'leħen imriegħed
'Saħħiet!' sefsift f'widnejja;
u xofftejk bojod
erfajt lejn tiegħi:
u bistni fuq xofftejja!

**ALFRED PALMA**

## BIDLA

Inżajt l-ilbies miksi bid-diżappunt
u lbist l-ieħor mimli tama.

Neħħejt iż-żarbun kollu toqol
u xiddejt il-qorq tal-mixi.

Waqqajt l-għata minn għajnejja
u bdejt nara l-ħars ċar aktar.

Illixxajt il-mogħdijiet
u l-pass ħassejtu eħfef.

Warrabt is-sħab mis-sema
u rġajt kxift l-ikħal sabiħ.

Is-silġ iffriżat dlonk dewwibtu
u bix-xemx saħħant fiss il-madwar.

Issa kollox biddilt għall-aħjar –
jonqosni biss li nbiddel lili nnifsi.

**SALV SAMMUT**

## FJURA FIL-WIED

Kont qed nitlajj' għax hija l-għaxqa tiegħi,
x'ħin rajtek waħdek ġewwa dan il-wied.
Rajtek beżgħana bilkemm tgħolli wiċċek,
kollok mistħija f'dan il-post tal-kwiet.

Xħin titla' x-xemx filgħodu sa ma tinżel,
int tkun moħbija qalb siġar u għolliq.
Ħadd ma jinduna bis-sbuħija tiegħek.
Fjura sabiħa, nkellmek nixtieq.

Għalhekk jien rajtek, imbeżżgħa, ħosbiena
ġo dan il-post tas-sħana u ta' ksieħ.
Toħlom li tkun fi ġnien mimli bil-fjuri
u mhux hawn waħdek taħt ħajt tas-sejjieħ.

Ftakar li inti m'intix qiegħda waħdek
għax Dak li ħalaq seħer il-ħoqien,
qed jieħu ħsiebek mal-għasafar fl-ajru
u mal-ġilju li jikber fil-widien.

Jien ersaqt lejk biex forsi titbissimli
u insib il-ħin biex noqgħod ingawdik
għax rajtek tħares lejja kollok diqa.
Ħassejt li qed titlobni nħenn għalik.

Għidli, x'qed taħseb? Qed narak imdejqa
għax tinsab 'il b'għod, mil-ħbieb imbiegħda.
Jien ġejt hawn ħdejk biex ngħidlek kemm inħobbok
għax għandi qalb li tħobb, għax jien Poeta.

**JOSEPH SCIBERRAS**

## IL-KOLOSSEW TA' GĦAWDEX

Kont fil-klassi, student minnhom
qalli, 'rajtu l-Kolossew
li quddiem iċ-ċimiterju
f'tal-Barmil, fil-għoli bnew?'

Ta' sikwit ikolli ngħaddi
biex naghti l-aħħar tislima
lil ħabib li jkun ħalliena
bl-aħħar talb inroddlu qima!

Għalhekk nilmħu, m'għandix għażla -
dan il-monstru tat-tkexkix,
narah jikber quddiem wiċċi
mingħajr sura jew tlellix.

U nistaqsi; 'mma kif jista'
l-Għawdxi bħal sar jaqa', jqum,
ma jixtieqx li din il-gżira
issib ġmiel f'bini mirqum?

X'ħasra, x'għafsa ta' qalb kbira
xħin narah dal-Kolossew;
għelm li s-snin tal-ġmiel u l-ħlewwa
għal dil-gżira issa għaddew!

**GEOFFREY G. ATTARD**



Il-Kolossew ta' Għawdex

## GENOCIDIO A GAZA

Le onde del mare di Gaza cullano spazzatura.

Poco, a poco, macchiando la sabbia biancheggiante
inquinata dal Popolo di Dio entusiasta,
aspettando che il virus li stermini;
hallas jalla bye.

Mosè gioca coi serpenti
annusando oggi l'incenso
con gli occhi chiusi
fingendo neutralità.

E arriva un'altra e-mail:
Fermate il genocidio a Gaza!

**JOHN P. PORTELLI**
(Minn *Questo mare*, Albatros 2023)

## A LOOK THROUGH MY WINDOW

It was a wintery morn
a girl stood freezing in a telephone booth
in her grey overcoat she hid
her face all smeared
in tears, creams and lipstick.
I saw her breathing on her palms
her fingers thin and pale.
She wore a golden earing
and still she cried
with broken heart.

Far up in the sky
the rainbow like a pregnant woman
so full of glow and curves
looked down at her.
The girl looked up
saw the rainbow
and smiled
but still with tears glitter on her cheeks.

I think that morn
even God was satisfied.

**ALFRED MASSA**
(Minn: *Occhi vividi/Vivid Eyes/Ochi vii/Għajnejn Ħajjin*, ta' Patrick J. Sammut, Aliki Telesku, Alfred Malla, Horizons, 2024)

## KAĊĊA

Telqu minn art imbiegħda, qasmu l-ibħra,
strieħu fuq l-arbli twal tal-bastimenti
u taru taru, sakemm fl-aħħar waslu
fuq gżira kollha xemx, ħfief u kuntenti.

U saffru saffru xħin quddiemhom dehret
dik l-art ta' ġmiel, mirquma bħal bizzilla,
għoljiet imewġu u twapet twal miksija
bl-aħdar taż-żara' u l-aħmar ċar tas-silla.

U għadda, dak il-ħin, dal-ħsieb minn moħħhom:
din hija l-art tar-risq u l-art tax-xaba';
ej ninżlu lkoll flimkien ħalli nistrieħu
qalb dil-festa ta' ferħ li hawn fir-raba'.

'Ma kif ħabtu neżlin, minn qalb is-siġar,
instemgħet ħierġa f'daqqa mitt tfaqqiegħa:
l-ajru mtela biċ-ċomb, u bosta minnhom
waqgħu midruba sewwa fuq il-qiegħa.

Il-bqija reġgħu lura, għax intebħu
kemm qerq kien hemm fil-ħolma tat-tgawdija,
il-maskra tat-tlellix kemm kienet fiergħa,
kemm ħażen hemm mostur f'wiċċ is-sbuħija.

**ĠORĠ PISANI**
(Minn: *It-Trijonf tal-Paċi u Poeżiji Oħra*, A.C. Aquilina & Co., 1984)

## FIUME IMPASSIBILE...

ogni mattina
mi accendo come un automa
rifaccio mille azioni preprogrammate
mi tuffo nella corrente quotidiana
della monotonia
fiume impassibile
che sbatte il mio essere
rompendolo in mille pezzi
ora dopo ora
giorno dopo giorno...
dalle fratture
guardo lontano
scorgo spazi aperti
dove imperano monti, foreste,
altri fiumi, ma quelli veri
che sgorgano di vita
e mi sussurrano
per brevi-eterni istanti...

e poi muoio di nuovo
per essere ripreso
dalla corrente quotidiana
impassibile
della monotonia...

**PATRICK SAMMUT**
(Minn: *Occhi vividi/Vivid Eyes/Ochi vii/Għajnejn Ħajjin*, ta' Patrick J. Sammut, Aliki Telesku, Alfred Malla, Horizons, 2024)

## GĦALL-ĦSEJJES TAL-LIBRA

Siket ir-riħ. Il-ħamiem waqaf itir.
Mal-wesgħa tal-port
lanqas vapur m'huwa għaddej, lanqas tar-rmonk.
Skiet. Ħemda waħda!
It-triq ta' warajja xejn ma tagħmel għajb:
l-ebda karozza, l-ebda mutur ma jinstema' għaddej.
F'din is-siegħa tal-Ġimgħa jimlew l-arja
hemm il-qima, hemm ir-rispett.

Donnu kulħadd sema' l-għajta tal-libra ssejjaħ
mal-ewwel ħoss tal-mota tat-trapassjoni.
Waqfet kull ċaqliqa. Ħemed kull ħoss.
Sew jekk bniedem sew jekk le,
jifhem li ż-żewġ kefef li jwieżnu l-ħajja
jafu l-bilanċ tagħhom lil dak li l-kampnari bħalissa qed
ifakkru...
Għax x'inhija l-ħajja ta' kull maħluq u maħluqa mingħajru?
Id-dinja kif tridha tistagħna ladarba twarrbu?
U jekk jiġri li l-bniedem jerħi kliem Bin il-Ħallieq minn idejh,
kulma jagħmel jisfalu fix-xej'.

**MARIO ATTARD**

## IN-NANNA

Miexja tkaxkar lejn l-armarju,
toħroġ kaxxa bis-sadid.
Lilha fetħet, fiha ttawlet:
salt pakketti tal-penit.

"Ihi! Jaħasra, Johnnie ċ-ċkejken
ilu ftit ma jiġi s'hawn!
Ar' kemm xtrajtlu ċejċa bnina,
huwa jħobbhom żgur minn dawn.

Soltu jiġi war' l-iskola.
Bewsa jtini, 'mbagħad idur,
lejn l-armarju biex ifittex
dak il-ħelu dritt imur."

Povra xwejħa! Dik bdiet tinsa.
Xorta qalbha tħobb qatigħ.
Johnnie żżewweġ, lilha nesa,
'mma hi baqgħet tistennieh!

**LINA BROCKDORFF**
(Minn: *Ċoff Roża u Kitbiet Oħra*, Horizons, 2024)

## TIFKIRA MHEWDNA

Illum ftakart fid-damma tal-jiem
li tħott bil-mod il-binja ta' dal-ġisem,
u rajt, fix-xejn, il-qawwa ta' dil-ħajja.

Bejn żewġt iswaba' nisħaq il-filtru ta' sigarett,
id-duħħan minn imnifsejja jgħib fl-infinità
miblugħ, mixrub mill-arja li tgħajjixna.

- Iżd'omm,
għalfejn nissiltni ġol-vojt ta' dil-ħajja?
f'eżistenza mifnija fejn,
ħadd ma jaf il-jien.

Kienet l-imħabba għall-jien ġdid?
jew il-ħerqa ta' demm sħun ibaqbaq
li jinsa lid-dinja
w jingħaqad f'abiss nfinit?

**JOSEPH M. MANGION**
(Minn: *Il-Kitbiet ta' Joseph M. Mangion. Tifkira*, 1984)

## FUQ IL-GOLGOTHA

Mel'hawn Alla li kien bniedem miet;
hawn ċarċru l-aħħar qatriet ta' demm imħallta bl-ilma;
u minn hemm, minn dik il-ħofra, ara,
ħareġ il-Bniedem-Alla, rebbieħ fuq kulħadd;
fuq Kajfa, fuq Pilatu,
fuq dawk li beżqu,
u fuq l-oħrajn li grew
biex kuruna tax-xewk iġibu
bħal dawk li bħalhom bil-mijiet issib
fil-ħwienet ta' Ġerusalemm,
kull xewka daqs musmar ta' żewġ pulzieri,
Iżd'irqaq minnu ħalli taqta' w tigref!

Imbierka dawk illi fuq kollox qiegħdu
kisja ta' rħam mill-ifjen;
imbagħad fuq il-Golgotha xeħtu
b'għaqal u b'sengħa, qafas ta' knisja kbira
ħalli jilqa' għar-riħ u x-xita,
u titla' ta' kuljum sas-sema
bla demm id-debħa mnejn fid-demm intfiet;
u taħt is-Salib ħallew toqba
biex il-pellegrin għarkobbtejh jinżel
u jdaħħal idu u jmiss l-art li kienet
X'aktarx imħallta b'demmu!

Bħal hawn imkien
la Lourdes, la Ruma, lanqas Fatima,
hawnhekk ir-ruħ titkexkex
għall-ħsieb tad-divinità mħallta mat-tajn tal-bniedem;
u titwaħħax quddiem il-qilla ta' Alla
li lanqas ħafirha lill-istess ibnu li hu biċċa minnu!;
u toħla
bil-ħsieb tal-maħfra sebgħa u sebgħin darba
u x-xejn tal-Mewt quddiem dak li hu u kien u jibqa'
is-saħħa, l-hena, il-ġmiel!

Fuq iċ-Città di Livorno -
Napli - Malta
28/ix/1966

**WALLACE PH. GULIA**
(Minn: *Marjana*, Pubblikazzjoni Bugelli, 1984)



# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## VOI CHE POTETE

Narrate fanciulli,
il cantico del mondo. Inventate per l'uomo
almeno voi parole buone,
voi che non portate rancore.
Fate che ognuno si pasci
la coscienza e porga
la mano senza tremare.
Che sia l'umile d'esempio,
che la messe al vento
dia semi e frutti.
Regalate, fanciulli
col vostro cantico
una preghiera all'uomo
e che la ripeti nel silenzio, meditando e amando.
E sia di rugiada
al fiore, la lacrima
che scende tra le rughe
del male e del dolore.
Narrate, fanciulli, un cantico d'amore
...e di perdono.

**JOLE MERVATI**
*L-Italja*
(Minn *Correre al vento*, Eura Press, Milano, 1980)

## ELEVEN HAIKU

The Culture of Peace
Should be our fresh daily food
At every single meal.

The most dangerous
Barrier in the wide world
Is – the negative.

Creativity
Is contagious, pass it on
To all the children.

Our true happiness
Is built on the quality
Of our inmost poems.

A little bright flame
Can banish so much darkness
And light joy in life.

There is no need to
Be so excellent -
Be significant!

**ADA AHARONI**
*L-Iżrael*

## KEEP THE BEST OF ME

What title to give to the poem
I' am about to write
when I do not know which part of me belongs to you
Save your laurels to crown our moments
embellish them with bright colours,
give those moments a golden halo,
let the breeze bring warmth
and a smile on your face with a song.
Lower your glasses on tip of your nose
let me see your joy in your eyes.

You are not alone because I am with you,
I'm here and even when you don't see me,
I'm here even when I'm gone.
The longer I'm away,
the more I'm present in your dreams, you say ...
The only thing I want it's you to keep the best part of me!

**ALIKI TELESKU**
*Ċipru*

## THE REMEDY OF TIME

How can I cure
painful memories?
Half a moon.
Half a face.
Complete, the grief
of a refugee.
I can't rule out
a miracle.
Despair too drinks
from the remedy for time.

**MONA SAVVIDOU THEODOULOU**
**Ċipru**

## NEI TUOI OCCHI, MADRE

Nei tuoi occhi, madre,
occhi velati, non ancor rassegnati,
palpitan frammenti
di racchiuse promesse
in solenne quotidiana pienezza,
sostenuta da una fede salda
purificata nel dubbio.
La tua voce, madre,
inflessibile un tempo e severa,
ora calma e austera,
libera nello spazio del tempo
messaggi di contadina saggezza
dove senza posa traspaion
antichi e nuovi patimenti,
sublimati nelle rughe dell'amore.
Nel tuo sorriso, Madre,
ancora riflettono
sentimenti intensi,
serene risonanze,
parole di vita...
e un alito sommesso
D'intima speranza.

**MARINO SPINI**
**L-*Italja***
**(Minn *Il soffio del silenzio*, Albatros, 2010)**

## GĦADIRA

Dal-biża' mit-tfulija niftakru sew:
l-għadajjar kont nevitahom,
speċjalment dawk friski, ta' eżatt wara x-xita.
Għax għadira minnhom jaf tkun bla qiegħ,
tixbah kemm tixbah lill-oħrajn.

Pass wieħed u tiblagħni f'salt,
nibda tielgħa 'l isfel
u iktar fil-fond,
intir lejn is-sħab rifless
u forsi anki lil hinn.

Imbagħad l-għadira tinxef,
tingħalaq fuqi,
u nisfa maqfula għal dejjem - imma fejn? -
u jiena nixher, iżda x-xehir
ma jilħaqx wiċċ l-art.

Aktar 'il quddiem, fl-aħħar fhimt:
mhux kull diżgrazzja
taqbel mar-regoli tad-dinja,
u ċerti diżgrazzji, iridu jew ma jridux,
ma jistgħux iseħħu.

**WISLAWA SZYMBORSKA**
***Il-Polonja***
**(Minn *Waqt*, miġjub għall –Malti minn Antoine Cassar, Faraxa, 2022)**

## PASQUA IN COLLEGIO

Pasqua:
offerta di pioppi in canto.
Giocondo battocchiare di bronzi,
in voci giovanili nostalgiche.
Come dimenticare
la Pasqua nel Collegio di Chieti,
se nell' animo una spina mi punge?
C'era tanta allegria,
ma in me tedio disteso nell'ombra.
Soffro di non aver potuto godere,
né lacrime mai versate
possono dire d'una pena crocifissa:
il non aver visto per 4 anni
la mamma invocante,
né essere più, gioia,
ma solo ricordo e tormento...

**DANILO TERZAROLI**
***L-Italja***
**(Minn: *"Quattro Poesie"*, Ciro Punzo Editore, 1961)**

# Minn Fuq

## 1– Ixkaffa






### *ĦADD IN-NIES*, ta' Karmenu Mallia, 2023.

F'dan ir-rumanz ġdid ta' 240 paġna Karmenu Mallia jlaqqagħna ma' numru ta' personaġġi - l-Isqof, il-Kappillan li jsir Arċipriet, is-Sagristan, l-Avukat, is-Sindku, is-Sinjora -, kollha marbutin mal-ambjent ċkejken u magħluq tar-raħal, eżattament dak ta' Ħaż-Żabbar. Kollox idur madwar il-preparazzjoni ta' okkażjoni speċjali li tissejjaħ "Ħadd in-Nies", jum speċjali fejn iż-Żabbarin kollha, u mhux biss, jiltaqgħu u jingħaqdu ħaġa waħda sabiex jgħinu anki lil min hu fil-bżonn. Mallia jikxef kemm is-sabiħ kif ukoll in-nuqqasijiet ta'din id-dinja mikrokożmu u jittrattaha daqqa b'serjetà u daqqa b'ċertu umoriżmu. Hemm drabi meta n-narrattiva tiegħu tieħu mid-drammatiku u dan għax jaħkem ħafna d-djalogar bejn iil-personaġġi, daqslikieku qegħdin fuq palk quddiem platea mimlija nies. U hawn Mallia jippreżentalna b'mod ħaj għall-aħħar il-palk tal-ħajja ta' kuljum fejn bosta drabi anki l-iktar ħwejjeġ ċkejknin jinbidlu f'muntanja. Mallia stess isejjaħ dan ir-rumanz soċjali u jammetti: "Ir-rumanzi li ktibt qabel kienu kważi kollha storiċi. Did-darba l-istoriċità tfajtha 'l-baħar, għalkemm mhux għal kollox. F'dar-rumanz inżilt aktar fost il-poplu, anzi fost il-poplu Żabbari, fejn ngħix." L-istil huwa mexxej, il-plott sempliċi, u żgur li l-qarrejja se jieħdu gost jaqraw dar-rumanz bla ma jegħjew. Minkejja dan Mallia ma jonqosx milli jagħmel referenzi ta' natural kulturali, bħal meta jirreferi għal filosofi magħrufa, mużiċisti kemm barranin kif ukoll Maltin u anki kittieba, li kollha kemm huma żgur jistednuna nirriflettu dwar ħwejjeġ differenti, fuq kollox dwar il-fatt li l-bniedem għandu wkoll id-dehen li jgħinu jogħla 'l fuq minn bhejjem oħra li jabitaw l-istess dinja fejn ngħixu.




### *QUESTO MARE. POETICA*, ta' John P. Portelli, Albatross, 2023.

John P. Portelli ma kitibx biss kotba ta' natura akkademika, jew rumanzi u novelli, imma anki poeżiji, u l-kitbiet tiegħu dehru f'ilsna differenti. Din id-darba għandna ġabra ta' kważi 70 poeżija tradotti mill-Malti għat-Taljan minn Manuel J. Ellul. Ħarsa lejn l-Indiċi turina li Portelli jispira ruħu minn diversi mkejjen li żar matul il-vjaġġi tiegħu, ibda mill-Imdina u Għawdex, u kompli f'Firenze, Venezja, l-Art Imqaddsa, il-Kanada, u l-Greċja. Naqraw versi marbutin mal-ġenoċidju li qed iseħħ fil-Gaża, għal Portelli olokawst ieħor, din id-darba fil-Medju Orjent. Waqt il-qari tal-poeżiji nindunaw li għal Portelli l-poeżija hija wkoll waqt ta' ħarba jew ta' mistrieħ, waqt li għandu mid-dinja tal-ħolm, dinja wiesgħa fejn kollox hu possibbli. Dik ta' Portelli tfakkar ukoll li l-poeżija hija xi ħaġa bla fruntieri, bla passaporti, mela li tgħaqqad lill-bnedmin flimkien huma minn fejn huma, u ta' liema kulur u twemmin huma, ladarba meta taqraha tinfdek u tħallik b'xi mod jew ieħor 'midrub', mibdul, mistrieħ u fl-istess ħin mimli mistoqsijiet. Mill-post fejn ikun, bħal fuq siġġu waqt li qed jieħu kafè, Portelli jinnota l-ħajja ta' kuljum għaddejja u jirrendi eterni waqtiet uniċi bħal dawn, jirrendihom sublimi permezz tal-pinna tiegħu. *Questo mare. Poetica* għandu 'Prefazione' ta' Barbara Alberti, oħra ta' Francesco Marchianò, u 'Introduzione' b'kummenti mill-pinna ta' Raffaele Donnarumma u Alberto Casadei, Professur Assoċjat u Professur tal-Letteratura Taljana Kontemporanja fl-Università ta' Pisa rispettivament. Donnarumma jara xi elementi tat-tradizjoni simbolista u ermetica fil-versi ta' Portelli, filwaqt li Casadei jinnota element impressjonista qawwi. Portelli jfittex il-paċi u s-serenità, minkejja dinja maħkuma mill-vjolenza.







## *M* ta' David Samuel Hudson, Horizons, 2024.

Dan hu rumanz ta' 200 paġna li jinqasam f'disa' partijiet ewlenin. Kull parti mbagħad tinqasam f'partijiet iqsar u dan żgur jgħin biex il-qarrej ma jegħjix jaqra. David Samuel Hudson jagħżel li jikteb fil-lingwa Ingliża u bis-saħħa t'hekk għandna każ ieħor fejn il-letteratura Maltija tista' titgawda anki minn dawk li ma jifhmux l-ilsien Malti. Però, l-awtur f'dan il-każ jinkludi wkoll bosta kliem, frażijiet u sentenzi bil-Malti biex ikompli jsaħħaħ l-isfond Malti, imma anki biex jistieden lil dawk li ma jafux dan l-ilsien jitgħallmu għallinqas ftit kliem u frażijiet. Fi kliem l-awtur stess *M* jikkummenta ħafna dwar l-użu tal-Malti u tal-Ingliż fil-kuntest Malti, u għalhekk id-djalogu użat fir-rumanz jirrifletti l-mod kif jitkellmu bosta mill-Maltin. Hawn naqraw dwar Damian Theuma li jemmen li huwa l-aqwa kittieb tal-ġenerazzjoni tiegħu. Wasal biex jispiċċa jikteb ir-rumanz fejn jiddeskrivi perfettament art twelidu: Malta. Jiġbor flimkien grupp ta' kittieba li jaħsbuha l-istess bit-tir li jeqred ix-xogħol tagħhom, imma din ix-xewqa terribbli tiegħu tikkumplika ruħha meta jieħu grazzja ma' kittieba fosthom. Bosta jistgħu jistaqsu l-'M' tat-titlu x'tista' tfisser. *M* hu rumanz dwar identità u x-xewqa li tinkiseb xi ħaġa ta' livell għoli, imma anki dwar Malta bħala gżira insulari u elużiva. Huwa wkoll dwar is-sitwazzjoni letterarja hawn Malta fejn jeżistu klikek partikulari, sens ta' elitiżmu fost xi wħud, lanzit, plaġjariżmu, u bosta bsaten fir-roti, kollha parti mill-istituzzjoni. *M* hu miktub minn xi ħadd li jista' jidher arroganti, 'jobgħod', imma fuq kollox iħobb lil art twelidu. Dwar il-kwistjoni tal-identità, Rupert, wieħed mill-iżgħar kittieba tal-grupp, isostni hekk: "The country in which you are born doesn't give you an identity. It steals it". U dan jintrabat max-xewqa kbira ta' Damian li jagħmel xi ħaġa oriġinali u ta' fejda, biex ismu jitnaqqax x'imkien fuq il-kuxjenza kollettiva ta' art twelidu, minkejja l-mentalità magħluqa tal-gżira mwaħħda ma' kwistjonijiet soċjali u politiċi. Temi oħra diskussi huma r-relazzjonijiet bejn il-missirijiet u l-ulied, l-omosesswalità, u l-ewwel imħabbiet.

## *ĊOFF ROŻA U KITBIET OĦRA* ta' Lina Brockdorff, Horizons, 2024.

Isem Lina Brockdorff jintrabat l-iktar mal-kitba tar-rumanz u tan-novella, apparti l-poeżija. Din id-darba qed tagħtina ġabra ta' dawk li ssejħilhom 'kitbiet' ladarba mhumiex novelli imma riflessjonijiet varji li għandhom ukoll mill-awtobijografija. Jinħass mill-ewwel li min qed jikteb hawn jaf kemm il-ħajja kif kienet fl-imgħoddi, u minkejja li misjur fiż-żmien, kif inhi l-ħajja llum bl-iżviluppi għall-aħjar jew għall-agħar tagħha. Fl-istil sempliċi, ċar, sinċier, u mexxej tagħha, Brockdorff spiss tindirizza direttament lill-qarrej, filwaqt li tikteb dwar aspetti differenti mill-ħajja ta' kuljum: mill-ferħ li għandha ġġib tarbija tifla fil-familja u l-fatt li r-raġel u l-mara qatt ma jistgħu jkunu l-istess minkejja li huma ndaqs; għax-xjuħija u l-ħin li ma jridx jgħaddi qabel l-irqad filgħaxija; mis-sabiħ tal-qari bħala avventura lesta tinfirex quddiemna bħala qarrejja, imma anki l-avventura li jidħol għaliha l-kittieba meta jiddeċiedi li jikteb rumanz; għar-relazzjoni bejn in-nanniet u n-neputijiet u l-importanza li tal-ewwel iżommu ruħhom aġġornati mal-kliem li jużaw il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar biex ma jitilfux kuntatt magħhom. F'kitbiet oħrajn Brockdorff tikteb b'mod divertenti dwar il-kunjomijiet Maltin "minn angolu differenti" u "b'interpretazzjoni nebbiexa", u dan permezz ta' ċertu umoriżmu u sens ta' ordni ladarba jirnexxilha tikkategorizza numru mdaqqas ta' kunjomijiet skont l-interpretazzjoni oriġinali tagħha. F'kitbiet oħra titlaq minn qawl, frażi għal qalbna l-Maltin, imkejjen partikolari li aħna lkoll familjari magħhom biex tinvolvina personalment, tistedinna nipparteċipaw f'kitbietha. Għal darb'oħra Lina taqsam magħna esperjenzi minn tagħha, iddaħħalna fid-dinja tagħha, li niskopru li hija anki d-dinja tagħna, u tqajjem fina għadd ta' tifkiriet jew tiġrib li għaddejna minnu jew għad irridu ngħaddu minnu. U dan kollu permezz ta' kitba mill-isbaħ, li sserraħ u tagħti gost, filwaqt li tgħinna nsiru nafu ftit iktar lil Lina Brockdorff bħala kittieba, bħala bniedma, u fuq kollox bħala ħlejqa mill-iktar għarfa u ġentili.




**_VIVID EYES/OCCHI VIVIDI/OCHI VII/ GĦAJNEJN ĦAJJIN_, ta' Patrick J. Sammut, Aliki Telesku u Alfred Massa, Horizons, 2024.**

Il-kollaborazzjoni bejn poeti differenti biex flimkien joħorġu ġabra ta' poeżiji ilha teżisti għal snin sħaħ. F'dinja globalizzata u diġitalizzata fejn l-internet ġab qrib xulxin pajjiżi minn partijiet differenti tad-dinja, żdiedet saħansitra l-kollaborazzjoni bejn kittieba u poeti ta' nazzjonalitjiet differenti. Din il-ġabra poetika ġdida tiġbor fiha l-poeżiji ta' tliet poeti, tnejn minn Malta, Alfred Massa - għal snin twal President u iktar tard President Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin - u Patrick J. Sammut, u poetessa Kroata li toqgħod Ċipru, Aliki Telesku. Il-poeżiji fil-parti l-kbira tagħhom huma bl-Ingliż u bit-Taljan, imma huma inklużi wkoll xi poeżiji tradotti mill-Ingliż għall-Malti, kif ukoll poeżiji tradotti mill-Ingliż jew Taljan għar-Rumen. It-traduzzjonijiet saru minn Aliku Telesju u Patrick J. Sammut stess. Għalhekk din il-ġabra poetika hija waħda multilingwali u tista' titgawda wkoll minn dawk li għadhom ma tgħallmux l-ilsien Malti. Dan hu anki ktieb li jpoġġi lill-poeżija Maltija fuq livell internazzjonali ladarba ż-żewġ poeti Maltin ħarġu għad-dawl il-poeżiji li kitbu bl-Ingliż jew bit-Taljan, filwaqt li jfakkar kemm hija importanti l-kollaborazzjoni bejn artisti - f'dal-każ poeti - minn artijiet differenti, imma anki l-għarfien ta' ilsna differenti li jgħinna nifhmu iktar lil u noqorbu iktar lejn xulxin. Il-ktieb għandu Daħla mill-kittieb, poeta u traduttur Alfred Palma, u jinkludi fih mhux biss poeżiji miktubin bil-vers ħieles mit-tliet poeti dwar suġġetti differenti, imma anki għadd imdaqqas ta' ħajku mill-pinna ta' Aliki Telesku u Patrick J. Sammut.




**_GĦARFIEN IL-ĦAJJA UMANA_, 'Knisja elfejn' nru 147, Pubblikazzjonijiet Dumnikani, Jannar-Marzu 2024.**

Għal darb'oħra edizzjoni ġdida ta' din ir-rivista enċiklopedika li toħroġ kull tliet xhur u li tittratta aspetti differenti bħalma huma l-morali, it-teoloġija, il-fidi u kwistjonijiet soċjali, dejjem minn perspettiva Nisranija. Din id-darba l-kontributuri huma tlettax, apparti l-editur stess Fr Raymond Gatt OP. Dr Michael Galea jikteb dwar l-iżvilupp psikiku, emottiv u soċjali tal-karattru; Roberta Farrugia Debono tittratta l-persuna u l-familja; Dr Nicholas Briffa jikteb dwar ir-relazzjonijiet romantiċi u s-sesswalità; Dr Vickie Gauci tittratta l-ħajja u l-persuna b'diżabbiltà; filwaqt li l-Prof. Fr Paul Galea jikteb dwar differenzi u konverġenzi bejn il-psikoloġija u r-reliġjon. Inklużi wkoll għadd ta' studji bl-Ingliż. Hekk Bernard Caruana jikteb dwar "Reprogramming our mind"; Fr Dunstan Xuereb jittratta "The changing world of adoloscence"; Dr Gottfried Catania jikteb dwar "Psychology at the workplace"; Pam Abela hi awtriċi ta' "Where are we going? The value of the presence, creativity and self-care in enhancing wellbeing"; u Fr Edgar Busuttuil SJ jikteb dwar "The respect due to human life from conception to death". Fr Joe Borg u l-Prof. Mary Anne Lauri huma koawturi ta' "'Online', therefore I am. Living in a hyperconnected world", filwaqt li Fr Justin Schembri Op hu awtur ta' "Conforming to Christ and not Hebel". L-editur, Fr Raymond Gatt OP fl-Editorjal jirnexxilu jagħraf l-elementi importanti li jgħaqqdu flimkien dawn l-istudji miktubin minn esperti differenti: il-familja u t-trobbija, ix-xogħol, il-mistrieħ, il-mezzi tal-komunikazzjoni, it-twemmin reliġjuż, u r-rispett tal-ħajja umana.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont